IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, XXX
[…](2013) XXX draft

# DOKUMENT TA’ ĦIDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI

## GWIDA PRATTIKA

## KWANTIFIKAZZJONI TAD-DANNU F’KAWŻI GĦAD-DANNI BBAŻATI FUQ KSUR TAL-ARTIKOLU 101 JEW 102 TAT-TRATTAT DWAR IL-FUNZJONAMENT TAL-UNJONI EWROPEA

*Li jakkumpanja l-*

**KOMUNIKAZZJONI MILL-KUMMISSJONI**

**fuq kwantifikazzjoni tad-dannu f’kawżi għad-danni bbażati fuq ksur tal-Artikolu 101 jew 102 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea**

## WERREJ

**Parti 1 — Kuntest u approċċ ġenerali għall-kwantifikazzjoni tad-dannu f'kawżi ta' kompetizzjoni ..... 1**

**I. Kuntest legali ..... 1**

A. Id-dritt għall-kumpens ..... 1

B. Regoli nazzjonali dwar il-kwantifikazzjoni u din il-Gwida Prattika ..... 1

**II. Approċċ ġenerali għall-kwantifikazzjoni tad-danni f'każijiet ta' kompetizzjoni 3**

**III. Sstruttura tal-Gwida Prattika ..... 5**

**Parti 2 — Metodi u Tekniki ..... 8**

**I. Ħarsa ġenerali ..... 8**

**II. Metodi bbażati fuq komparatur ..... 9**

A. Metodi għall-istabbiliment ta' xenarju ta' mingħajr ksur ..... 10

(1) Tqabbil matul iż-żmien fl-istess suq ..... 10

(2) Tqabbil ma' dejta minn swieq ġeografiċi oħra ..... 13

(3) Tqabbil ma' dejta minn swieq oħra tal-prodotti ..... 14

(4) Kombinazzjoni ta' tqabbil matul iż-żmien u bejn swieq differenti ..... 15

B. L-implimentazzjoni tal-metodu fil-prattika: tekniki għall-istima tal-prezz jew element ieħor varjabbli tal-interessi fix-xenarju ta' mingħajr ksur ..... 16

(1) Tekniki sempliċi: osservazzjonijiet tad-dejta individwali, medji, interpolazzjoni u aġġustamenti sempliċi ..... 16

(2) Analiżi tar-rigressjoni ..... 18

a. Kunċett u skop tal-analiżi tar-rigress ..... 18

b. Eżempji u illustrazzjonijiet ..... 20

c. Rekwiżiti għall-applikazzjoni tal-analiżi tar-rigress ..... 23

(3) Għażla ta' tekniki ..... 25

**III. Mudelli ta' simulazzjoni, analiżi bbażata fuq l-ispejjeż u metodi oħra ..... 27**

A. Mudelli ta' simulazzjoni ..... 27

B. Metodi bbażati fuq l-ispejjeż u l-finanzi ..... 30

C. Metodi oħra ..... 32

**IV. Għażla ta' metodi ..... 33**

**Parti 3 – Kwantifikazzjoni tad-dannu kkawżat minn żieda fil-prezzijiet ..... 35**

**I. Effetti ta' ksur għal żieda fil-prezzijiet ..... 35**

**II. Kwantifikazzjoni tal-overcharge ..... 37**

A. Kwantifikazzjoni tal-overcharges ikkawżati mill-kartelli ..... 37

(1) Effetti tal-kartelli ... 37
(2) L-overcharge tal-bidu mħallas mill-klijent dirett ... 39
a. Tqabbil matul iż-żmien ... 40
b. Metodi oħra bbażati fuq komparatur ... 42
(3) It-trasferiment tal-overcharges ... 43
B. Kwantifikazzjoni ta' overcharges ikkawżati minn tipi oħra ta' ksur li jwasslu għal dannu bl-overcharges ... 45
**III. Kwantifikazzjoni tad-dannu kkawżat mill-effett tal-volum ... 46**

**PARTI 4 — Kwantifikazzjoni tad-dannu minn prattiki ta' esklużjoni ... 48**
**I. Effetti ta' prattiki ta' esklużjoni ... 48**
**II. Kwantifikazzjoni tad-dannu għall-kompetituri ... 49**
A. Id-dimensjoni taż-żmien tal-prattiki ta' esklużjoni ... 49
B. Approċċ ġenerali għall-kwantifikazzjoni tal-profitti mitlufa ... 50
C. Kompetituri eżistenti ... 51
(1) Tqabbil matul iż-żmien ... 52
(2) Metodi oħra bbażati fuq komparatur ... 55
D. Dħul prekluż tal-kompetituri ... 55
E. Kumpens għal telf fil-futur ... 57
**III. Kwantifikazzjoni tad-dannu għall-klijenti ... 58**
A. Irkupru ... 58
B. Dannu għal kompetituri bħala klijenti ta' min iwettaq il-ksur ... 60

**Tabella ta' każijiet ikkwotati ... 61**

**DOKUMENT TA' ĦIDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI**

**GWIDA PRATTIKA**

# KWANTIFIKAZZJONI TAD-DANNU F'KAWŻI GĦAD-DANNI BBAŻATI FUQ KSUR TAL-ARTIKOLU 101 JEW 102 TAT-TRATTAT DWAR IL-FUNZJONAMENT TAL-UNJONI EWROPEA

*Li jakkumpanja l-*

**KOMUNIKAZZJONI MILL-KUMMISSJONI**

**fuq kwantifikazzjoni tad-dannu f'kawżi għad-danni bbażati fuq ksur tal-Artikolu 101 jew 102 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea**

**WERREJ**


| | | *Para.* |
|---|---|---|
| PARTI 1 | **APPROĊĊ ĠENERALI GĦALL-KWANTIFIKAZZJONI TAD-DANNI F'KAŻIJIET TA' KOMPETIZZJONI** | **1-25** |
| **I.** | **KUNTEST LEGALI** | **1-10** |
| *A.* | ***Id-dritt għall-kumpens***<br>Id-dritt għal kumpens fil-liġi tal-UE — prinċipji ta' effettività u ekwivalenza [1]. | *1-2* |
| *B.* | ***Regoli nazzjonali dwar il-Kwantifikazzjoni u din il-Gwida Prattika***<br>Ksur u l-kawżalità [3]; Kuntest nazzjonali u tal-UE għal talbiet għad-danni [4]; Approċċi prammatiċi fil-liġi nazzjonali [5]; L-għan tal-Linji Gwida [6]; Status legali tal-linji gwida [7-9]. | *3-10* |
| **II.** | **APPROĊĊ ĠENERALI GĦALL-KWANTIFIKAZZJONI TAD-DANNI F'KAŻIJIET TA' KOMPETIZZJONI**<br>Ambitu tal-kliem "kumpens għad-dannu mġarrab" [11,20]; "Xenarju ta' mingħajr ksur" [12]; Evidenza aċċessibbli għall-Qrati [14]; Passi importanti f'kwantifikazzjoni [13-15]; Inċertezzi inerenti f'kwantifikazzjoni tad-danni [16-17]. | **11-20** |
| **III.** | **STRUTTURA TAL-GWIDA PRATTIKA** | **21-25** |
| PARTI 2 | **IL-METODI U T-TEKNIKI** | **26-125** |
| **I.** | **ĦARSA ĠENERALI**<br>Ħarsa ġenerali lejn metodi differenti [27]; Metodi bbażati fuq komparatur [27]; Metodi oħra [28]. | **26-31** |
| **II.** | **METODI BBAŻATI FUQ KOMPARATUR**<br>Eżempju ta' analiżi bbażati fuq komparatur [32]; Vantaġġi ta' metodu bbażat fuq komparatur [37]. | **32-95** |
| *A.* | ***Metodi għall-istabbiliment ta' xenarju ta' mingħajr ksur*** | *38-58* |
| **(1)** | **Tqabbil matul iż-żmien fl-istess suq** | **38-48** |

| | | |
|---|---|---|
| | Punti ta' referenza għat-tqabbil differenti [39]; Aġġustamenti għad-dejta [40]; Għażla bejn approċċi differenti [43]; Tmiem tal-ksur [44]; Swieq oligopolistiċi [45]. | |
| (2) | **Tqabbil ma' dejta minn swieq ġeografiċi oħra**<br>Similarità suffiċjenti bejn swieq ġeografiċi [50]; Swieq ġirien[53]. | **49-53** |
| (3) | **Tqabbil ma' dejta minn swieq oħra tal-prodotti** | **54-55** |
| (4) | **Kombinazzjoni ta' tqabbil matul iż-żmien u bejn swieq differenti**<br>Il-metodu "Differenza fid-differenza" [56]; Il-Punti sodi u l-punti dgħajfa [58]. | **56-58** |
| ***B.*** | ***L-implimentazzjoni tal-metodu fil-prattika: tekniki għall-istima tal-prezz jew element ieħor varjabbli tal-interessi fix-xenarju ta' mingħajr ksur***<br>Possibbiltà li jintużaw dejta direttament disponibbli [60]; Bżonn ta' aġġustament (kawżi alternattivi) [61]; Għażla bejn approċċi differenti [62]. | ***59-95*** |
| (1) | **Tekniki sempliċi: osservazzjonijiet tad-dejta individwali, medji, interpolazzjoni u aġġustamenti sempliċi**<br>Dejta disponibbli [64]; Użu ta' medji [66]; Interpolazzjoni lineari [67]; l-identifikazzjoni ta' fatturi li jiddifferenzjaw [68]. | **63-68** |
| (2) | **Analiżi tar-rigressjoni** | **69-90** |
| *a.* | *Kunċett u skop tal-analiżi tar-rigress*<br>X'inhi l-analiżi tar-rigress? [69]; Tipi ta' analiżi ta' rigressjoni [71]. | *69-72* |
| *b.* | *Eżempji u illustrazzjonijiet*<br>Passi bażiċi f'analiżi ta' rigress [73-76]; l-analiżi tar-rigressjoni b'għadd ta' varjabbli (analiżi multivarjata) [77]; Approċċ ta' tbassir [80]. | *73-80* |
| *c.* | *Rekwiżiti għall-applikazzjoni tal-analiżi tar-rigressjoni*<br>Osservazzjonijiet tad-dejta [81-84]; li jindirizzaw l-inċertezzi (sinifikat statistiku) [87-88]; "analiżi ta' forma mnaqqsa" [90]. | *81-90* |
| (3) | **Għażla ta' tekniki**<br>Għażla ta' teknika għall-kwantifikazzjoni u kunsiderazzjonijiet ta' proporzjonalità [92-93]. | **91-95** |
| **III.** | **MUDELLI TA' SIMULAZZJONI, ANALIŻI BBAŻATA FUQ L-ISPEJJEŻ U METODI OĦRA** | **96-121** |
| ***A.*** | ***Mudelli ta' simulazzjoni***<br>Mudelli ta' swieq oligopolistiċi [98]; Użu ta' mudelli ta' simulazzjoni [100]; Eżempju [101-102]; Il-punti sodi u dawk dgħajfa fl-approċċ [103-105]. | ***97-105*** |
| ***B.*** | ***Metodi bbażati fuq l-ispejjeż u l-finanzi***<br>L-approċċ bażiku [107]; Id-determinazzjoni tal-limiti applikabbli [109]; Marġini ta' profitt [111]; Metodu bbażat fuq il-finanzi [114-118]. | ***106-118*** |
| ***C.*** | ***Metodi oħra*** | ***119-121*** |
| **IV.** | **GĦAŻLA TA' METODI** | **122-125** |
| **PARTI 3** | **KWANTIFIKAZZJONI TAD-DANNU KKAWŻAT MINN ŻIEDA FIL-PREZZIJIET** | **126-179** |
| **I.** | **EFFETTI TA' KSUR GĦAL ŻIEDA FIL-PREZZIJIET**<br>Il-klijenti diretti u indiretti [126]; Eżempji tal-ksur [127]; Żewġ tipi ta' danni: "overcharge" u "effett tal-volum"/"effett tal-kwantità" [128]. | **126-135** |
| **II.** | **KWANTIFIKAZZJONI TAL-OVERCHARGE** | **136-174** |

| | | |
|---|---|---|
| *A.* | ***Kwantifikazzjoni tal-overcharges ikkawżati mill-kartelli*** | ***137-171*** |
| (1) | **Effetti tal-kartelli**<br>Id-definizzjoni ta' infrazzjonijiet ta' kartell [139]; Informazzjoni empirika utli/studji ekonomiċi fuq effett globali tal-kartelli [141-145]. | **139-145** |
| (2) | **L-overcharge tal-bidu mħallas mill-klijent dirett**<br>Introduzzjoni ta' eżempju prattiku dwar dannu kkawżat mill-kartelli lill-klijenti diretti [147]. | **146-160** |
| *a.* | *Tqabbil matul iż-żmien*<br>Applikazzjoni ta' tqabbil matul iż-żmien fl-eżempju prattiku [149]; L-idoneità l-prezzijiet ta' wara l-ksur għal paragun [153]. | *149-154* |
| *b.* | *Metodi oħra bbażati fuq komparatur*<br>Paragun ma' prezzijiet minn suq ġeografiku differenti [155]; Paragun ma' prezzijiet minn suq ġeografiku differenti [160]; | *155-160* |
| (3) | **It-trasferiment tal-overcharges**<br>L-effett tat-trasferiment u t-tnaqqis fil-bejgħ/volum [162]; "Id-difiża tat-trasferiment" u azzjonijiet minn klijent indirett kontra min ikun responsabbli mill-ksur [164]; Approċċi għar-rikorrenti u l-konvenuti biex jissostanzjaw l-istqarrijiet tagħhom [166]; Il-karatteristiċi tas-suq li jistgħu jinfluwenzaw il-grad ta' trasferiment [167]. | **161-171** |
| *B.* | ***Kwantifikazzjoni ta' overcharges ikkawżati minn tipi oħra ta' ksur li jwasslu għal dannu bl-overcharges*** | ***172-174*** |
| **III.** | **KWANTIFIKAZZJONI TAD-DANNU KKAWŻAT MILL-EFFETT TAL-VOLUM** | **175-179** |
| **PARTI 4** | **KWANTIFIKAZZJONI TAD-DANNU MINN PRATTIKI TA' ESKLUŻJONI** | **180-216** |
| **I.** | **EFFETTI TA' PRATTIKI TA' ESKLUŻJONI**<br>Esklużjoni tal-kompetituri mis-suq: Esklużjoni [180]; Effetti ta' prattiki ta' esklużjoni [181-182]. | **180-183** |
| **II.** | **KWANTIFIKAZZJONI TAD-DANNU GĦALL-KOMPETITURI** | **184-208** |
| *A.* | ***Id-dimensjoni taż-żmien tal-prattiki ta' esklużjoni*** | ***185-187*** |
| *B.* | ***Approċċ ġenerali għall-kwantifikazzjoni tal-profitti mitlufa***<br>Il-bini tax-xenarju kontrofattwali [188]; Il-kalkolu tal-profitti mitlufa [189-190]; Possibbiltà biex jitressqu talbiet biss għal parti tal-ħsara sofferta [191]. | ***188-193*** |
| *C.* | ***Kompetituri eżistenti*** | ***194-199*** |
| (1) | **Tqabbil matul iż-żmien**<br>Eżempju prattiku [195-196]; L-użu ta' ishma tas-suq [197]. | **195-198** |
| (2) | **Metodi oħra bbażati fuq komparatur** | **199** |
| *D.* | ***Dħul prekluż tal-kompetituri***<br>Problemi speċifiċi [200]; Eżempju prattiku [202-204]; | ***200-205*** |
| *E.* | ***Kumpens għal telf fil-futur*** | ***206-208*** |
| **III.** | **KWANTIFIKAZZJONI TAD-DANNU GĦALL-KLIJENTI** | **209-216** |
| *A.* | ***Irkupru***<br>Eżempju f'attività predatorja każ [210-212]; Eżempju ta' kumpanija eskluża [213]. | ***210-214*** |

| | | |
|---|---|---|
| ***B.*** | ***Dannu għal kompetituri bħala klijenti ta' min iwettaq il-ksur*** | ***215-216*** |

| TABELLA TA' EŻEMPJI ILLUSTRATTIVI |
|---|
| ***Il-kartell tad-dqiq [32], [147]*** |
| ***Rifjut ta' forniment ta' input essenzjali għal solventi kummerċjali [194], [195], [196], [208]*** |
| ***Il-każ tat-tagħmir mediku [203], [205]*** |
| ***Ikupru f'każ ta' prezzar predatorju [211], [214]*** |

# Parti 1 — Kuntest u approċċ ġenerali għall-kwantifikazzjoni tad-dannu f'kawżi ta' kompetizzjoni

## I. KUNTEST LEGALI

### *A. Id-dritt għall-kumpens*

1. Kull min sofra xi dannu minħabba ksur tal-Artikoli 101 u 102 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) għandu dritt li jiġi kumpensat għal dak id-dannu. Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-UE qalet li dan id-dritt huwa garantit mil-liġi tal-UE.[1] Kumpens ifisser li l-parti li ġarrbet id-dannu terġa' titqiegħed fil-pożizzjoni li kienet tkun fiha kieku ma kienx hemm ksur. Għaldaqstant, il-kumpens jinkludi riparazzjoni mhux biss għad-dannu reali kkawżat (*damnum emergens)*, iżda wkoll għal telf ta' qligħ (*lucrum cessans*) u l-ħlas tal-interessi.[2] Dannu reali jfisser tnaqqis fl-assi ta' persuna; telf ta' qligħ ifisser li żieda f'dawk l-assi, li kienet isseħħ kieku ma seħħx il-ksur, ma saritx.[3]

2. Azzjonijiet ċivili għal kumpens huma ġeneralment deċiżi minn qrati nazzjonali.[4] Peress li ma hemmx regoli tal-UE li jirregolaw il-kwistjoni, hija kompetenza tas-sistema legali domestika ta' kull Stat Membru li tistabbilixxi regoli dettaljati dwar l-eżerċizzju tad-dritt għal kumpens garantit mid-dritt tal-UE. Dawn ir-regoli, madankollu, ma għandhomx jagħmluha eċċessivament diffiċli jew prattikament impossibbli li jiġu eżerċitati d-drittijiet mogħtija lill-individwi mid-dritt tal-UE (prinċipju tal-effikaċja), u ma għandhomx ikunu inqas favorevoli minn dawk li jirregolaw il-kawżi għad-danni għal ksur ta' jeddijiet simili mogħtija mid-dritt domestiku (prinċipju ta' ekwivalenza).[5]

### *B. Regoli nazzjonali dwar il-kwantifikazzjoni u din il-Gwida Prattika*

3. F'kawża għal kumpens għal dannu kkawżat minħabba ksur tal-Artikolu 101 jew 102 TFUE, il-qrati nazzjonali jridu jiddeterminaw jekk il-pretendent sofra ħsara minħabba l-ksur, u, jekk iva, l-ammont li għandu jingħata lir-rikorrent bħala

---

1 Il-Kawża C-453/99 *Courage* [2001] Ġabra I-6297, 26; il-Kawżi Konġunti minn C-295/04 sa C-298/04 *Manfredi* [2006] Ġabra I-6619, 60; il-Kawża C-360/09 I, [2011] Ġabra I-5161, 36 u l-Kawża C-199/11, *Il-Komunità Ewropea V. Otis NV u oħrajn*, [2012], li kienu għadhom ma ġewx irrappurtati. Dawn il-kawżi jikkonċernaw l-Artikolu101 TFUE (li qabel kien l-Artikolu 81); l-istess prinċipji madankollu japplikaw ukoll għall-Artikolu 102 TFEU (*ex* l-Artikolu 82 tat-Trattat tal-KE) — il-Kawża C-360/09 *Pfleiderer*, [2011] Ġabra I-5161, 36.

2 Il-Kawżi Konġunti minn C-295/04 sa C-298/04 *Manfredi* [2006] Ġabra I-6619, 95.

3 Ara l-Opinjoni tal-Avukat Ġenerali Capotorti fil-Kawża 238/78 *Ireks-Arkady GmbH v il-Kunsill u l-Kummissjoni* [1979] Ġabra 2955, 9.

4 Il-ġurisdizzjoni internazzjonali tal-qorti nazzjonali spiss hija ddeterminata bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 44/2001 tat-22 ta' Diċembru 2000 dwar ġurisdizzjoni u rikonoxximent u eżekuzzjoni ta' sentenzi f'materji ċivili u kummerċjali, ĠU L 12, 16.1.2001, p. 1. Dan ir-Regolament ġie riċentement sostitwit bir-Regolament (UE) Nru 1215/2012 tat-12 ta' Diċembru 2012 dwar ġurisdizzjoni u rikonoxximent u eżekuzzjoni ta' sentenzi f'materji ċivili u kummerċjali, ĠU L 351, 20.12.2012, p. 1, li fil-biċċa l-kbira tagħhom se jidħol fis-seħħ fl-10 ta' Jannar 2015. Il-liġi sostantiva applikabbli f'xi każ individwali ħafna drabi tiġi determinata mir-regoli tal-UE, partikolarment l-Artikolu 6 tar-Regolament 864/2007 dwar il-liġi applikabbli għall-obbligazzjonijiet mhux kuntrattwali, ĠU L 199, 31.7.2007, p.40. Ir-regoli proċedurali applikabbli ġeneralment ikunu dawk fis-seħħ fil-pajjiż tal-qorti li fih issir l-azzjoni (*lex fori).* Azzjonijiet għad-danni jistgħu jiġu deċiżi wkoll minn tribunali tal-arbitraġġ u mill-qrati ta' Stati li mhumiex membri tal-UE.

5 Il-Kawża C-453/99 *Courage* [2001] Ġabra I-6297, 29; il-Kawżi Konġunti minn C-295/04 sa C-298/04 *Manfredi* [2006] Ġabra I-6619, 62.

kumpens għal dik il-ħsara.[6] Din id-determinazzjoni — il-valutazzjoni u l-ippruvar tal-ammont tad-danni — hija spiss diffiċli.[7] Normalment, din id-determinazzjoni hija meħtieġa biss ladarba l-qorti nazzjonali tkun għamlet sejba dwar ir-rekwiżiti legali l-oħrajn għal talba għad-danni, b'mod partikolari sejba ta' ksur u r-rabta kawżali bejn din l-infrazzjoni u l-ħsara mġarrba minn min għamel it-talba.[8]

4. Il-qafas legali li fih il-qrati jittrattaw mal-kwantifikazzjoni tad-dannu hija mfissra skont il-liġi tal-UE u nazzjonali, fosthom regoli dwar:

- il-kapijiet tad-danni li għandhom jiġu kkumpensati u regoli ġenerali ta' responsabbiltà li jirregolaw tali talbiet għall-kumpens;
- rekwiżiti bħal kawżalità jew prossimità li jorbtu l-att illegali u d-dannu. Il-Qorti tal-Ġustizzja ċċarat f'dan ir-rigward li sakemm ma jkun hemm ebda regola fil-livell tal-UE dwar din il-kwistjoni, huwa f'idejn il-liġi nazzjonali biex jippreskrivu r-regoli dwar l-applikazzjoni tal-kunċett ta' "rabta kawżali", sakemm il-prinċipji tal-ekwivalenza u l-effettività jiġu osservati;[9]
- il-kwadru proċedurali li fih jiġu aġġudikati t-talbiet għad-danni. Ir-regoli nazzjonali tipikament jipprovdu għal allokazzjoni tal-oneru tal-prova u tar-responsabbiltajiet rispettivi tal-partijiet li jagħmlu sottomissjonijiet fattwali lill-qorti;[10]
- l-istandard tal-prova xieraq, li jista' jvarja bejn stadji differenti tal-proċedimenti, u li jista' jkun ukoll differenti għal kwistjonijiet ta' responsabbiltà għal danni u dawk dwar l-ammont tad-danni;
- safejn u kif il-qrati għandhom is-setgħa li jikkwantifikaw id-dannu kkawżat fuq il-bażi tal-aħjar stimi approssimattivi jew kunsiderazzjonijiet ekwitabbli; u
- l-ammissibbiltà u r-rwol tal-provi (u b'mod partikolari ta' provi esperti) fil-litigazzjoni ċivili u l-evalwazzjoni tagħha).

5. Fil-qafas legali rispettivi tagħhom, il-leġiżlaturi u l-qrati spiss adottaw approċċi prammatiċi biex jiddeterminaw l-ammont ta' danni li għandhom jingħataw, pereżempju, billi jiġu stabbiliti l-preżunzjonijiet. L-oneru tal-prova jista' jiċċaqlaq, pereżempju ladarba parti tkun provdiet ċertu ammont ta' fatti u provi. Barra minn hekk, id-dritt tal-Istati Membri jista' jipprovdi li l-profitt illegali li sar mill-impriża/i li wettqu l-ksur għandu rwol — jew direttament jew indirettament — fid-determinazzjoni tad-dannu soffert mill-partijiet danneġġjati.[11]

6. L-iskop ta' dan il-Gwida Prattika huwa li jpoġġi għad-dispożizzjoni tal-qrati u l-partijiet f'kawżi għad-danni tagħrif ekonomiku u prattiku li jista' jkun ta' użu meta

---

[6] Din il-Gwida Prattika hija kkonċernata biss bil-valutazzjoni tad-dannu fil-kuntest ta' talbiet għal kumpens finanzjarju. Filwaqt li dan id-dokument ma jkoprix speċifikament id-determinazzjoni tal-għoti tad-danni f'rimedji oħra tal-liġi ċivili, it-tagħrif tiegħu jista' jintuża biex issir tali determinazzjoni, b'mod partikolari fir-rigward ta' kawżi għar-restituzzjoni.

[7] Ara, f'iżjed dettall, il-paragrafi 11 *ff.* fit-Taqsima II hawn taħt.

[8] L-Artikolu 16 tar-Regolament 1/2003: Dan id-dokument ma jittrattax speċifikament il-kwistjoni dwar jekk ċerta prattika tiksirx l-Artikoli 101 jew 102 TFUE.

[9] Il-Kawżi Konġunti minn C-295/04 sa C-298/04 *Manfredi* [2006] Ġabra I-6619, 61, 64; il-Kawża C-453/99 *Courage* [2001] Ġabra I- 6297, 29.

[10] Ara, għal eżempju ta' tali distribuzzjoni ta' dan il-piż f'każijiet ta' kompetizzjoni, *Kammergericht Berlin* (Qorti Reġjonali Ogħla, Berlin), deċiżjoni tal-1 ta' Ottubru 2009, il-Kawża Nru 2 U 10/03 Kart (*Vitaminpreise*).

[11] Ara l-paragrafu 146 fil-Parti 3 hawn fuq.

jiġu applikati regoli u prattiki nazzjonali. Għal dan il-għan, il-Gwida Prattika tindika t-tagħrif dwar id-dannu kkawżat permezz ta' prattiki antikompetittivi projbiti bit-Trattat u l-informazzjoni dwar il-metodi u t-tekniki ewlenin disponibbli biex jikkwantifikaw dan id-dannu.[12] Gwida bħal din tista' tgħin ir-rikorrent jagħmel sottomissjonijiet fattwali lill-qorti dwar l-ammont tad-danni allegati u jistgħu jassistu l-konvenut f'nota l-pożizzjoni tiegħu vis-à-vis dawn is-sottomissjonijiet mill-pretendent. Il-gwida tista' tgħin ukoll lill-partijiet biex isibu riżoluzzjoni kunsenswali għat-tilwimiet tagħhom, kemm jekk ikunu fil-kuntest tal-proċedimenti ġudizzjarji kif ukoll jekk ikunu lil hinn minnhom jew mekkaniżmi ta' riżoluzzjoni tat-tilwimiet alternattivi.

7. Din il-Gwida prattika hija purament informattiva, ma torbotx il-qrati nazzjonali u ma jibdilx ir-regoli legali applikabbli fl-Istati Membri għal azzjonijiet ta' danni bbażati fuq il-ksur tal-Artikolu 101 jew 102 TFUE.[13]

8. B'mod partikolari, jekk l-użu ta' kwalunkwe minn u, jekk iva, mill-metodi u t-tekniċi deskritti f'din il-Gwida Prattika jitqiesu xierqa li jintużaw f'każ partikolari quddiem il-qrati tal-Istati Membri jiddependi mil-liġi nazzjonali applikata skont il-prinċipji tad-dritt tal-UE tal-effikaċja u l-ekwivalenza. Kunsiderazzjonijiet rilevanti f'dan ir-rigward aktarx jinkludu

– jekk ċertu metodu jew teknika jissodisfaw l-istandard meħtieġ skont il-liġi nazzjonali;

– jekk ikun hemm disponibbli biżżejjed dejta sabiex il-parti inkarigata bl-oneru tal-prova tapplika l-metodu jew teknika; u

– jekk il-piż u l-ispejjeż involuti jkunux proporzjonali għall-valur ta' d-danni inkwistjoni.

Jistgħu jqumu diffikultajiet eċċessivi fl-eżerċitar tad-dritt għad-danni garantit mid-dritt tal-UE u għaldaqstant tħassib fid-dawl tal-prinċipju tal-effikaċja, pereżempju, permezz ta' spejjeż sproporzjonati jew permezz ta' rekwiżiti onerużi żżejjed li jirrigwardaw il-livell ta' ċertezza u preċiżjoni tal-kwantifikazzjoni tad-dannu soffert.[14]

9. Xejn f'din il-Gwida Prattika magħandu jinftiehem li qed jargumenta kontra l-użu ta' approċċi iżjed prammatiċi, jew li qed jgħolli jew inaqqas l-oneru tal-prova jew il-livell ta' dettall ta' sottomissjonijiet fattwali meħtieġa mill-partijiet fis-sistemi legali tal-Istati Membri. Tabilħaqq, jista' jkun biżżejjed li l-partijiet jipprovdu fatti u evidenza dwar l-ammont tad-danni li huma anqas dettaljati minn dawn il-metodi u tekniki diskussi f'din il-Gwida Prattika.

10. Għandu jiġi osservat ukoll li t-tagħrif ekonomiku dwar il-ħsara kkawżata minn ksur tal-liġijiet tal-antitrust u l-metodi u t-tekniki għall-kwantifikazzjoni ta' dan id-dannu jistgħu jevolvu matul iż-żmien flimkien ma' riċerka teoretika u empirika u l-prattika ġudizzjarja f'dan il-qasam. Dan id-dokument għalhekk ma għandux jitqies bħala wieħed eżawrijenti.

---

12 Il-Kummissjoni sabet assistenza utli fil-preparazzjoni ta' din il-Gwida Prattika f'diversi studji li kkummissjonat kif ukoll fil-kummenti li rċeviet mingħand esperti esterni; ara http://ec.europa.eu/competition/antitrust/actionsdamages/index.html.

13 Lanqas ma jaffettwa d-drittijiet u l-obbligi tal-Istati Membri u l-persuni naturali jew ġuridiċi taħt il-liġi tal-UE.

14 Ara wkoll il-paragrafi 16 u 17 hawn taħt.

## II. APPROĊĊ ĠENERALI GĦALL-KWANTIFIKAZZJONI TAD-DANNI F'KAŻIJIET TA' KOMPETIZZJONI

11. Il-kumpens għad-dannu kkawżat għandu l-għan li jqiegħed lill-parti li ġarrbet id-dannu fil-pożizzjoni li kienet tkun fiha kieku l-ksur tal-Artikolu 101 jew 102 TFUE ma sarx: il-pożizzjoni attwali tal-parti li ġarrnet id-dannu tirrikjedi li titqabbel mal-pożizzjoni li kienet tkun fiha din il-parti kieku ma kienx għall-ksur. Din l-evalwazzjoni xi kultant tissejjaħ "but-for analysis".

12. Il-kwistjoni ewlenija fil-kwantifikazzjoni tad-danni fl-antitrust hi għaldaqstant li jiġi determinat x'kien probabbli jiġri mingħajr il-ksur. Din is-sitwazzjoni ipotetika ma tistax tiġi osservata direttament u huwa meħtieġ xi forma ta' stima biex jinbena xenarju ta' referenza realistiku li miegħu tista' titqabbel is-sitwazzjoni reali. Dan ix-xenarju ta' referenza jissejjaħ "ix-xenarju ta' mingħajr ksur" jew "ix-xenarju kontrafattwali".

13. F'każ speċifiku, il-punt tat-tluq biex jiġi stabbilit jekk il-ksur ipperikolax l-attur u, jekk iva, il-kwantum ta' dik il-ħsara, huma l-ispeċifiċitajiet ta' dan il-każ u l-evidenza għad-dispożizzjoni tal-Qorti (inklużi deċiżjonijiet mill-awtoritajiet tal-kompetizzjoni). Il-ksur (allegat) in kwistjoni u kif din jista' jaffettwa suq partikolari joqgħod fil-bidu ta' kull deċiżjoni dwar l-ammont ta' dannu kkawżat minn dan il-ksur.

14. Jista' jagħti l-każ li l-qrati nazzjonali, f'kawża partikolari, ipoġġu flimkien biċċiet ta' provi diretti rilevanti għall-kwantifikazzjoni tad-danni, bħal dokumenti preżentati minn impriża tal-ksur fil-kors tan-negozju li jirrigwarda żidiet miftehma fil-prezz u l-implimentazzjoni tagħhom jew il-valutazzjoni tal-iżvilupp tal-pożizzjoni tagħhom fis-suq. Evidenza bil-fomm mogħtija minn xhieda jistgħu jintużaw ukoll. Id-disponibbiltà ta' tali provi jista' jkollha rwol importanti meta qorti tiddeċiedi jekk kwalunkwe, u jekk inhu hekk liema, mill-metodi u t-tekniki stabbiliti hawn taħt jistgħux jintużaw minn parti biex tilħaq l-istandard meħtieġ ta' prova taħt il-liġi applikabbli.

15. It-tip ta' dannu li għalih ir-rikorrent jitlob kumpens jiddetermina liema tip ta' varjabbli ekonomiċi (bħal, pereżempju, prezzijiet, volumi tal-bejgħ, profitti, spejjeż jew ishma tas-suq) jeħtieġ li jiġu kkunsidrati. Pereżempju, f'kartell li jwassal għal prezzijiet ogħla għall-klijenti tal-kartellisti, irid jiġi stmat prezz ta' mingħajr ksur bħala punt ta' referenza sabiex għat-tqabbil mal-prezz li attwalment tħallas minn dawn il-klijenti. F'każ ta' abbuż ta' dominanza li wassal biex is-suq jingħalaq għall-kompetituri, il-profitti mitlufa minn dawn il-kompetituri jistgħu jitkejlu billi jitqabbel id-dħul attwali tagħhom u l-marġni tal-profitt mad-dħul u l-marġni tal-profitt li aktarx li kienu jiġġeneraw mingħajr il-ksur.

16. Huwa impossibbli li wieħed ikun jaf b'ċertezza kif is-suq kien jevolvi eżattament fl-assenza tal-ksur tal-Artikolu 101 jew 102 TFUE. Il-prezzijiet, il-volumi tal-bejgħ, u l-marġni tal-profitt jiddependu fuq firxa ta' fatturi u interazzjonijiet kumplessi bejn il-parteċipanti fis-suq li ma jiġux stmati faċilment. L-istima tax-xenarju tan-nuqqas ta' ksur ipotetiku għaldaqstant bħala definizzjoni tiddependi fuq numru ta' suppożizzjonijiet.[15] Fil-prattika, in-nuqqas ta' disponibbiltà jew l-inaċċessibbiltà tad-dejta spiss iwasslu għal din il-limitazzjoni intrinsika.

15 Il-limiti u l-implikazzjonijiet ta' tali valutazzjoni ta' sitwazzjoni ipotetika ġew rikonoxxuti mill-Qorti tal-Ġustizzja (fil-kuntest tal-kwantifikazzjoni tat-telf tal-qligħ f'azzjoni għal danni kontra l-Komunità Ewropea fis-settur agrikolu); "it-telf tal-qligħ huwa konsegwenza mhux ta' kalkolu matematiku

17. Għal dawn ir-raġunijiet, il-kwantifikazzjoni tad-dannu f'kawżi ta' kompetizzjoni hi, min-natura tagħha, soġġetta għal limiti konsiderevoli dwar il-livell ta' ċertezza u ta' preċiżjoni li jista' jkun mistenni. Ma jistax ikun hemm valur wieħed "veru" tad-dannu kkawżat li jista' jiġi determinat, iżda biss l-aħjar stimi bbażati fuq suppożizzjonijiet u approssimazzjonijiet.[16] Ir-regoli legali nazzjonali applikabbli u l-interpretazzjoni tagħhom għandhom jirriflettu dawn il-limiti inerenti fil-kwantifikazzjoni tad-dannu f'kawżi għad-dannu għal ksur tal-Artikoli 101 u 102 TFUE skont il-prinċipju tal-effikaċja li jinsab fid-dritt tal-UE sabiex l-eżerċizzju tal-jedd għad-danni garantit mit-Trattat ma jsirx prattikament impossibbli jew eċċessivament diffiċli.

18. Din il-Gwida Prattika tindika numru ta' metodi u tekniki li ġew żviluppati fi prattiki ekonomiċi u legali biex jiġi stabbilit xenarju ta' referenza adattat u sabiex jistma l-valur għall-varjabbli ekonomiku tal-interess (pereżempju, f'kartell tal-prezz, il-prezz li aktarx kien jinżamm għall-prodott kieku ma seħħx il-ksur).[17] Il-metodi u t-tekniki huma bbażati fuq approċċi differenti u jvarjaw f'termini tas-suppożizzjonijiet sottostanti u l-varjetà u d-dettall tad-dejta meħtieġa. Ivarjaw ukoll f'kemm jikkontrollaw fatturi oħra minbarra l-ksur li jistgħu jkunu affettwaw is-sitwazzjoni tar-rikorrent. B'konsegwenza, l-applikazzjoni ta' dawn il-metodi u tekniki tista' tkun ftit jew wisq diffiċli, tieħu ż-żmien u tinvolvi l-ispejjeż biex tiġi applikata.

19. Ladarba valur għall-varjabbli ekonomiku rilevanti (bħal prezzijiet, marġni tal-profitt, jew volumi tal-bejgħ) fix-xenarju ipotetiku ta' mingħajr ksur ikun ġie stmat, ikun hemm bżonn ta' tqabbil maċ-ċirkostanzi attwali (pereż. il-prezz attwalment imħallas mill-parti li ġarrbet id-dannu) għall-kwantifikazzjoni tad-dannu kkawżat mill-ksur tal-Artikolu 101 jew 102 TFUE.

20. Iż-żieda tal-interessi trid tiġi kkunsidrata wkoll. L-għoti ta' interess huwa komponent essenzjali tal-kumpens. Kif enfasizzat il-Qorti tal-Ġustizzja, il-kumpens sħiħ għad-dannu sofrut għandu jinkludi r-riparazzjoni tal-effetti negattivi li rriżultaw miż-żmien li għadda minn meta seħħ id-dannu kkawżat mill-ksur.[18] Dawn l-effetti huma l-iżvalutazzjoni monetarja[19] u l-opportunità mitlufa għall-parti li ġarrbet id-dannu li jkollha l-kapital għad-dispożizzjoni tagħha.[20] Id-dritt nazzjonali jista' jkopri dawn l-effetti fil-forma ta' interess statutarju jew forom oħra ta' interessi, sakemm ikunu konformi mal-prinċipji msemmija ta' effikaċja u ekwivalenza.

---

sempliċi iżda ta' stima u evalwazzjoni ta' dejta ekonomiċi kumplessi. Il-Qorti tal-Ġustizzja għalhekk ikollha tevalwa l-attivitajiet ekonomiċi li huma l-iżjed ta' natura ipotetika. Bħal qorti nazzjonali, għaldaqstant, għandha diskrezzjoni kbira kemm fir-rigward tal-figuri u tad-dejta statistiċi li għandhom jintgħażlu u anki, fuq kollox, dwar il-mod ta' kif għandhom jintużaw biex jiġu kkalkulati u evalwati d-danni", ara l-Kawżi Konġunti C-104/89 u C-37/90 *Mulder u oħrajn v il-Kunsill u l-Kummissjoni* [2000] Ġabra I-203, 79.

16 Għal eżempju ta' rikostruzzjoni kontrofattwali minn qorti nazzjonali u l-kwistjonijiet li jqumu mis-suppożizzjonijiet sottostanti ara pereżempju d-Deċiżjoni tal-*Competition Appeal Tribunal* tat-28 ta' Marzu 2013, il-Kawża Nru 1166/5/7/10 (*Albion Water Limited v Dŵr Cymru Cyfyngedig*).

17 Ara l-Parti 2 hawn taħt.

18 Il-Kawża C-271/91 *Marshall* [1993] ECR I-4367, 31; il-Kawżi Konġunti minn C-295/04 sa C-298/04 *Manfredi* [2006] Ġabra I-6619, 97; Il-Kummissjoni Ewropea, White Paper dwar kawżi ta' danni għal ksur tar-regoli tal-antitrust KE (COM(2008) 165), it-Taqsima 2.5 u d-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni (SEC(2008) 404), paragrafu 187.

19 Il-Kawża C-308/87 *Grifoni* II [1994] ECR I-341, 40; L-Opinjoni tal-Avukat Ġenerali Tesauro fil-Kawża C-308/87 *Grifoni* II [1994] Ġabra I-341, 25; il-Kawżi Konġunti C-104/89 u C-37/90 *Mulder u oħrajn v il-Kunsill u l-Kummissjoni* [2000] Ġabra I-203, 51. Fil-kuntest ta' telf tal-kapaċità tax-xiri, ara l-Kawżi Konġunti T-17/89, T-21/89 u T-25/89 *Brazzelli Lualdi* [1992] Ġabra II-293, 40.

20 Ara l-opinjoni tal-Avukat Ġenerali Saggio fil-Kawżi Konġunti C-104/89 u C-37/90 *Mulder u oħrajn v il-Kunsill u l-Kummissjoni* [2000] Ġabra I-203, 105.

## III. STRUTTURA TAL-GWIDA PRATTIKA

21. Il-bażi ta' talba għad-danni hi s-sottomissjoni li ksur tal-Artikolu 101 jew 102 TFUE affettwa negattivament is-sitwazzjoni tar-rikorrent. B'mod ġenerali, jistgħu jiġu distinti żewġ kategoriji prinċipali ta' effetti negattivi ta' dan il-ksur.

(a) Ksur jista' jirriżulta f'żieda fil-prezzijiet mħallsa mill-klijenti ta' impriżi tal-ksur.[21] Fost il-ksur li jkollu dan l-effett, hemm ksur tal-kartell tal-Artikolu 101 TFUE, bħal l-iffissar tal-prezz, il-qsim tas-suq jew kartelli għal-limitazzjoni tal-produzzjoni. Ukoll, abbużi esplojtattivi skont it-tifsira tal-Artikolu 102 TFUE jista' jkollhom l-istess effett.

Meta l-prezzijiet jiġu mgħollijin il-klijenti li jixtru l-prodott jew servizz[22] affettwat iħallsu overcharge. Barra minn hekk, żieda fil-prezzijiet tista' twassal ukoll għal inqas domanda u tista' tfisser telf ta' profitti għal klijenti li jużaw il-prodott għall-attivitajiet kummerċjali tagħhom.[23]

(b) L-impriżi jistgħu wkoll jiksru l-Artikoli 101 u 102 TFUE bi prattiki illegali li jeskludu l-kompetituri minn suq jew billi jnaqqsu s-sehem tas-suq tagħhom.[24] Eżempji tipiċi huma abbużi ta' pożizzjoni dominanti permezz ta' pressjoni fuq il-marġni, prezzijiet predatorji jew bejgħ abbinat, jew ċerti ftehimiet ta' esklużività vertikali bejn fornituri u distributuri li jiksru l-liġi tal-kompetizzjoni.[25] Dawn il-prattiki għandhom effett sinifikanti fuq il-kompetituri, li jsofru dannu għax jitilfu opportunitajiet ta' negozju u profitti f'dan is-suq. Meta l-esklużjoni tal-kompetituri tirnexxi u l-pressjoni kompetittiva f'suq tonqos, il-klijenti jsofru dannu wkoll, tipikament permezz ta' żieda fil-prezzijiet.

22. Il-ksur tal-Artikoli 101 u 102 TFUE jista' jkollu wkoll iżjed effetti negattivi, pereżempju impatti negattivi fuq il-kwalità tal-prodott u l-innovazzjoni. Il-Gwida Prattika tiffoka fuq żewġ kategoriji prinċipali ta' dannu u l-kategoriji ta' partijiet[26] danneġġati deskritti fil-paragrafu 21. Il-metodi u t-tekniki deskritti fil-Gwida Prattika jistgħu, minkejja dan, ikunu rilevanti wkoll f'kawżi għad-danni li jikkonċernaw tipi oħra ta' dannu u partijiet oħra li ġarrbu d-danni.

23. Il-Parti 3 tal-Gwida Prattika tindirizza speċifikament il-kwantifikazzjoni tat-tip ta' dannu msemmi fil-paragrafu 21(a). Din il-parti tinkludi deskrizzjoni tal-effetti bażiċi fuq is-suq ta' żidiet fil-prezz li jirriżultaw minn ksur u turi kif dawn it-tipi ta' dannu (b'mod partikolari d-dannu li jirriżulta mill-ħlas ta' overcharge u d-dannu assoċjat ma' tnaqqis fid-domanda) jistgħu jiġu kwantifikati.

24. Il-Parti 4 tal-Gwida Prattika tindirizza speċifikament il-kwantifikazzjoni tat-tip ta' dannu msemmi fil-paragrafu 21(b). Din il-parti tinkludi deskrizzjoni tal-effetti

---

21 Meta l-ksur ikun jolqot l-attività tax-xiri tal-impriżi li jwettqu l-ksur, l-effett korrispondenti jkun it-tnaqqis fil-prezzijiet tax-xiri li dawn l-impriżi jkollhom iħallsu lill-fornituri tagħhom. Ara l-paragrafu 134 fil-Parti 3, it-Taqsima 1 għal iżjed dettalji.

22 Biex l-affarijiet jiġu preżentati b'mod faċli, f'dan li ġej se ssir referenza biss għal "prodotti" affettwati minn ksur, li madankollu għandha tinftiehem bħala li jirreferu wkoll għas-"servizzi" affettwati.

23 Ara l-paragrafi 128 *ff.* fil-Parti 3, it-Taqsima I għal iżjed dettalji.

24 Il-Kawża C-209/10 *Post Danmark*, li għadha ma ġietx ippubblikata, 22, 23 u 24.

25 Ftehimiet vertikali huma dawk konklużi bejn impriżi minn livelli differenti tal-katina tal-provvista.

26 Il-Gwida Prattika ma tindirizzax speċifikament is-sitwazzjoni ta' persuni oħra minbarra dawk deskritti fil-paragrafi (a) u (b) tal-paragrafu 21, għalkemm persuni oħra (bħal fornituri ta' min iwettaq il-ksur jew il-klijenti ta' kompetituri li jobdu l-liġi ta' min iwettaq il-ksur) jistgħu jsofru dannu wkoll minn ksur li jwassal għal overcharges tal-prezzijiet jew l-esklużjoni tal-kompetituri; ara wkoll in-nota tal-qiegħ 107.

possibbli tal-esklużjoni tal-kompetituri minn suq u turi permezz ta' eżempji kif dawn it-tipi ta' dannu (jiġifieri t-telf ta' profitt tal-kompetitur eskluż u d-dannu għall-klijenti) jistgħu jiġu kwantifikati.

25. Il-metodi u t-tekniki ewlenin disponibbli biex jikkwantifikaw id-dannu li jirriżulta minn ksur tal-Artikolu 101 jew 102 TFUE huma komuni għal kull xorta ta' dannu kkawżat minn dan il-ksur. Il-Parti 2 tal-Gwida Prattika għalhekk tipprovdi ħarsa ġenerali ta' dawn il-metodi u tekniki, u tagħti iżjed informazzjoni dwar is-suppożizzjonijiet bażiċi li fuqhom joqogħdu dawn il-metodi u tispjega l-applikazzjoni tagħhom fil-prattika.

# Parti 2 — Metodi u Tekniki

## I. ĦARSA ĠENERALI

26. Hemm diversi metodi disponibbli sabiex jinħoloq xenarju ta' nuqqas ta' ksur għall-iskopijiet tal-kwantifikazzjoni tad-dannu f'kawżi għad-danni f'każijiet ta' kompetizzjoni.

27. Il-metodi l-iżjed użati mill-partijiet u l-qrati jistmaw x'kien jiġri mingħajr il-ksur billi jħarsu lejn il-perjodi taż-żmien qabel jew wara l-ksur jew lejn swieq oħra li ma ġewx affettwati mill-ksur. Dawn il-metodi bbażati fuq komparatur jieħdu d-dejta (prezzijiet, volumi tal-bejgħ, marġni tal-profitt jew varjabbli ekonomiċi oħra) osservati fil-perjodu mhux affettwat jew fuq is-swieq mhux affettwati bħala indikazzjoni tax-xenarju ipotetiku mingħajr il-ksur. L-implimentazzjoni ta' dawn il-metodi hi xi drabi rfinata bl-użu ta' tekniki ekonometriċi, li tikkombina t-teorija ekonomika ma' metodi statistiċi jew kwantitattivi li jidentifikaw u jkejlu r-relazzjonijiet ekonomiċi bejn il-fatturi varjabbli. Diversi metodi bbażati fuq komparatur u tekniki għall-implimentazzjoni ta' dawn il-metodi huma deskritti fit-Taqsima II hawn taħt (il-paragrafi minn 32 sa 95).

28. Metodi oħra minbarra dawk ibbażati fuq komparatur huma indirizzati fit-Taqsima III hawn taħt (il-paragrafi minn 96 sa 121). Wieħed minn dawn il-metodi juża mudelli ekonomiċi mdaħħla fis-suq attwali biex jissimula r-riżultat probabbli fis-suq li kien iseħħ mingħajr il-ksur. Dawn il-mudelli huma bbażati fuq teorija ekonomika biex jispjegaw il-funzjonament probabbli ta' suq fid-dawl tal-karatteristiċi ewlenin tiegħu (pereż. in-numru ta' kompetituri, il-mod ta' kif kienu jikkompetu ma' xulxin, il-livell ta' divrenzjar tal-prodott, ostakli għad-dħul fis-suq). Aktar metodi jinkludu l-metodu bbażat fuq l-ispejjeż, li juża spejjeż tal-produzzjoni għall-prodott affettwat u żieda għal marġni ta' profitt "raġonevoli" biex jipprovdi stima tax-xenarju ipotetiku mingħajr ksur jew l-finanzi approċċi li jieħdu l-prestazzjoni finanzjarja tal-applikant jew lill-konvenut bħala punt tat-tluq.

29. Kull wieħed minn dawn il-metodi u tekniki għandu karatteristiċi, punti pożittivi u nuqqasijiet partikolari li jagħmlu iżjed jew inqas adattati biex jistmaw id-dannu sofrut f'sett partikolari ta' ċirkostanzi. B'mod partikolari, ivarjaw fil-livell li jistrieħu fuq dejta li huma r-riżultat ta' interazzjonijiet attwali fis-suq jew fuq suppożizzjonijiet ibbażati fuq teorija ekonomika u fil-livell safejn jikkontrollaw għal fatturi oħra minbarra l-ksur li setgħu affettwaw ir-rikorrent għad-danni. Barra minn hekk, il-metodi u t-tekniki jvarjaw fil-livell li huma sempliċi biex jintużaw u fl-ammont ta' dejta meħtieġa.

30. Filwaqt li dawn il-metodi għandhom l-għan li jissimulaw kif is-suq inkwistjoni kien jevolvi kieku ma kienx hemm il-ksur, provi iżjed diretti disponibbli lill-partijiet u lill-qorti (pereżempju, dokumenti interni tal-impriżi tal-ksur dwar żidiet miftiehma fil-prezz) jistgħu jipprovdu wkoll, skont regoli legali nazzjonali applikabbli, informazzjoni utli għall-valutazzjoni tal-ammont ta' danni f'każ partikolari.[27]

---

[27] Ara, għal eżempju ta' dan l-approċċ, *Oberlandesgericht Karlsruhe* (Qorti Reġjonali Superjuri, Karlsruhe), sentenza tal-11 ta' Ġunju 2010, il-Kawża Nru 6 U 118/05 (l-appell għadu pendenti), fejn żidiet fil-prezz speċifikament miftehma tal-impriżi li jwettqu l-ksur f'kartell ġew użati, skont regoli legali applikabbli dwar id-distribuzzjoni tad-determinazzjoni tal-fatti u l-istabbiliment ta' provi *prima facie*, sabiex jiġi determinat l-għoti tad-danni. Din il-Parti tad-Deċiżjoni ġiet ikkonfermata fl-appell mill-*Bundesgerichtshof* (Qorti Federali tal-Ġustizzja), sentenza tat-28 ta' Ġunju 2011, il-Kawża Nru KZR 75/10.

31. It-Taqsima IV hawn taħt tistabbilixxi l-kunsiderazzjonijiet fuq l-għażla tal-metodu, li normalment tiddependi fuq il-karatteristiċi speċifiċi ta' dak il-każ u fuq ir-rekwiżiti skont il-liġi applikabbli.

## II. Metodi bbażati fuq komparatur

32. Sabiex wieħed japprezza kif metodi bbażati fuq komparatur jaħdmu fil-prattika, hu utli li jiġi kkunsidrat eżempju (kompletament fittizju) ta' kawża għad-danni bbażata fuq kartell ipotetiku li jikser l-Artikolu 101 TFUE.[28]

| Il-kartell tad-dqiq |
|---|
| Nassumu li l-kumpaniji kollha tat-tħin fi Stat Membru partikolari jkunu nstabu, mill-awtorità tal-kompetizzjoni nazzjonali, li ffissaw bejniethom il-prezzijiet għat-tħin taċ-ċereali u l-produzzjoni tad-dqiq. |
| Forn li regolarment kien jixtri d-dqiq fis-snin riċenti jiftaħ kawża għad-danni kontra waħda mill-kumpaniji tat-tħin. Il-forn jissottometti li l-ksur wassal għal żieda illegali fil-prezzijiet għad-dqiq li xtara minn dik il-kumpanija tat-tħin. Il-forn jitlob kumpens għal dan l-overcharge fil-prezz li ħallas matul is-snin li għaddew. |

33. Il-kwistjoni ewlenija fir-rigward tal-kwantifikazzjoni tad-dannu fl-eżempju msemmi hi li jiġi determinat xi prezz il-forn rikorrent kien se jħallas għad-dqiq kieku ma kien hemm l-ebda ksur. Jekk jintuża metodu bbażat fuq komparatur biex isir dan, dawn il-metodi jqabblu l-prezz fix-xenarju tal-ksur ma' xenarju ta' mingħajr ksur li hu stabbilit fuq il-bażi ta' dejta osservati dwar il-prezzijiet jew:

- fl-istess suq fi żmien qabel u/jew wara l-ksur (1); jew
- f'suq ġeografiku differenti iżda simili (2); jew
- f'suq ta' prodott differenti iżda simili (3).

Hu possibbli wkoll li jiġi kkombinat tqabbil matul iż-żmien ma' tqabbil fuq swieq ġeografiċi jew ta' prodotti differenti (4).

34. Fl-eżempju tal-kartell tad-dqiq, l-applikazzjoni tal-metodi tiffoka fuq il-prezz. Madankollu, hu bl-istess mod possibbli li jintużaw dawn il-metodi biex jistmaw varjabbli ekonomiċi oħra bħal ishma tas-suq, il-marġni tal-profitt, ir-rata ta' ritorn fuq il-kapital, il-valur tal-assi, jew il-livell tal-ispejjeż ta' impriża. Liema varjabbli ekonomiku jista' b'mod utli jitqies għall-finijiet tal-kwantifikazzjoni tad-danni jiddependi fuq iċ-ċirkostanzi tal-każ inkwistjoni.

35. Id-dejta użati f'tali tqabbil bejn suq u ieħor jew fuq perjodu taż-żmien jistgħu jkunu dejta relatati mas-suq sħiħ (jiġifieri l-medja tal-prezz għal dqiq impost fuq il-fran kollha li joperaw f'suq ġeografiku viċin) jew dejta relatati ma' ċerti parteċipanti tas-suq speċifiċi biss (jiġifieri il-prezz impost għal dqiq lil ċerti gruppi ta' klijenti bħal xerrejja bl-ingrossa li joperaw f'suq viċin).

36. Jista' jkun xieraq ukoll, b'mod partikolari f'każijiet li jikkonċernaw prattiki ta' esklużjoni, li titqabbel id-dejta relatata ma' parteċipant fis-suq wieħed biss. Eżempju għal tali tqabbil bejn kumpaniji individwali, jiġifieri l-parti li ġarrbet id-dannu u ditta ta' komparatur li hi simili biżżejjed, jista' jkun it-tqabbil bejn il-profitti miksuba minn kumpanija li qed tipprova tidħol f'suq ġdid fejn kienet tiffaċċja prattiki ta' esklużjoni bi ksur tar-regoli tal-kompetizzjoni tal-UE u l-profitti li parteċipant ġdid

[28] Dan l-eżempju hu żviluppat iżjed fil-paragrafu 147.

komparabbli kiseb f'suq ġeografiku differenti iżda simili mingħajr ma jkun affettwat minn prattiki antikompetittivi. It-Taqsimiet minn A.1 sa 4 hawn taħt ikopru t-tqabbil ma' dejta aggregati tas-suq u dejta fil-livell tad-ditti.[29]

37. Is-saħħa tal-metodi kollha bbażati fuq komparatur tinsab fil-fatt li dawn jużaw dejta tal-ħajja reali li huma osservati fl-istess suq jew f'wieħed simili.[30] Il-metodi bbażati fuq komparatur joqogħdu fuq il-premessa li x-xenarju ta' komparatur jista' jitqies rappreżentattiv tax-xenarju probabbli u li d-differenza bejn id-dejta tal-ksur u d-dejta magħżulin bħala komparatur hija minħabba l-ksur. Karatteristiċi importanti tas-suq li jistgħu jaqdu rwol deċiżiv sabiex jikkunsidraw Jekk iż-żewġt iswieq huma simili biżżejjed huma l-gradi ta' kompetizzjoni u konċentrazzjoni f'dawk is-swieq, spiża u karatteristiċi tad-domanda u l-ostakoli tad-dħul. Jekk il-livell ta' similarità bejn il-ksur u s-swieq tal-komparatur jew il-perjodi taż-żmien huwiex meqjus suffiċjenti sabiex titwettaq kwantifikazzjoni tad-dannu, jiddependi fuq is-sistemi legali nazzjonali.[31] Meta jeżistu differenzi sinifikanti bejn il-perjodi taż-żmien jew is-swieq ikkunsidrati, diversi tekniki jkunu disponibbli biex ikopru dawn id-differenzi.[32]

## *A. Metodi għall-istabbiliment ta' xenarju ta' mingħajr ksur*

### (1) Tqabbil matul iż-żmien fl-istess suq

38. Metodu li hu spiss użat jikkonsisti fit-tqabbil tas-sitwazzjoni reali matul il-perjodu meta l-ksur ipproduċa l-effett mas-sitwazzjoni fl-istess suq qabel il-ksur ipproduċa effetti jew wara li kienu ntemmu.[33] Pereżempju, meta impriża tkun abbużat mill-pożizzjoni dominanti tagħha billi eskludiet kompetitur mis-suq matul l-2004 u l-2005, il-metodu jista' jħares lejn pereż. il-profitti ta' kompetitur matul il-perjodu tal-ksur u l-profitti tiegħu fl-2002 u l-2003 meta kien għad ma hemmx ksur.[34] Eżempju ieħor ikun kartell għall-iffissar tal-prezzijiet (bħall-eżempju tal-kartell tad-dqiq imsemmi hawn fuq) li dam mill-2005 sal-2007 meta l-metodu seta' jqabbel il-prezz imħallas mill-klijenti tal-kartell tul il-perjodu tal-ksur mal-prezz imħallas mill-klijenti f'perjodu wara l-ksur, pereż. fl-2008 u l-2009.[35]

---

29 It-tqabbil ma' dejta fil-livell tad-ditti ta' kumpanija oħra jista', teoretikament, isir mhux biss għal kumpaniji li joperaw f'suq ġeografiku jew ta' prodott ieħor kif diskuss fit-Taqsimiet 2-4 hawn taħt, iżda wkoll għal dejta ta' kumpaniji li joperaw fl-istess suq tal-prodott u ġeografiku bħall-parti li ġarrbet id-dannu. Fil-prattika, dan it-tqabbil bejn is-swieq ma jilgħabx rwol sinifikanti, possibilment minħabba li fl-istess suq jista' jkun diffiċli li tinstab kumpanija komparabbli b'mod xieraq li ma kinitx affettwata mill-ksur. Dawn it-taqsimiet għaldaqstant ma jkomplux jiddiskutu dan it-tqabbil f'suq.

30 Dan l-aspett hu enfasizzat, pereżempju, mis-sentenza *Bundesgerichtshof* (Qorti Federali tal-Ġustizzja, il-Ġermanja) tad-19 ta' Ġunju 2007, il-Kawża Nru KBR 12/07 (*Paper Wholesale Cartel*)..

31 Għal aktar dettalji ara l-paragrafu 94. Għal eżempju ta' kwistjonijiet li jistgħu jinqalgħu meta tiġi valutata l-komparabilità tad-dejta ara pereżempju *Tribunal Administratif de Paris* (Il-Qorti Amministrattiva ta' Pariġi), sentenza tas-27 ta' Marzu 2009, (*SNCF V Bouygues*).

32 Għal iktar dettall, ara l-paragrafi 59-95 fit-Taqsima B hawn taħt.

33 Ara, pereżempju, *Corte d'Appello di Milano* (Qorti tal-Appell, Milan), sentenza tal-11 ta' Lulju 2003, (*Bluvacanze*) u *Corte d'Appello di Milano* (Qorti tal-Appell, Milan), sentenza tat-3 ta' Frar 2000, il-Kawża Nru I, 308 (*Inaz Paghe v Associazione Nazionale Consulenti del Lavoro*) (fiż-żewġ każijiet, tqabbil qabel, waqt u wara); *Landgericht Dortmund* (Qorti Reġjonali, Dortmund), sentenza tal-1 ta' April 2004, il-Kawża Nru 13 O 55/02 Kart (*Vitaminpreise*) (tqabbil waqt u wara); *Landesgericht für Zivilrechtssachen Graz* (Qorti Ċivili Reġjonali ta' Graz), sentenza tas-17 ta' Awwissu 2007, il-Kawża Nru 17 R 91/07 p (*Skola tas-sewqan*) (aċċettazzjoni ta' tqabbil waqt u wara).

34 Għal eżempji iżjed dettaljati tal-applikazzjoni tal-metodu f'każijiet ta' prattiki ta' esklużjoni, ara l-Parti 4 hawn taħt.

35 Għal eżempji iżjed dettaljati tal-applikazzjoni tal-metodu f'każijiet ta' ksur li jwasslu għal overcharge fil-prezz, ara l-Parti 3 hawn taħt.

39. Fil-prinċipju, hemm tliet punti ta' referenza differenti li jistgħu jintużaw għat-tqabbil matul iż-żmien:[36]

- perjodu mhux affettwat ta' qabel il-ksur (tqabbil "qabel u matul" — fl-eżempju tal-kartell tad-dqiq: tqabbil tal-prezzijiet imħallsa għad-dqiq fl-istess suq fl-Istat Membru *qabel* il-ksur kellu l-effetti ma' dawk affettwati mill-ksur);
- perjodu mhux affettwat ta' *wara* l-ksur (tqabbil "matul u wara" — fl-eżempju tal-kartell tad-dqiq: tqabbil tal-prezzijiet affettwati mill-ksur ma' prezzijiet imħallsa fl-istess suq *wara* li jkun intemm il-ksur); u
- kemm perjodu mhux affettwat *qabel* u *wara* l-ksur (tqabbil "qabel, matul u wara").

40. Li ssir għażla infurmata tal-perjodu ta' referenza u t-tip ta' dejta normalment tkun tirrikjedi għarfien tajjeb tal-industrija inkwistjoni u jkollha tieħu każ speċifiku inkwistjoni bħala punt tat-tluq. L-għażla tkun influwenzata wkoll mid-disponibbiltà tad-dejta u r-rekwiżiti tar-regoli applikabbli dwar l-istandard u l-oneru tal-prova.

41. Vantaġġ tal-metodi kollha li jqabblu, matul iż-żmien, dejta mill-istess suq ġeografiku u tal-prodotti hu li l-karatteristiċi tas-suq bħal-livell ta' kompetizzjoni, struttura tas-suq, spejjeż u karatteristiċi tad-domanda jistgħu jkunu iżjed komparabbli milli fi tqabbil ma' swieq differenti tal-prodott jew ġeografiċi.

42. Madankollu, anki fi tqabbil matul iż-żmien, jiġri li xi differenzi bejn iż-żewġ settijiet ta' dejta ma jkunux dovuti biss għall-ksur. F'dawn il-każijiet, jista' jkun xieraq li jsiru aġġustamenti għad-dejta osservata fil-perjodu komparatur biex ikopru għal differenzi mal-perjodu tal-ksur[37] jew biex jintgħażel perjodu jew suq ta' komparatur differenti. Pereżempju, fil-każ ta' ksur li jkollu effetti fit-tul, is-suppożizzjoni li pereż. il-prezzijiet ta' 10 snin ilu kienu se jibqgħu l-istess matul iż-żmien kieku ma kienx hemm il-ksur hija probabbilment b'saħħitha wisq u tista' twassal pereżempju għal għażla ta' tqabbil mal-perjodu ta' qabel il-ksur *u* l-perjodu ta' wara l-ksur. F'każijiet ta' perjodi ta' ksur twal, jista' jkun xieraq ukoll li jiġu indirizzati kwistjonijiet prattiċi ta' komparabbiltà ta' dejta li jirriżultaw minn bidliet fil-mod kif id-dejta ġew irreġistrati mill-kumpaniji (pereż. bidliet fi prattiki tal-kontabilità jew bidliet fis-softwer tal-organizzazzjoni tad-dejta).

43. Meta d-dejta jkunu disponibbli, l-għażla bejn tqabbil "qabel u matul", "matul u wara" jew "qabel, matul u wara" tista' tiġi determinata b'firxa ta' fatturi. Huwa verament improbabbli li jinstab xi perjodu ta' referenza fejn iċ-ċirkostanzi tas-suq jirrappreżentaw eżattament x'kien jiġri fil-perjodu ta' ksur kieku l-ksur ma seħħx. Huwa possibbli biss li jiġi identifikat perjodu taż-żmien simili biżżejjed li jippermetti li xenarju probabbli ta' mingħajr ksur jiġi raġonevolment approssimizzat. Fatturi li għandhom jiġu kkunsidrati f'dan il-kuntest jistgħu jinkludu inċertezzi dwar liema perjodi taż-żmien ma kinux affettwati mill-ksur. Xi ksur jibda, jew jieqaf, gradwalment; u spiss jeżistu dubji dwar il-bidu eżatt ta' ksur u, b'mod partikolari, l-effetti li jipproduċi. Id-deċiżjonijiet tal-awtoritajiet tal-kompetizzjoni regolarment isemmu provi li l-ksur seta' beda qabel il-perjodu stabbilit bħala l-perjodu ta' ksur

[36] Il-metodu ta' tqabbil matul iż-żmien hu msejjaħ ukoll "il-metodu qabel-wara" jew "il-metodu tal-punt ta' riferiment".

[37] Dwar tali aġġustamenti u, b'mod partikolari, il-possibbiltà tal-użu ta' analiżi ta' rigress, ara l-paragrafi 59-95 fit-Taqsima B hawn taħt.

għall-finijiet tad-deċiżjoni.[38] L-analiżi ekonometrika tad-dejta osservata tista' tkun mod ta' kif jiġi identifikat meta l-effetti tal-ksur bdew jew waqfu.

44. It-tmiem ta' ksur u l-effetti tiegħu jistgħu jiġu stabbiliti iżjed faċilment milli l-bidu tiegħu, iżda anki hawn jistgħu jqumu inċertezzi dwar jekk il-perjodu minnufih wara t-tmiem tal-ksur huwiex affettwat mill-imġiba antikompetittiva.[39] Pereżempju, meta jkun hemm xi dewmien sakemm il-kundizzjonijiet tas-suq jirritornaw għal livell mhux ta' ksur, l-użu ta' dejta mill-perjodu minnufih wara l-ksur jista' jwassal għal sottovalutazzjoni tal-effett tal-ksur. Jista' jkun ukoll li l-prezzijiet ikunu, għal perjodu qasir wara t-tmiem tal-kartell, partikolarment baxxi għax il-kumpaniji jistgħu temporanjament jinvolvu ruħhom fi strateġiji ta' prezzijiet aggressivi sakemm jintlaħaq l-ekwilibriju "normali", jiġifieri mhux ta' ksur fis-suq.

45. Speċifikament fi swieq oligopolistiċi, tista' tinħoloq kwistjoni oħra, jiġifieri li l-parteċipanti f'kartell jistgħu jużaw l-għarfien miksub permezz tal-operazzjoni tal-kartell biex jikkoordinaw l-imġiba tagħhom wara mingħajr ma jiksru l-Artikolu 101. F'tali sitwazzjoni, il-prezzijiet ta' wara l-ksur aktarx li jkunu ogħla milli kienu jkunu kieku ma seħħx il-ksur u jistgħu jservu biss biex issir stima lower-bound tad-dannu kkawżat. Il-perjodu ta' qabel il-ksur jista' jkun punt ta' referenza iżjed adattat meta l-karatteristiċi tas-suq ċentrali jkunu nbidlu radikalment lejn l-aħħar tal-perjodu tal-ksur minħabba fatturi esterni (pereż. żieda qawwija fl-ispejjeż tal-materja prima jew żieda fid-domanda għall-prodott).[40]

46. Minkejja dan, anki meta jkun hemm dubji dwar jekk ċertu perjodu qabel jew wara l-ksur ġiex affettwat jew le mill-ksur, dan il-perjodu jista', bħala prinċipju, xorta jservi bħala perjodu ta' referenza sabiex tinkiseb stima sigura tad-dannu li mill-inqas kien ikun sofrut (stima "lower-bound" jew "dannu minimu").[41]

47. F'ċerti ċirkostanzi, ix-xenarju ta' mingħajr ksur jista' jkun stmat kif xieraq fuq il-bażi ta' żewġ perjodi ta' referenza (qabel u wara l-ksur), pereżempju, bl-użu tal-medja minn dawn il-perjodi jew bl-użu ta' tekniki oħra biex jirriflettu tendenza fl-iżvilupp taċ-ċirkostanzi tas-suq matul il-ksur.[42] Id-dejta ta' qabel il-ksur tista' tintuża wkoll bħala l-perjodu ta' referenza sa ċertu punt matul il-ksur meta tkun seħħet bidla sinifikanti fiċ-ċirkostanzi tas-suq, u d-dejta ta' wara l-ksur bħala perjodu ta' referenza għaż-żmien li jiġi wara.

48. Anki l-għażla tad-dejta tista' tikkontribwixxi biex tinbena bażi simili biżżejjed għat-tqabbil: jista' jkun hemm sitwazzjonijiet fejn id-dejta aggregata bħal medji tal-prezzijiet fl-industrija (jew medji għal ċerti gruppi ta' ditti) ikunu rappreżentattivi

---

38 Hu possibbli li awtorità tal-kompetizzjoni tillimita s-sejbien ta' ksur għal ċertu perjodu, filwaqt li l-ksur seta' kellu tul ta' żmien itwal.

39 Ara s-sentenza tal-*Oberlandesgericht Karlsruhe* (Qorti Reġjonali Superjuri, Karlsruhe) tal-11 ta' Ġunju 2010 fil-Kawża Nru 6 U 118/05, għal eżempju meta qorti nazzjonali ddeċidiet li l-prezzijiet imposti fil-ħames xhur wara li ntemm il-ksur kienu għadhom influwenzati mill-kartell.

40 Għall-perjodu qasir tal-ksur wara tali bidla, id-dejta ta' wara l-ksur jistgħu jkunu l-komparatur iżjed xieraq għax jistgħu jirriflettu aħjar il-karatteristiċi tas-suq wara l-bidla. Madankollu, meta l-bidla fil-karatteristiċi tas-suq tkun ikkawżata mill-ksur innifsu (pereż. meta minħabba esklużjoni antikompetittiva, diversi kompetituri jkunu ħarġu mis-suq), il-perjodu ta' wara l-ksur ovvjament mhux komparatur xieraq biex jevalwa s-sitwazzjoni li kienet tkun teżisti mingħajr il-ksur.

41 Jekk waqt il-ksur, fatturi esterni jwasslu għal tnaqqis fil-prezzijiet (pereż. tnaqqis drastiku fl-ispejjeż tal-input ta' min iwettaq il-ksur), l-inferenza ta' stima lower-bound tista' tiġi kkontestata.

42 Pereżempju, interpolazzjoni jew analiżi tar-rigress. Biex dawn it-tekniki differenti jimplimentaw metodi bbażati fuq komparatur, ara l-paragrafi 59-95 fit-Taqsima B hawn taħt.

biżżejjed,[43] filwaqt li f'sitwazzjonijiet oħra, ikun iżjed xieraq li jintużaw biss dejta minn tranżazzjonijiet ta' qabel jew ta' wara l-ksur mill-kumpanija li ġarrbet id-dannu jew dejta medji marbutin ma' kumpaniji simili. Pereżempju, meta l-parti li ġarrbet id-dannu tkun tappartjeni għal grupp speċifiku ta' parteċipanti fis-suq bħal klijenti bl-ingrossa (kuntrarju għal klijenti finali), il-prezzijiet ta' qabel jew ta' wara l-ksur imposti fuq il-klijenti bl-ingrossa jistgħu jkunu punt ta' referenza xieraq.

**(2) Tqabbil ma' dejta minn swieq ġeografiċi oħra**

49. Metodu ieħor ibbażat fuq komparatur jikkonsisti fl-osservazzjoni ta' dejta minn suq ġeografiku ieħor[44] għall-iskop li jiġi stmat xenarju mingħajr ksur.[45] Dawn jistgħu jkunu dejta osservati fuq is-suq komparatur ġeografiku kollu jew dejta osservati b'rabta ma' ċerti parteċipanti fis-suq biss. Pereżempju, fl-eżempju ta' kartell tad-dqiq imsemmi fil-paragrafu 32, il-prezzijiet imħallsa mill-forn rikorrent matul il-perjodu tal-ksur jitqabblu mal-prezzijiet imħallsa bħala medja minn fran simili, f'suq ġeografiku differenti mhux milqut mill-ksur. L-istess tip ta' tqabbil jista' jsir fir-rigward ta' kwalunkwe tip ieħor ta' element ekonomiku varjabbli, pereż. l-ishma tas-suq, il-marġni tal-profitt, ir-rata ta' ritorn fuq il-kapital, il-valur tal-assi, jew il-livell tal-ispejjeż bħala impriża. Tqabbil mal-prestazzjoni kummerċjali tad-ditti attivi fuq suq ġeografiku ieħor li mhuwiex affettwat mill-ksur[46] għandu jkun partikolarment rilevanti f'każijiet ta' mġiba ta' esklużjoni.

50. Iżjed ma suq ġeografiku jkun simili (minbarra l-effetti tal-ksur) għas-suq affettwat mill-ksur, iżjed ikun probabbli li jkun xieraq bħala suq komparatur. Dan ifisser li l-prodotti nnegozjati fiż-żewġ swieq ġeografiċi għandhom ikunu l-istess jew, għall-inqas, ikunu simili biżżejjed. Barra minn hekk, il-karatteristiċi kompetittivi tas-suq ġeografiku komparatur għandhom ikunu simili għall-karatteristiċi tas-suq affettwat minbarra għall-ksur. Dan jista' fil-fatt ikun suq li mhuwiex perfettament kompetittiv.

51. Il-metodu tal-użu ta' swieq ġeografiċi komparaturi għall-kisba ta' xenarju mingħajr ksur hu, fil-prattika, użat l-iżjed meta l-ksur ikun jikkonċerna swieq ġeografiċi li

---

43 Għal iżjed dettall dwar l-użu tal-medji fl-implimentazzjoni ta' approċċi bbażati fuq komparatur, ara l-paragrafu 70 fil-Parti 2, it-Taqsima II hawn taħt.

44 Għall-kunċetti tas-suq (ġeografiku u tal-prodott) rilevanti, ara l-Avviż tal-Kummissjoni dwar id-definizzjoni tas-suq rilevanti għall-finijiet tal-liġi tal-kompetizzjoni fil-Komunità, ĠU C 372, 9.12.1997, p. 5.

45 Dan il-metodu hu msejjaħ ukoll bħala l-"metodu yardstick" jew il-"metodu trasversali". Dawn it-termini huma użati wkoll biex jirreferu għall-metodi bbażati fuq komparatur iżda jħarsu lejn id-dejta osservata fi swieq ta' prodotti differenti iżda simili, ara l-paragrafi 54-55 fit-Taqsima 3 hawn taħt.
Għal eżempji tal-użu tal-metodu bbażat fuq il-komparatur li jħares lejn swieq ġeografiċi differenti ara, pereżempju, *Cour d'Appel de Paris* (Qorti tal-Appell, Pariġi), sentenza tat-23 ta' Ġunju 2003 (*Lescarcelle-De Memoris v OGF*); *Juzgado Mercantil numero 5 de Madrid* (Qorti Kummerċjali, Madrid), sentenza tal-11 ta' Novembru 2005, il-Kawża Nru 85/2005 (Conduit-Europe, S.A. v *Telefónica de España S.A.*), ikkonfermata minn *Audiencia Provincial de Madrid* (Qorti tal-Appell, Madrid), sentenza tal-25 ta' Mejju 2006, il-Kawża Nru 73/2006; *Bundesgerichtshof* (Qorti Federali tal-Ġustizzja, il-Ġermanja), sentenza tad-19 ta' Ġunju 2007, il-Kawża Nru KBR 12/07 (*Paper Wholesale Cartel*) (fil-kuntest tal-istima tal-qligħ illegali minn kartellisti għall-finijiet tal-kalkolu ta' multa).

46 Id-ditta komparatur tista', bħala prinċipju, tkun ukoll ditta attiva fis-suq tal-ksur sakemm il-prestazzjoni tagħha ma tkunx influwenzata b'mod sinifikanti mill-imġiba ta' esklużjoni. Anki jekk id-ditta komparatur ma kinitx direttament affettwata mill-ksur, xorta setgħet ġiet indirettament affettwata, pereż. billi tikseb ishma fis-suq mingħand kompetitur li ġie eskluż. Ir-riskju li wieħed ikun direttament jew indirettament influwenzat mill-ksur hu iżjed baxx jekk it-tqabbil jitwettaq b'rabta ma' ditta simili attiva f'suq ġeografiku ieħor. Karatteristiċi li jistgħu jkunu rilevanti meta titqies is-similarità adegwata tad-ditti jinkludu d-daqs tagħhom, l-istruttura tal-ispejjeż, il-klijenti u karatteristiċi tal-prodott li jbigħu.

huma lokali, reġjonali jew nazzjonali fl-ambitu tagħhom.[47] Meta s-suq tal-ksur u s-suq ġeografiku komparatur ikunu żoni viċin xulxin, possibilment f'pajjiż wieħed, jista' jkun hemm probabbiltà miżjuda li dawn huma simili biżżejjed għall-finijiet ta' tqabbil.[48]

52. Is-suq komparatur mhux dejjem irid ikun simili biżżejjed kollu kemm hu. Meta, pereżempju, il-prezzijiet imħallsa minn grupp wieħed ta' klijenti (pereż. bejjiegħa bl-ingrossa) jew il-profitti magħmula minn kumpannija kompetitriċi waħda (pereż. parteċipant ġdid) fis-suq komparatur jintużaw bħala referenza, huwa importanti li l-pożizzjoni tas-suq ta' dan il-grupp ta' klijenti jew dan il-kompetitur tkun simili biżżejjed għal dik tal-parti li ġarrbet id-dannu fis-suq tal-ksur.

53. L-għażla ta' suq komparatur ġeografiku tista' tiġi influwenzata wkoll minn inċertezzi dwar l-ambitu ġeografiku tal-ksur. Is-swieq ġeografiċi li fihom seħħ l-istess ksur jew ksur simili, bħala prinċipju, mhumiex kandidati tajbin biex jintużaw bħala swieq komparaturi. Barra minn hekk, is-swieq viċin li fihom ma seħħx ksur simili xorta setgħu ġew influwenzati mill-prattiki antikompetittivi fis-suq tal-ksur (pereż. minħabba li l-prezzijiet fis-suq viċin ġew miżjuda fid-dawl tal-prezzijiet miżjuda fis-suq tal-ksur u inqas pressjoni kompetittiva li ħarġet minn dan is-suq). Tqabbil ma' dawn is-swieq ma jurix il-livell sħiħ tad-dannu kkawżat, iżda jista', minkejja dan, jikkostitwixxi bażi utli biex tiġi stabbilita stima lower-bound tad-dannu kkawżat fis-suq tal-ksur. Dan ifisser li parti f'kawża għad-danni jista', bħala prinċipju, tagħżel li b'mod sikur toqgħod fuq it-tqabbil ma' suq ġeografiku li kien influwenzat mill-istess ksur jew ksur simili, b'mod partikolari fejn din l-influwenza aktarx li kienet żgħira ħafna.

**(3) Tqabbil ma' dejta minn swieq oħra tal-prodotti**

54. Simili għat-tqabbil ma' swieq ġeografiċi huwa l-approċċ li wieħed iħares lejn suq ta' prodott differenti b'karatteristiċi tas-suq simili[49].[50] Pereżempju, f'każ ta' mġiba ta' esklużjoni li parzjalment teskludi kumpanija li tbigħ prodott wieħed, il-marġni tal-profitt iġġenerat minn dik il-kumpanija fis-suq tal-ksur jista' jitqabbel mal-marġni tal-profitt għal prodott ieħor li hu nnegozjat (minn kumpanija simili jew mill-istess kumpanija) f'suq ta' prodott differenti iżda simili.

55. Il-kunsiderazzjonijiet diskussi fil-kuntest ta' suq komparatur ġeografiku, *mutatis mutandis*, aktarx li jkunu rilevanti għall-għażla ta' suq ta' prodott komparatur adattat. Spiss ikunu marbuta mal-livell ta' similarità bejn iż-żewġt iswieq tal-prodotti. B'mod partikolari, il-prodott komparatur għandu jintgħażel b'attenzjoni u billi tiġi kkunsidrata n-natura tal-prodotti mqabbla, il-mod kif jiġu nnegozjati u l-karatteristiċi tas-suq pereż. f'termini ta' numru ta' kompetituri, l-istruttura tal-ispejjeż tagħhom u kemm il-klijenti jifilħu jixtru.[51] L-inċertezzi dwar jekk suq ta' prodott komparatur

---

47 Jista', madankollu, jintuża wkoll meta s-suq rilevanti jkun usa' minn dak nazzjonali sakemm ikun jista' jiġi identifikat suq komparatur simili biżżejjed.

48 Ara, madankollu, l-paragrafu 53 hawn taħt.

49 Għall-kunċetti tas-suq (ġeografiku u tal-prodott) rilevanti, ara l-Avviż tal-Kummissjoni dwar id-definizzjoni tas-suq rilevanti għall-finijiet tal-liġi tal-kompetizzjoni fil-Komunità, ĠU C 372, 9.12.1997, p. 5.

50 Dan il-metodu hu xi kultant imsejjaħ ukoll bħala l-"metodu yardstick" jew "il-metodu trasversali" (bħalma l-metodu bbażat fuq il-komparatur iħares lejn is-swieq ġeografiċi differenti).

51 Is-similarità ta' karatteristiċi tas-suq tista' tkun iżjed probabbli jekk iż-żewġ prodotti mqabbla jiġu nnegozjati fl-istess suq ġeografiku. Madankollu, iċ-ċirkostanzi jistgħu anki jkunu simili biżżejjed meta jitqabblu l-istess prodotti jew prodotti simili minn swieq ġeografiċi differenti.

potenzjali ġiex affettwat mill-ksur jew ksur simili tal-Artikolu 101 jew 102 TFUE jista' jkollhom rwol ukoll.

**(4) Kombinazzjoni ta' tqabbil matul iż-żmien u bejn swieq differenti**

56. Meta jkun hemm biżżejjed dejta disponibbli, jista' jkun possibbli li jiġi kkombinat tqabbil matul iż-żmien u bejn swieq differenti. Dan l-approċċ xi kultant jissejjaħ il-metodu tad-"differenza fid-differenzi" għax iħares lejn l-iżvilupp tal-element ekonomiku varjabbli rilevanti (pereż. il-prezz għad-dqiq) fis-suq tal-ksur matul ċertu perjodu (differenza matul iż-żmien fis-suq tal-ksur) u jqabblu mal-iżvilupp tal-istess varjabbli matul l-istess perjodu taż-żmien fuq suq komparatur mhux affettwat (differenza tul iż-żmien fis-suq ta' mingħajr ksur).[52] It-tqabbil juri d-differenza bejn dawn iż-żewġ differenzi matul iż-żmien. Dan jagħti stima tal-bidla fil-varjabbli kkawżata mill-ksur u jeskludi dawk il-fatturi kollha li affettwaw kemm il-ksur u kif ukoll is-suq komparatur bl-istess mod. Il-metodu hu għaldaqstant mod biex jiġu iżolati l-effetti tal-ksur mill-influwenzi l-oħra fuq il-varjabbli rilevanti komuni għaż-żewġ swieq.

57. Eżempju sempliċi li joħroġ mill-kartell tad-dqiq imsemmi hawn fuq jista' juri l-metodu: nassumu li tqabbil qabel, waqt u wara jiżvela żieda fil-prezz ta' EUR 40 kull borża dqiq ta' 100 kg fl-Istat Membru fejn il-kartell ikun seħħ bejn l-2005 u l-2008. Meta wieħed iħares lejn suq ġeografiku mhux affettwat fuq l-istess perjodu, dan jista' juri li l-prezzijiet għad-dqiq żdiedu b'EUR 10 kull borża ta' 100 kg minħabba spejjeż miżjuda għal prodott ta' input (ċereali). Jekk wieħed jassumi li l-ispejjeż miżjuda tal-input kienu jikkonċernaw ukoll is-suq tal-ksur, tqabbil tal-iżvilupp differenti tal-prezzijiet fuq is-suq tal-ksur u s-suq komparatur jindikaw id-differenza fil-prezzijiet ikkawżata mill-kartell tad-dqiq. Fl-eżempju, dan ikun EUR 30 kull unità.

58. Is-saħħa tal-metodu tad-"differenza fid-differenzi" għaldaqstant hi li tista' tnaqqas il-bidliet mhux relatati mal-ksur li seħħ matul l-istess perjodu taż-żmien tal-ksur.[53] Madankollu, jiddependi ħafna fuq il-preżunzjoni li dawn il-bidliet l-oħra affettwaw iż-żewġt iswieq b'mod simili.[54] Il-kunsiderazzjonijiet bejn l-applikazzjoni tal-metodi tat-tqabbil matul iż-żmien u metodi bejn swieq differenti, b'mod partikolari l-bżonn għal biżżejjed similarità fis-suq inkwistjoni, huma rilevanti wkoll għall-metodu tad-differenza fid-differenzi. Minn aspett prattiku, dan il-metodu normalment jirrikjedi firxa ta' dejta minn swieq differenti u perjodi taż-żmien li mhux dejjem ikunu faċli li jinkisbu; inqas ammonti ta' dejta jistgħu, madankollu, xorta waħda jippermettu li jinkisbu stimi lower-bound jew stimi approssimattivi.[55]

---

52 Dan jista' jkun suq komparatur ġeografiku jew ta' prodott.

53 Meta mqabbla ma' tqabbil sempliċi bejn is-swieq, id-differenza fil-metodu tad-differenzi għandha wkoll il-vantaġġ tal-filtrazzjoni tad-differenzi fissi bejn is-swieq bħal differenzi minħabba spejjeż ta' input iżied baxxi b'mod kostanti f'wieħed mis-swieq.

54 Jekk, pereżempju, żdiet fil-prezzijiet mhux relatati mal-ksur kienu ogħla fis-suq affettwat milli fis-suq komparatur waqt il-perjodu tal-ksur, l-applikazzjoni tal-metodu tad-differenza fid-differenzi bl-użu ta' medji sempliċi tkun tagħti stima għolja żżejjed tad-danni. Implimentazzjoni ekonometrika tat-teknika tad-differenza fid-differenzi tista' tgħin il-kontroll għal dawn il-fatturi.

55 Ara, għal eżempju ta' qorti nazzjonali li tistabbilixxi lower bound meta tistma l-ammont tad-danni (għalkemm ma jużawx il-metodu tad-differenza fid-differenzi, iżda l-metodu tat-tqabbil fuq iż-żmien), *Kammergericht Berlin* (Qorti Reġjonali Ogħla, Berlin), sentenza tal-1 ta' Ottubru 2009, il-Kawża Nru 2 U 10/03 Kart.

**B. *L-implimentazzjoni tal-metodu fil-prattika: tekniki għall-istima tal-prezz jew element ieħor varjabbli tal-interessi fix-xenarju ta' mingħajr ksur***

59. Ladarba metodu xieraq ibbażat fuq komparatur għall-istabbiliment ta' xenarju mingħajr ksur jkun intgħażel, diversi tekniki huma disponibbli biex jimplimentaw dan il-metodu fil-prattika. Dawn it-tekniki jvarjaw l-iżjed f'kemm joqogħdu fuq dejta individwali jew medji (pereż. osservazzjonijiet tal-prezzijiet), u fil-livell li fih id-dejta osservati fis-suq[56] jew perjodu komparatur ikunu soġġetti għal iżjed aġġustament. B'konsegwenza ta' dan, dawn it-tekniki jvarjaw fl-ammont ta' dejta li jirrikjedu sabiex jitwettqu.

60. Possibbiltà waħda fl-implimentazzjoni ta' metodi bbażati fuq komparatur hi l-użu ta' dejta ta' komparatur direttament fil-forma li fiha jiġu osservati u biex jiġi stmat fuq din il-bażi valur għall-varjabbli ekonomiku li qed jiġi kkunsidrat fix-xenarju mingħajr ksur (pereż., fl-eżempju ta' hawn fuq, il-prezz tad-dqiq). Meta jkun hemm disponibbli iżjed minn osservazzjoni waħda tad-dejta (pereż., il-prezz tad-dqiq f'firxa ta' tranżazzjonijiet fuq suq komparatur ġeografiku), jistgħu jiġu kkombinati permezz ta' kalkolu tal-medji f'valur wieħed jew iżjed għax-xenarju mingħajr ksur. Dan il-valur(i) medju(i) għax-xenarji mingħajr ksur jistgħu mbagħad jiġu mqabbla mal-valur(i) medju(i) li fil-fatt jiġu osservati matul il-ksur, pereż. il-prezzijiet li fil-fatt tħallsu għad-dqiq (ara f'iżjed dettall fit-Taqsima 1 hawn taħt).

61. Meta ċerti fatturi (bħal żieda fil-prezzijiet tal-materja prima) jkunu influwenzaw biss il-komparatur jew is-suq jew il-perjodu tal-ksur biss, għandu jiġi kkunsidrat, skont l-istandard tal-prova meħtieġ u skont ir-regoli applikabbli dwar il-kawżalità, jekk hemmx bżonn isiru aġġustamenti għad-dejta osservati sabiex ikopru dawn l-influwenzi. Dawn jistgħu jkunu aġġustamenti sempliċi fid-dejta f'każijiet fejn il-fattur influwenti u l-kobor tal-effetti tiegħu jistgħu b'mod relattivament faċli jiġu aċċertati u kkunsidrati (ara t-Taqsima 1 hawn taħt). Aġġustamenti iżjed sofistikati ta' dejta komparaturi osservati jistgħu jinkisbu fuq il-bażi ta' tekniki ekonometriċi, b'mod partikolari permezz tal-użu ta' analiżi ta' rigress, li hu deskritt fit-Taqsima 2 hawn taħt. Jekk ikunx l-oneru tal-konvenut jew ir-rikorrent li jagħmel, jiġġustifika u jġib provi ta' tali aġġustamenti hija kwistjoni ta' liġi applikabbli.[57]

62. F'każ speċifiku, l-għażla bejn dawn it-tekniki differenti tiddependi fuq iċ-ċirkostanzi speċifiċi tal-każ u r-regoli legali applikabbli, filwaqt li jiġu kkunsidrati l-vantaġġi u l-iżvantaġġi differenti ta' dawn it-tekniki, pereżempju fir-rigward tal-eżattezza u l-preċiżjoni tagħhom u r-rekwiżiti tad-dejta li jitolbu (ara t-Taqsima 3 hawn taħt).

**(1) Tekniki sempliċi: osservazzjonijiet tad-dejta individwali, medji, interpolazzjoni u aġġustamenti sempliċi**

63. Skont ir-rekwiżiti taħt il-liġi nazzjonali applikabbli u ċ-ċirkostanzi tal-każ, b'mod speċjali l-livell ta' similarità bejn is-suq tal-ksur u s-suq jew il-perjodu komparatur, id-dejta osservata tista' titqabbel direttament, jiġifieri mingħajr iżjed aġġustamenti, mad-dejta osservata fis-suq tal-ksur.[58]

---

[56] Kif imsemmi fil-paragrafu 35 hawn fuq, id-dejta użata f'dan it-tqabbil bejn swieq jew matul iż-żmien tista' tkun dejta li hi relatata mas-suq kollu jew dejta li hi relatata ma' ċerti parteċipanti speċifiċi fis-suq biss.

[57] Ara, pereżempju, *Kammergericht Berlin* (Qorti Reġjonali Ogħla, Berlin), sentenza tal-1 ta' Ottubru 2009, il-Kawża Nru 2 U 10/03 Kart, bħala eżempju tad-distribuzzjoni tal-obbligi tad-determinazzjoni tal-fatti fil-kwantifikazzjoni tad-danni.

[58] Pereżempju, it-tqabbil ibbażat fuq iż-żmien jista' jkun ibbażat fuq l-osservazzjoni sempliċi tal-prezzijiet qabel u waqt il-ksur. Għal eżempju tal-implikazzjonijiet legali ta' dan il-metodu, ara *Corte Suprema di*

64. L-ammont ta' dejta osservati għall-varjabbli ta' interess (pereż. fl-eżempju tal-kartell tad-dqiq, il-prezz tad-dqiq) fis-swieq komparaturi jew il-perjodi taż-żmien komparaturi jista' jvarja minn osservazzjoni tad-dejta waħda għal verament ftit osservazzjonijiet tad-dejta (jiġifieri l-prezz osservat f'numru żgħir ta' tranżazzjonijiet) għal numru kbir ta' osservazzjonijiet tad-dejta. Fi swieq tat-tfigħ tal-offerti, pereżempju, l-irkanti jistgħu jkunu vera rari u fiż-żmien tal-istima tad-danni, il-prezz osservat biss fit-tender wieħed wara l-ksur jista' jsir disponibbli. Tista' sseħħ sitwazzjoni oħra f'industriji fejn kuntratti fuq tul ta' żmien ikunu komuni. Ikun xieraq li jintużaw stimi tad-danni bbażati fuq osservazzjonijiet tad-dejta uniċi meta dawn ikunu rappreżentattivi biżżejjed għall-perjodu ta' interessi.

65. Meta l-osservazzjoni tas-swieq komparaturi jew perjodi taż-żmien tipproduċi numru ikbar ta' osservazzjonijiet tad-dejta, pereż. il-prezzijiet imħallsa mill-parti li ġarrbet id-dannu f'serje ta' tranżazzjonijiet ta' wara l-ksur, jew il-prezzijiet imħallsa minn numru ta' klijenti f'suq ġeografiku ieħor, dawn l-osservazzjonijiet tad-dejta jistgħu jintużaw individwalment jew fil-forma ta' medji.[59]

66. L-użu ta' diversi forom ta' medji jew forom oħra ta' aggregazzjoni tad-dejta jista' jkun xieraq, sakemm jitqabblu oġġetti li huma l-istess. Pereżempju, meta bejjiegħ bl-ingrossa jitlob danni għax ikun xtara prodott f'Jannar, Mejju, Lulju u Ottubru 2009 mill-parteċipanti f'kartell tal-prezzijiet u meta l-metodu magħżul ikun tqabbil ma' suq ġeografiku ieħor, il-prezzijiet medji fix-xahar imħallsa f'dak is-suq mill-istess tip ta' klijent (bejjiegħ bl-ingrossa) matul l-istess xhur jistgħu jkunu l-punt ta' referenza xieraq (jiġifieri tqabbil tad-dejta ta' Jannar mad-dejta ta' Jannar, dejta ta' Mejju mad-dejta ta' Mejju, u tkompli b'dan il-mod). It-tqabbil tad-dejta mill-istess xhur għandu, pereżempju, ikopri għal differenzi staġonali fuq sena u b'hekk jagħmel it-tqabbil iżjed kredibbli. Jekk, madankollu, tkun teżisti biss ftit varjazzjoni fil-prezz fix-xahar, il-prezz medju fuq is-suq komparatur għas-sena sħiħa tal-2009 jista' jitqies bħala indikatur xieraq. Jista' wkoll ikun il-każ li d-dejta annwali jew dejta medja oħra (pereż. dejta tal-industrija aggregata) ikunu l-unika informazzjoni disponibbli. Is-sistemi legali fl-Istati Membri jistgħu ġeneralment jippermettu lill-partijiet li joqogħdu fuq dejta medji filwaqt li jagħtu lill-konvenut l-opportunità li juri li jeżistu differenzi sinifikanti, u jistgħu jitolbu l-użu ta' dejta iżjed diżaggregata meta din tkun disponibbli.

67. Teknika sempliċi oħra biex jinkiseb valur komparatur minn firxa ta' osservazzjonijiet tad-dejta hi l-interpolazzjoni lineari. Meta tqabbil matul iż-żmien ikun ipproduċa serje ta' prezzijiet minn qabel u wara l-ksur, il-prezz "mingħajr ksur" jew "kontrafattwali" waqt il-perjodu tal-ksur jista' jiġi stmat billi tinqata' linja bejn il-prezz ta' qabel il-ksur u l-prezz ta' wara l-ksur, kif muri fl-illustrazzjoni hawn taħt. Minn din il-linja, jinqara valur komparatur għal kull punt rilevanti fiż-żmien waqt il-perjodu tal-ksur. Meta mqabbel mal-kalkolu ta' valur medju wieħed għall-prezz għall-perjodu tal-ksur kollu, l-interpolazzjoni għaldaqstant tippermetti sa ċertu punt li

---

*Cassazione* (Qorti tal-Kassazzjoni Superjuri, l-Italja), sentenza tat-2 ta' Frar 2007, il-Kawża Nru 2305 (*Fondiaria SAI SpA v Nigriello*).

59 Għall-finijiet ta' din il-Gwida Prattika, it-terminu "medja" hu użat bħala referenza għall-"mean", jiġifieri l-medja kkalkulata billi tiġi diviża s-somma tal-osservazzjonijiet bin-numru tal-osservazzjonijiet. Madankollu, jista' jkun hemm sitwazzjonijiet fejn jista' jkun iżjed xieraq li jintużaw statistiki oħra deskrittivi (jiġifieri l-medjan jew il-modalità). Pereżempju, meta f'suq ta' 25 kumpanija, 21 minnhom iżommu prezz ta' EUR 50 u erbgħa minnhom iżommu prezz ta' EUR 75, il-prezz modali ta' EUR 50 (il-prezz l-iżjed osservat fil-kampjun) jista' jkun l-iżjed rappreżentanza sinifikanti tal-prezz tas-suq iżjed milli l-mean ta' EUR 54 (f'dan l-eżempju, il-prezz modali huwa daqs il-prezz medjan, li hu l-prezz miżmum mill-kumpanija kklassifikata fin-nofs).

tingħata spjegazzjoni għat-tendenzi fl-iżviluppi tal-prezz tul iż-żmien li mhumiex ikkawżati mill-ksur. Il-qari tad-dejta komparatura mil-linja interpolata għandu, għaldaqstant, jipproduċi iżjed riżultati preċiżi milli meta jintuża valur medju għall-perjodu, pereż. fil-każijiet fejn id-danni huma allegati li jirriżultaw minn tranżazzjonijiet (jew avvenimenti oħra) li seħħew biss lejn il-bidu jew l-aħħar tal-perjodu tal-ksur.[60] L-illustrazzjoni li ġejja tagħti eżempju sempliċi ta' interpolazzjoni lineari (il-linja bit-tikek turi l-prezz mhux tal-ksur interpolat), il-linja sħiħa turi l-prezzijiet li ġew fil-fatt osservati):




L-estrapolazzjoni lineari taħdem b'mod simili għall-interpolazzjoni ħlief li l-linja titkompla jew mid-dejta ta' qabel il-ksur biss jew mid-dejta ta' wara l-ksur biss.[61]

68. Jista' jkun hemm sitwazzjonijiet fejn ikun pjuttost ċar li wieħed jidentifika fattur ta' divrenzjar bejn suq (jew perjodu) tal-ksur u suq (jew perjodu) komparatur u biex isir l-aġġustament korrispondenti għall-valur ta' dejta komparatura osservata. Pereżempju, ċerti effetti staġjonali li jseħħu f'suq jew effetti li jirriżultaw minn tibdil fil-prezzijiet jew rati ta' skambju jista' jkollhom tendenza u kobor li f'xi każijiet jista' b'mod pjuttost sempliċi jinftiehem minn rekords tan-negozju interni ta' parti jew minn sorsi oħra, bħal dikjarazzjonijiet esperti. F'dawn il-każijiet, pereżempju, il-linja dritta miksuba fl-interpolazzjoni lineari sempliċi għandha tiġi aġġustata biex tirrifletti dawn it-tendenzi.[62]

## (2) Analiżi tar-rigressjoni

### *a. Kunċett u skop tal-analiżi tar-rigress*

69. L-analiżi tar-rigress hija teknika statistika biex tinvestiga tendenzi fir-relazzjoni bejn varjabbli ekonomiċi u biex tikkalkula sa liema punt ċertu fattur varjabbli ta' interes[63]

---

[60] L-interpolazzjoni għandha vantaġġi fuq l-użu ta' medji fejn in-numru tat-tranżazzjonijiet (jew avvenimenti oħra) ma jkunx imqassam b'mod ugwali tul il-perjodu tal-ksur.

[61] L-estrapolazzjoni għaldaqstant testendi għal tendenza li teżisti f'serje taż-żmien jew qabel jew wara l-ksur. Pereżempju, jekk fit-tliet snin ta' qabel kartell, il-prezzijiet kienu EUR 12, EUR 13,20, u EUR 14,52 rispettivament (li jirriflettu żieda ta' 10 % fis-sena), teknika sempliċi tkun li jiġi stmat li l-prezzijiet matul perjodu ta' sentejn ta' kartell kienu EUR 15,97 u EUR 17,57 rispettivament; stima aktar preċiża x-xejra sottostanti jistgħu jinkisbu permezz tal-użu ta' analiżi ta' regressjoni.

[62] Tali aġġustament jista', jekk id-dejta jippermettu, isir b'mod iżjed sofistikat bl-użu ta' analiżi ta' rigress kif spjegat fit-taqsima li ġejja.

[63] Imsejjaħ ukoll "fattur varjabbli spjegat" jew "fattur varjabbli dipendenti".

(pereż., fl-eżempju tal-kartell tad-dqiq, il-prezz għad-dqiq[64]) hu influwenzat mill-ksur kif ukoll minn fatturi varjabbli oħra li mhumiex affettwati mill-ksur[65] (pereż. spejjeż tal-materja prima, varjazzjonijiet fid-domanda tal-klijenti, karatteristiċi tal-prodott, il-livell ta' konċentrazzjoni fis-suq)[66]. L-analiżi tar-rigress għaldaqstant tagħmilha possibbli li jiġi evalwat jekk fatturi oħra li jistgħu jiġu osservati minbarra l-ksur ikkontribwewx għad-differenza bejn il-valur tal-fattur varjabbli ta' interess osservat fis-suq tal-ksur waqt il-perjodu tal-ksur u l-valur osservat f'suq komparatur jew waqt perjodu taż-żmien komparatur, u b'kemm. L-analiżi tar-rigress għaldaqstant hi mod li jkopri għal kawżi alternattivi għad-differenza bejn settijiet tad-dejta mqabbla. Il-metodi kollha bbażati fuq komparatur jistgħu, fil-prinċipju, jiġu implimentati permezz ta' analiżi tar-rigress sakemm ikunu disponibbli biżżejjed osservazzjonijiet tad-dejta.[67]

70. F'analiżi ta' rigress, numru ta' osservazzjonijiet tad-dejta għall-fatturi varjabbli ta' interess u l-fatturi varjabbli li aktarx ikollhom influwenza huma eżaminati permezz ta' tekniki statistiċi. Ir-relazzjoni identifikata hi normalment deskritta fil-forma ta' ekwazzjoni (imsejħa "ekwazzjoni ta' rigress" jew "mudell ta' rigress"). Din l-ekwazzjoni tagħmilha possibbli li jiġu stmati l-effetti tal-fatturi varjabbli li għandhom influwenza fuq il-varjabbli tal-interess u li jiġu iżolati mill-effetti tal-ksur. L-analiżi tar-rigress tipprovdi stima ta' kemm huma korrelati[68] l-fatturi varjabbli rilevanti ma' xulxin, li f'xi każijiet tista' tissuġġerixxi influwenza kawżali ta' fatturi varjabbli wieħed fuq l-ieħor.[69]

71. Hemm żewġ approċċi ewlenin għat-twettiq ta' analiżi ta' rigress għal stima tad-danni, skont jekk jintużawx biss dejta minn perjodi mingħajr ksur (swieq) sabiex tinbena l-ekwazzjoni ta' rigress jew jekk, flimkien mad-dejta mingħajr ksur, jintużawx ukoll dejta mill-perjodu tal-ksur (tas-suq). Jekk jintużaw biss dejta mill-perjodi mingħajr ksur biex jipprovdu stima tar-rigress, l-ekwazzjoni tar-rigress tintuża biex "tbassar" l-effett tal-fatturi varjabbli ta' interess tul il-perjodu tal-ksur fuq il-bażi tat-tendenza identifikata barra dan il-perjodu ("approċċ ta' tbassir").[70] Meta, barra dan, jintużaw ukoll dejta mill-perjodu tal-ksur (tas-suq) biex jipprovdu stima tar-rigress, l-effett tal-ksur ikun kopert fl-ekwazzjoni tar-rigress permezz ta' fatturi varjabbli ta' indikatur separat (imsejjaħ "fattur varjabbli finta").[71]

---

64 Fatturi varjabbli oħra ta' interess possibbli li għalihom tista' tiġi applikata l-analiżi tar-rigress, pereżempju, il-volumi tal-bejgħ, l-ishma jew marġni tas-suq (pereż. dawk ta' kompetitur eskluż li jitlob id-danni għal telf ta' profitti permezz ta' tnaqqis tal-bejgħ jew tnaqqis fil-marġni tiegħu), l-ispejjeż tal-produzzjoni (li jistgħu jkunu wkoll rilevanti fil-kuntest ta' telf ta' stima tal-profitti).

65 Imsejħa wkoll "fattur(i) varjabbli spjegattivi" jew "fattur(i) varjabbli li jinfluwenza(w)".

66 Fatturi oħra li jinfluwenzaw il-fattur varjabbli tal-interessi jistgħu, pereżempju, jinkludu d-daqs tal-klijent u tal-ordni, it-teknoloġija użata għall-produzzjoni, id-daqs u l-istruttura tal-ispejjeż tad-ditti li joffru l-prodott, jew in-nefqa tar-reklamar.

67 Numru biżżejjed ta' osservazzjonijiet tad-dejta hu, madankollu, meħtieġ biex jiġu applikati l-metodi statistiċi b'mod sinifikanti. Dawn is-settijiet ta' osservazzjonijiet tad-dejta jistgħu jinkisbu (bi tqabbil matul iż-żmien) minn serje taż-żmien ta' osservazzjonijiet, jew (bi tqabbil f'punt partikolari) minn firxa ta' swieq komparaturi jew minn firxa ta' ditti jew firxa ta' tranżazzjonijiet, jew kombinazzjoni tat-tnejn (osservazzjonijiet matul iż-żmien minn firxa ta' swieq, ditti jew tranżazzjonijiet).

68 F'analiżi tar-rigress multivarjata (ara f'iżjed dettall hawn taħt), il-korrelazzjoni stabbilita hi korrelazzjoni kundizzjonali, jiġifieri waħda meta l-effett ta' fatturi varjabbli oħra hu kkontrollat.

69 Sakemm dan ikun konsistenti ma' qafas ekonomiku koerenti u ma' biċċiet ta' provi kwalitattivi u kwantitattivi.

70 Dan "l-approċċ tat-tbassir" hu xi kultant imsejjaħ ukoll "approċċ ta' mudell residwu". Dan l-approċċ hu muri fil-graff fil-paragrafu 79 hawn taħt.

71 Dan il-"fattur varjabbli finta" jkejjel jekk kienx hemm xaqliba 'l fuq fil-fattur varjabbli ta' interess matul il-perjodu tal-ksur.

72. Jekk ikunx iżjed xieraq li jiġi applikat it-tbassir jew l-approċċ ta' fattur varjabbli finta jiddependi fuq iċ-ċirkostanzi tal-każ: B'mod partikolari, filwaqt li l-metodu tat-tbassir għandu l-vantaġġ li jippermetti l-għażla ta' mudell ta' rigress li hu bbażat biss fuq osservazzjonijiet tad-dejta mill-perjodu mingħajr ksur (u għaldaqstant, mhuwiex affettwat mill-effetti tal-ksur), l-użu tad-dejta miż-żewġ perjodi/swieq jista' jippermetti stima iżjed preċiża u eżatta tal-parametri ta' interess, b'mod partikolari jekk id-dejta disponibbli dwar il-perjodu ta' mingħajr ksur ikunu limitati jew ma jippermettux li d-dinamika tal-industrija inkwistjoni tinqabad b'mod sħiħ. Fil-prattika, iż-żewġ metodi jistgħu jiġu kkombinati, pereż. permezz tal-għażla tal-mudell fuq il-bażi tal-perjodu mingħajr ksur u l-istima ta' rigress b'fattur varjabbli finta bl-użu ta' dejta miż-żewġ perjodi (u li jippermetti, fejn xieraq, l-effetti tal-fatturi varjabbli influwenti l-oħra li jvarjaw fil-perjodi ta' ksur u mingħajr ksur).

*b.* *Eżempji u illustrazzjonijiet*

73. Eżempju sempliċi li, għal skopijiet illustrattivi, iħares biss lejn fattur varjabbli wieħed li potenzjalment ikun ta' influwenza jista' juri l-passi bażiċi fl-analiżi ta' rigress. Nassumu li, fl-eżempju mogħti hawn fuq ta' kartell tad-dqiq, il-prezzijiet imħallsa mill-ifran fil-perjodu tal-kartell lill-kumpaniji tat-tħin jitqabblu mal-prezzijiet imħallsa mill-fran lill-kumpaniji tat-tħin fil-perjodu ta' qabel il-ksur, u li dan it-tqabbil juri żieda fil-prezz tul il-perjodu ta' ksur ta' 20%. Inkomplu nassumu li li hemm indikazzjonijiet li din iż-żieda mhijiex esklużivament minħabba l-kartell iżda minħabba li l-perjodu tal-ksur l-ispejjeż ta' input importanti (pereż. ċereali) żdiedu wkoll b'mod sinifikanti. Għaldaqstant, mhuwiex ċar kemm miż-żieda fil-prezz għad-dqiq hu dovut għall-ksur u kemm huwa r-riżultat tal-ispejjeż miżjuda tal-input (iż-żieda fil-prezz taċ-ċereali).

74. Possibbiltà waħda ta' kif tiġi indirizzata din l-inċertezza tista' tkun l-użu ta' dejta minn perjodu ieħor jew minn suq ieħor fejn l-ispejjeż tal-input (prezz għaċ-ċereali) kienu iżjed simili u ma kien jeżisti l-ebda ksur, iżda jista' jkun hemm sitwazzjonijiet fejn dan mhuwiex possibbli.[72] L-analiżi tar-rigress tista' toffri strument li jkopri għall-varjazzjoni fl-ispejjeż tal-input, billi turi r-relazzjoni statistika bejn l-ispejjeż tal-input u l-prezz għad-dqiq. Għal dan il-għan, tista' tiġi eżaminata firxa ta' osservazzjonijiet tad-dejta dwar l-ispejjeż tal-input (prezzijiet għaċ-ċereali) u dwar il-prezzijiet għad-dqiq tul il-perjodu mhux affettwat mill-ksur.[73] Permezz tal-applikazzjoni ta' tekniki statistiċi għal dawn l-osservazzjonijiet tad-dejta, hu possibbli li tiġi stabbilita tendenza ta' kif il-prezzijiet għaċ-ċereali influwenzaw il-prezz għad-dqiq f'perjodu meta l-prezzijiet tad-dqiq ma ġewx influwenzati mill-ksur. Imbagħad ikun possibbli li tiġi dedotta relazzjoni statistika bejn il-prezz għad-dqiq u l-prezz għaċ-ċereali minn dan il-perjodu. Permezz tal-applikazzjoni tat-tagħrif dwar din ir-relazzjoni għall-prezzijiet għad-dqiq mill-perjodu ta' ksur, huwa possibbli li tiġi eliminata l-parti taż-żieda fil-prezzijiet għal dqiq li mhux imputabbli għall-ksur, iżda għall-bidla fl-ispejjeż tal-input. Dan jippermetti "tbassir" tal-prezzijiet għal dqiq mingħajr l-overcharge tal-kartell iżda inkluża ż-żieda fil-prezz ikkawżata minn spejjeż ogħla tal-input.

75. Il-graff li ġejja turi illustrazzjoni sempliċi ta' kif tiġi dedotta relazzjoni statistika. Iċ-ċart turi diversi osservazzjonijiet tad-dejta tal-ispejjeż tal-input (prezzijiet taċ-ċereali)

72 Pereżempju, peress li dejta affidabbli minn perjodi oħra (jew swieq) ma jkunux disponibbli jew minħabba li f'dawn il-perjodi oħra (jew swieq), karatteristiċi tas-suq oħra jvarjaw b'mod sinifikanti.

73 Dwar il-possibbiltà ta' jekk għandhomx jiġu kkunsidrati wkoll id-dejta mill-perjodu tal-ksur (tas-suq) jew le, ara l-paragrafu 82 hawn taħt.

u l-prezz korrispondenti għal dqiq fl-istess punt fiż-żmien tul il-perjodu ta' mingħajr ksur. Pereżempju, meta f'punt partikolari l-prezz għaċ-ċereali kien 60, il-prezz għad-dqiq kien 128. Hu possibbli li jiġu kkalkulati l-koordinati tal-linja li toqgħod l-aħjar għall-osservazzjonijiet kollha tad-dejta sabiex tirrappreżenta r-relazzjoni statistika (korrelazzjoni) bejn il-prezz għaċ-ċereali u l-prezz għad-dqiq. Din ir-relazzjoni hi espressa fil-graff hawn taħt bħala linja u tista', u normalment hi, espressa wkoll bħala ekwazzjoni.[74] Iżjed ma tkun wieqfa din il-linja, iżjed turi liema żieda fil-prezz għad-dqiq hi assoċjata ma' ċerta żieda fil-prezz għaċ-ċereali. Fl-eżempju mogħti fil-graff, ir-relazzjoni identifikata tindika li pereż. żieda fil-prezz għaċ-ċereali minn 50 għal 60 hi relatata ma' żieda fil-prezz għad-dqiq minn 120 għal 130. Peress li żieda fl-ispejjeż tal-input (ċereali) b'EUR 10 hi assoċjata ma' żieda fil-prezz tad-dqiq ta' EUR 10, ir-relazzjoni statistika għaldaqstant turi li żieda f'din l-ispiża tal-input tiġi kompletament trasferita lill-klijenti.




76. Li wieħed ikun jaf it-tendenza ta' kif l-ispiża tal-input (prezzijiet taċ-ċereali) influwenzat il-prezzijiet għad-dqiq barra l-perjodu ta' ksur tagħmilha possibbli li ssir stima ("tbassir") ta' kemm il-valuri ogħla osservati ta' dawn l-ispejjeż (prezzijiet taċ-ċereali) matul il-perjodu tal-ksur influwenza l-prezzijiet għad-dqiq. Li dawn l-effetti jiġu esklużi mit-tqabbil tal-prezz jippermetti li l-overcharge tal-prezz ikkawżat mill-ksur jiġi stmat fuq bażi iżjed affidabbli milli mingħajr l-analiżi ta' rigress. Fl-eżempju ta' hawn fuq, jekk matul il-perjodu ta' ksur il-prezz għad-dqiq kien 140 minflok 120 matul il-perjodu mingħajr ksur, filwaqt li fl-istess ħin l-ispiża tal-input (prezzijiet taċ-ċereali) żdiedet minn 50 għal 60, il-prezz probabbli għad-dqiq mingħajr il-kartell ma kienx ikun 120 imma 130.

74 L-istima ta' rigress tal-prezz (bħala l-fattur varjabbli tal-interess) fuq spejjeż tal-input (bħala l-fattur varjabbli influwenti) tipprovdi l-koordinati ta' din il-linja. F'dan l-eżempju, it-teknika tal-inqas kwadri ordinarji (ordinary least squares, OLS) hi użata biex tikkalkula l-koordinati ta' linja dritta li tinsab f'distanza minimali ("l-inqas kwadri") mis-sett ta' punti tad-dejta fuq il-graff. It-teknika OLS hi metodu statistiku komuni li jistma l-parametri ta' mudell ta' rigress lineari.

77. Filwaqt li l-eżempju deskritt sa issa kien jikkonċerna biss l-influwenza ta' varjabbli *wieħed* ieħor (prezz taċ-ċereali bħala spiża tal-input) fuq il-fattur varjabbli ta' interess (prezz tad-dqiq), l-analiżi tar-rigress fil-prattika tal-kompetizzjoni normalment għandha tikkunsidra *diversi* fatturi oħra li jinfluwenzaw il-fatturi varjabbli ta' interess (analiżi ta' rigressjoni *multipla*[75]). F'din is-sitwazzjoni, għandha tiġi osservata dejta għall-fatturi varjabbli rilevanti addizzjonali kollha influwenti u għandha tiġi dedotta ekwazzjoni tar-rigressjoni minn din id-dejta li tirrifletti r-relazzjoni tagħhom mal-fattur varjabbli ta' interess. Pereżempju, fl-eżempju tal-kartell tad-dqiq imsemmi hawn fuq, jista' jkun il-każ li matul il-perjodu tal-ksur, il-kumpaniji tat-tħin mhux biss kellhom iħallsu prezzijiet ogħla għaċ-ċereali, iżda ġew soġġetti wkoll għal żieda fl-ispejjeż tal-enerġija u x-xogħol u introduċew teknoloġija tat-tħin u tal-imballaġġ iżjed effikaċi, li kollha seta' kellhom impatt fuq il-prezz tad-dqiq li biegħu lill-ifran matul il-perjodu tal-kartell. Sabiex tiġi identifikata t-tendenza statistika ta' kif dawn il-fatturi influwenzaw il-prezz tad-dqiq, għandha tiġi analizzata serje ta' osservazzjonijiet tad-dejta għal kull wieħed minn dawn il-fatturi varjabbli.

78. Meta titwettaq analiżi ta' rigress, huwa importanti li jiġu kkunsidrati l-fatturi varjabbli kollha li huma rilevanti fil-każ speċifiku. Nassumu li jew il-konvenut jew ir-rikorrent jużaw, fi tqabbil tal-prezzijiet tad-dqiq imposti minn mitħna qabel u waqt ksur, analiżi ta' rigress multiplu għall-kontroll tal-influwenza potenzjali fuq il-prezz tad-dqiq tal-fatturi msemmija (jiġifieri l-prezzijiet taċ-ċereali, spejjeż enerġija u tax-xogħol u teknoloġija tat-tħin u l-imballaġġ). Jekk, madankollu, matul il-kartell seħħet bidla sinifikanti fid-domanda (pereż. domanda ogħla mill-ifran għad-dqiq minħabba domanda miżjuda mill-klijenti finali għall-ħobż u l-kejk) u jekk l-influwenza ta' dan l-avveniment fuq il-prezz għad-dqiq mhuwiex ikkunsidrat fl-ekwazzjoni tar-rigress, l-istima tal-effett tal-ksur aktarx li tkun preġudikata, minkejja l-analiżi tar-rigress li altrimenti hi komprensiva.[76] Hija l-liġi nazzjonali applikabbli li tiddetermina, skont il-prinċipju tal-effikaċja, il-parti li fuqha jaqa' l-oneru li tinvoka u ġġib prova tal-fatt, bħall-imsemmija bidla fid-domanda jew il-kompletezza tal-fatturi varjabbli kkunsidrati f'analiżi ta' rigress.

79. Il-bażi ta' kull kwantifikazzjoni tad-danni bl-użu ta' analiżi tar-rigress hi għaldaqstant ir-relazzjoni statistika bejn il-fatturi varjabbli ta' interess (pereż. prezz) u l-fattur(i) varjabbli spjegattiv(i) rilevanti espress(i) f'ekwazzjoni ta' rigress. Meta jintuża l-approċċ tat-tbassir,[77] tl-istima ta' ekwazzjoni ta' rigress bl-użu ta' dejta mill-perjodu mingħajr ksur tikkostitwixxi l-ewwel pass. Fit-tieni pass, bl-użu ta' din l-ekwazzjoni ta' rigress u l-valuri osservati ta' dawn il-fatturi varjabbli rilevanti matul il-perjodu tal-ksur, jista' mbagħad jiġi stmat il-prezz li l-partijiet li ġarrbu d-dannu aktarx kienu jħallsu mingħajr il-ksur. Fit-tielet pass, id-differenza bejn dan il-prezz probabbli mingħajr ksur u l-prezz li tħallas mill-partijiet li ġarrbu d-dannu

75 Imsejħa wkoll "analiżi ta' rigress multivarjata" b'kuntrast ma' "analiżi ta' rigress b'fattur varjabbli wieħed" ('univarjat')" kif użat fl-eżempju ta' hawn fuq.

76 Madankollu hu importanti li mhux biss jiġu inklużi l-fatturi rilevanti kollha fil-mudell tar-rigress, iżda wkoll li ma jitħallewx varjabbli li jidhru b'mod ċar li huma irrilevanti (fuq il-bażi tal-għarfien tal-industrija). L-istima tad-danni tista' titnaqqas b'mod ħażin (anki għal żero) jekk il-varjabbli irrilevanti huma inklużi sabiex tiġi spjegata l-varjazzjoni tal-prezz fil-mudell.

77 L-approċċ alternattiv huwa l-approċċ ta' fattur varjabbli finta; ara l-paragrafu 71 hawn fuq. Kuntrarju għall-approċċ tat-tbassir, l-approċċ ta' fattur varjabbli finta jistma l-effetti tal-infrazzjoni f'pass wieħed, billi jwettaq analiżi ta' regressjoni bl-użu ta' dejta mill-perjodi sew tal-infrazzjoni kif ukoll mhux tal-infrazzjoni. Fil-każ tal-eżempju ta' hawn fuq, dan l-approċċ ikun jistma l-effett tal-kartell bħala ċaqlieqa 'l fuq fil-prezz li huwa osservat matul il-perjodu tal-kartel (jiġifieri l-koeffiċċjent tal-approċċ ta' fattur varjabbli finta fl-ekwazzjoni tar-regressjoni) u mhux spjegat b'tibdiliet f'fatturi varjabbli oħra, bħal ma huma spejjeż għall-materjal puri.

tagħti stima tal-overcharge li tirriżulta mill-ksur. Il-graff hawn taħt turi t-tieni u t-tielet pass. Meta jintuża approċċ ta' fattur varjabbli finta, l-analiżi tar-rigress tikkombina t-tliet passi deskritti hawn fuq.[78]




80. L-analiżi tar-rigress murija f'din il-graff hi bbażata fuq l-approċċ tat-tbassir, li fih jitwettaq rigress fuq dejta ta' qabel u wara l-ksur sabiex tiġi stabbilita f'ekwazzjoni r-relazzjoni statistika bejn il-prezz u diversi fatturi varjabbli spjegattivi rilevanti (spejjeż tal-input u fatturi rilevanti oħra). Bl-użu ta' din l-ekwazzjoni u l-valuri osservati tal-fatturi varjabbli spjegattivi rilevanti, jista' jinkiseb prezz stmat li aktarx kien jipprevalixxi mingħajr il-ksur (linja bit-tikek). Il-linja dritta hi l-prezz li hu fil-fatt osservat. Id-differenza bejn il-linja kontinwa u l-linja bit-tikek matul il-perjodu tal-ksur hi l-overcharge stmata. Il-linja bit-tikek barra l-perjodu tal-ksur hi miksuba wkoll mill-ekwazzjoni tar-rigress u tista' sservi, permezz ta' tqabbil mal-prezzijiet li ġew osservati mingħajr il-ksur (linja kontinwa), sabiex tevalwa s-setgħa mbassra tal-mudell tar-rigress.

*c. Rekwiżiti għall-applikazzjoni tal-analiżi tar-rigressjoni*

81. It-twettiq ta' analiżi tar-rigress jirrikjedi għarfien ta' diversi tekniki statistiċi biex titkejjel ir-relazzjoni bejn il-fatturi varjabbli, għall-ħolqien ta' ekwazzjoni ta' rigress xierqa u għall-kalkolu tal-preċiżjoni tal-parametri f'din l-ekwazzjoni. Minbarra dan, hu meħtieġ li, l-ewwel nett, ikun hemm fehim tajjeb tal-industrija kkonċernata, sabiex tiġi fformulata ipoteżi tajba meta ssir l-ekwazzjoni tar-rigress u ssir l-għażla ġusta dwar il-fatturi li huwa probabbli li kellhom influwenza sinifikanti fuq il-fatturi varjabbli ta' interess (u li għaldaqstant jiġu inklużi fl-analiżi). L-apprezzament tal-industrija hu barra minn hekk meħtieġ biex isiru għażliet infurmati dwar liema tekniki statistiċi għandhom jintużaw f'sitwazzjoni partikolari, pereżempju, li jkopru osservazzjonijiet mhux tas-soltu (outliers) jew fatturi speċifiċi oħra f'settijiet tad-dejta. B'mod partikolari, meta l-fatturi varjabbli influwenti kienu huma nfushom

[78] F'dan il-każ, l-ekwazzjoni tar-rigress hi stmata bl-użu tad-dejta kemm mill-perjodu ta' ksur kif ukoll minn dak ta' mingħajr ksur u tindika direttament kemm il-fattur varjabbli tal-interess inbidel matul il-perjodu tal-ksur wara li jiġi kkunsidrat l-effett ta' fatturi varjabbli oħra spjegattivi.

affettwati mill-ksur, jista' jkun hemm riżultati influwenzati jekk dan l-aspett ma jiġix ikkunsidrat, pereż. permezz tal-applikazzjoni ta' tekniki statistiċi speċifiċi[79] jew permezz tal-użu ta' osservazzjonijiet tad-dejta li jaqgħu barra mill-perjodu jew is-suq tal-ksur.[80]

82. Mingħajr numru biżżejjed ta' osservazzjonijiet tad-dejta, analiżi statistika ma tistax tidentifika relazzjonijiet bejn fatturi varjabbli ekonomiċi. Sabiex jiġu identifikati l-fatturi varjabbli influwenti fuq il-fatturi varjabbli ta' interess għaldaqstant hemm bżonn li firxa biżżejjed ta' osservazzjonijiet tad-dejta tkun disponibbli għall-fatturi varjabbli kollha kkunsidrati. L-analiżi tar-rigress għaldaqstant tipikament tirrikjedi dejta estensivi. Madankollu, tekniki statistiċi jistgħu jgħinu biex jingħelbu wħud min-nuqqasijiet fid-dejta jew il-preġudizzji fl-interpretazzjoni tagħhom[81] u jista' jkun hemm sitwazzjonijiet meta anki l-analiżi ta' numru iżgħar ta' osservazzjonijiet tad-dejta hi sinifikanti.

83. L-osservazzjonijiet tad-dejta jistgħu, bħala prinċipju, jinġabru f'livelli differenti ta' aggregazzjoni. Pereżempju, meta tiġi analizzata r-relazzjoni bejn il-prezz u l-ispejjeż tal-input, is-serje tad-dejta jew għall-prezzijiet imposti fi tranżazzjonijiet individwali, għal prezzijiet medji annwali fl-industrija jew — bejniethom — id-dejta ta' kull xahar fuq il-livell tad-ditti tista' tiġi eżaminata flimkien ma' serje tad-dejta jew għal spejjeż tal-input individwali għal kull unità jew għal medji tal-ispejjeż tal-industrija rispettivament. L-użu ta' dejta diżaggregati jagħmilha possibbli li jiġu analizzati numru ikbar ta' osservazzjonijiet u għaldaqstant li jinkisbu stimi iżjed preċiżi. Meta tali dejta diżaggregati ma jeżistux jew mhumiex aċċessibbli għall-parti li twettaq l-analiżi tar-rigress, l-analiżi tad-dejta aggregati xorta tista' tipproduċi riżultati informattivi b'mod partikolari jekk id-dejta aggregati jkollhom frekwenza għolja.

84. Wara li firxa biżżejjed ta' osservazzjonijiet tad-dejta u l-livell ta' aggregazzjoni tad-dejta huma eżempji l-importanza tal-affidabbiltà tad-dejta u r-rilevanza tad-dejta għal analiżi ekonomika. Madankollu, il-biċċa l-kbira tas-settijiet ta' dejta huma mhux komplut, u mhux il-fatti kollha rilevanti jista' jiġi osservat jew imkejjel b'livell għoli ta' preċiżjoni. Huwa għalhekk xieraq li jagħrfu b'mod espliċitu dawk l-imperfezzjonijiet. In-nuqqasijiet fid-dejta m'għandhomx jimpedixxi li analiżi ekonomika tkun mogħtija piż xieraq, għalkemm konklużjonijiet għandhom jittieħdu b'kawtela.[82]

85. Meta tintuża kif xieraq u fuq il-bażi ta' osservazzjonijiet tad-dejta suffiċjenti, l-analiżi tar-rigress tista' tirfina konsiderevolment l-istima tad-danni permezz ta' metodi bbażati fuq komparatur. Għandu jiġi enfasizzat, madankollu, li anki ekwazzjonijiet ta' rigress sofistikati joqogħdu fuq firxa ta' suppożizzjonijiet u għandhom (bħal kwalunkwe teknika oħra għat-tbassir ta' sitwazzjoni ipotetika) ikunu kapaċi biss li jwasslu għal stimi. Hija prattika tajba li jiġu kkunsidrati s-suppożizzjonijiet li huma sottostanti għal ekwazzjoni ta' rigress, għax xi

79 Pereżempju, l-użu ta' varjabbli strumentali, teknika ekonometrika li tista' tintuża biex jiġi kkoreġut dan il-preġudizzju.

80 B'mod partikolari, permezz tal-użu tat-tbassir deskritt hawn fuq, meta l-valur tal-fatturi varjabbli influwenti inklużi fil-mudell għat-tbassir tal-kontrafattwal jiġi korrett għall-effett tal-ksur fuq dawn il-fatturi varjabbli.

81 Pereż. fejn kampjun ta' osservazzjonijiet tad-dejta ma jkunx kompletament rappreżentattiv.

82 Għal spjegazzjoni ulterjuri dwar l-importanza ta' eżattezza tal-informazzjoni u rilevanza tad-dejta ara: L-aħjar prattiki għall-preżentazzjoni tal-evidenza ekonomika u għall-ġbir tad-dejta f'każijiet li jirrigwardaw l-applikazzjoni tal-Artikoli 101 u 102 TFUE u f'każijiet ta' fużjoni, disponibbli f'http://ec.europa.eu/competition/antitrust/legislation/best_practices_submission_en.pdf

suppożizzjonijiet jistgħu jkunu iżjed xierqa minn oħrajn f'sitwazzjoni partikolari u jistgħu jwasslu għal riżultati sinifikament differenti.

86. Mod wieħed biex tkun indirizzata l-inċertezza ta' stima huwa li jkunu indikati r-riżultati mhux bħala punt stima ("il-prezz fix-xenarju ta' mingħajr ksur huwa ta' EUR 10"), iżda bħala intervall ("il-prezz fix-xenarju ta' mingħajr ksur hija ta' bejn EUR 9 u EUR 11"). Il-kunċett ta' "intervall ta' fiduċja" — li huwa standard fl-istatistika — jintuża biex jiddeskrivi kemm hu probabbli li l-valur veru jinsab f'intervall. Skont il-konvenzjoni fl-ekonomija, probabbiltà ta' 95 % li intervall speċifiku effettivament fih il-valur veru huwa meqjus bħala livell għoli ta' ċertezza.

87. Mod simili biex tittrattaw l-inċertezza ta' stimi huwa li tirreferi għan-nozzjoni ta' "sinifikat statistiku", li huwa mod standard tal-ittestjar ta' jekk ir-riżultati miksuba f'analiżi ta' rigress humiex minħabba koinċidenza jew jekk dawn jirriflettux korrelazzjoni ġenwina. Għal dan, ċerta ipoteżi hija ttestjata: fil-qasam tal-azzjonijiet għad-danni, ipotei bħal din jista' pereżempju jkun jekk il-ksur tal-kartell kellux effett reali fuq il-prezzijiet jew le. L-ipoteżi li l-ksur ma *kellux* effett (u li għalhekk, il-prezz mingħajr il-ksur ma jkunx differenti mill-prezz fix-xenarju tal-ksur) tissejjaħ "l-ipoteżi ta' nullità". L-analiżi tar-rigressjoni mbagħad tintuża biex din l-ipoteżi ta' nullità tiġi ttestjata. Riżultat ta' analiżi ta' rigressjoni tingħad li hi statistikament sinifikanti meta huwa possibbli biex tiġi rifjutata l-ipoteżi nulla, peress li jkun improbabbli ħafna li r-riżultati osservati huma minħabba kumbinazzjoni. Konvenzjonalment, probabbiltà ta' mill-inqas 95 % li l-ipoteżi nulla hija rrifjutata jitqies fl-ekonomija bħala li jippermetti li wieħed jiġġudika li r-riżultati huma "statistikament sinifikanti".

88. Kif deskritt hawn fuq, hija konvenzjoni fix-xjenza ekonomika kemm għall-kunċett ta' "intervall ta' fiduċja" kif ukoll "sinifikat statistiku" li tuża limitu ta' probabbiltà ta' 95 %. Għandu jkun enfasizzat li dan jirrappreżenta purament konvenzjoni u li limiti iktar jew inqas stretti (pereżempju: probabbiltà ta' 99 % jew 90 %) jistgħu wkoll jipprovdu informazzjoni utli. Dan għaliex sinifikanza statistika hjia ddeterminata, f'parti, bin-numru tal-osservazzjonijiet fis-sett tad-dejta: meta l-fatturi l-oħra jkunu l-istess, is-sinifikat statistiku jiżdied hekk kif id-daqs tal-kampjun jiżdied. Hija prassi tajba li tindika l-limitu magħżul tal-probabilità. F'azzjoni għal danni, huwa imbagħad għall-Qorti, taħt il-liġi applikabbli biex tiddeċiedi, il-valur probatorju ta' tali analiżi ta' regressjoni u l-konsegwenzi proċedurali (b'mod partikolari rigward il-piż tad-determinazzjoni tal-fatti u prova) li analiżi bħal din tista' tinvolvi.

89. Jekk titwettaqx analiżi tar-rigress f'kawża quddiem qorti, mil-liema parti u f'liema stadju tal-proċeduri ssir, jiddependi inter alia fuq l-eżistenza jew l-aċċessibbiltà tad-dejta u r-regoli taħt il-liġi applikabbli dwar ir-rekwiżiti għas-sottomissjoni tal-fatti, l-iżvelar tal-provi u l-allokazzjoni tal-istandard tal-prova u l-allokazzjoni tal-oneru tal-prova bejn ir-rikorrent u l-konvenut.

90. Il-forom differenti ta' analiżi tar-rigress imsemmija hawn fuq (paragrafi 71 *ff.*) huma xi kultant imsejħa approċċi ta' "forma ridotta", għax direttament jistmaw il-parametri ta' ekwazzjoni li huma nfushom ġejjin minn relazzjonijiet ekonomiċi oħra (pereż. l-interazzjoni tal-provvista u d-domanda), mingħajr ma dawn jiġu mmudellati b'mod espliċitu. Alternattivament, jistgħu jinbnew mudelli ekonometriċi biex jistmaw dawn ir-relazzjonijiet ekonomiċi sottostanti. Minkejja li xi mudelli ekonometriċi, li huma normalment imsemmija bħala "strutturali", spiss joqogħdu fuq suppożizzjonijiet partikolarment sodi, jistgħu jwasslu għal apprezzament iżjed fil-fond tas-suq

ikkonċernat u jiffurmaw parti integrali tal-eżerċizzji ta' simulazzjoni għall-istima tad-danni (kif dettaljat iżjed fit-Taqsima III.A).

**(3) Għażla ta' tekniki**

91. It-Taqsimiet 1 u 2 hawn fuq iddeskrivew tekniki differenti fejn il-metodi bbażati fuq komparatur jistgħu jiġu implimentati fil-prattika. F'każ partikolari, l-għażla tat-teknika normalment tiddependi fuq firxa ta' aspetti, b'mod partikolari r-rekwiżiti legali u ċ-ċirkostanzi fattwali tal-każ. Il-kunsiderazzjonijiet relatati mal-istandard u l-oneru tal-prova aktarx li jkunu rilevanti ħafna fil-prattika.

92. It-tekniki ekonometriċi jistgħu jżidu l-livell ta' preċiżjoni ta' stima tad-danni u għaldaqstant jistgħu jgħinu biex jintlaħaq standard ta' prova ogħla jekk meħtieġ taħt ir-regoli applikabbli. Meta hi meħtieġa l-analiżi tar-rigress (possibilment flimkien ma' provi oħra disponibbli) biex jintlaħaq dan l-istandard, u fuq liema parti jaqa' l-oneru tal-prova f'dan ir-rigward huma domandi tal-liġi applikabbli, inklużi l-prinċipju tad-dritt tal-UE tal-effikaċja. Għandu jiġi kkunsidrat li t-twettiq ta' analiżi ekonometrika normalment jirrikjedi numru sinifikanti ta' osservazzjonijiet tad-dejta li mhux dejjem ikunu aċċessibbli. Barra minn hekk, jista' jkun ukoll li f'sitwazzjoni proċedurali partikolari, l-istandard applikabbli tal-provi ma jirrikjedix li l-parti inkarigata bl-oneru tal-prova tmur lil hinn mit-tekniki msemmija fit-Taqsima 1 hawn fuq. Dan jista' jkun minħabba li s-sistema legali nazzjonali kkonċernata tqis is-swieq jew il-perjodi mqabbla bħala simili biżżejjed u l-istima tad-danni li tirriżulta mit-tqabbil sempliċi bħala preċiża biżżejjed għal dak li l-parti għandha turi fis-sitwazzjoni proċedurali indikata. Jista' jkun ukoll li s-sistema legali, minħabba l-istima tad-danni preżentata mir-rikorrent u d-dejta li hi raġonevolment aċċessibbli lilu, tipprovdi għal xaqliba fl-oneru tal-prova mir-rikorrent għall-konvenut. F'din is-sitwazzjoni, il-konvenut jista' jikkunsidra t-twettiq ta' analiżi tar-rigress biex jirribatti s-sottomissjoni tar-rikorrent.

93. Kunsiderazzjonijiet ta' proporzjonalità jistgħu jilagħbu wkoll rwol importanti, għax il-ġbir tad-dejta u l-analiżi ekonometrika tagħha jistgħu jwasslu għal spejjeż konsiderevoli (inklużi dawk ta' partijiet terzi) li jistgħu jkunu sporporzjonati jew anki jeċċedu l-valur tat-talba għad-danni inkwistjoni. Dawn il-kunsiderazzjonijiet jistgħu jsiru rilevanti wkoll bl-għan tal-prinċipju tal-effikaċja.[83]

94. Il-Qrati fl-UE primarjament użaw implimentazzjonijiet ċari ta' metodi bbażati fuq komparatur, spiss fuq il-bażi ta' medji mingħajr analiżi ta' rigress.[84] Aċċettaw ukoll aġġustamenti sempliċi għall-valur tad-dejta osservati meta hu pjuttost ċar li jiġi identifikat fattur tad-divrenzjar bejn suq (jew perjodu) tal-ksur u suq (jew perjodu) komparatur. Sa issa, ftit teżisti esperjenza b'analiżi ekonometrika f'azzjonijiet għal danni tal-antitrust quddiem qrati fl-UE,[85] għalkemm dawn it-tekniki jistgħu, kif deskritt hawn fuq, jipprovdu għajnuna prezzjuża fil-kwantifikazzjoni tad-dannu kkawżat minn ksur tal-Artikolu 101 jew 102 TFUE.

95. Il-qrati fl-UE xi kultant japplikaw "skont tas-sigurtà", jiġifieri jnaqqsu mill-valuri tad-dejta osservati ammont suffiċjenti, taħt l-istandards tal-liġi applikabbli, biex

---

83 Ara l-paragrafu 2 fil-Parti 1, it-Taqsima 1 hawn fuq.

84 L-użu tal-medji ġie aċċettat f'pereżempju *Landgericht Dortmund* (Qorti Reġjonali, Dortmund), sentenza tal-1 ta' April 2004, il-Kawża Nru 13 O 55/02 Kart (*Vitaminpreise*); WuW/DE-R 1352.

85 Għal eżempju riċenti li jikkonċerna profitti mitlufa f'każ ta' esklużjoni, ara *Juzgado Mercantil numero 2 de Barcelona* (Qorti Kummerċjali, Barċellona), deċiżjoni tal-20 ta' Jannar 2011, il-Kawża Nru 45/2010 (Céntrica Enerciga S.L.U. v ENDESA DISTIBUCION ELECTRICA S.A.)

ikopru l-inċertezzi fi stima għad-danni.[86] L-analiżi tar-rigress tista' titqies ukoll biex tikkunsidra dawn il-fatturi oħra li possibilment ikollhom influwenza, u għall-kisba ta' "stima lower bound" fuq id-danni kkawżati.[87]

## III. MUDELLI TA' SIMULAZZJONI, ANALIŻI BBAŻATA FUQ L-ISPEJJEŻ U METODI OĦRA

96. Flimkien ma' metodi bbażati fuq komparatur, jeżistu metodi oħra li jistabbilixxu stima għas-sitwazzjoni ipotetika ta' mingħajr ksur. Dawn il-metodi oħra jinkludu, b'mod partikolari, is-simulazzjoni tar-riżultati tas-suq fuq il-bażi ta' mudelli ekonomiċi (A), u l-approċċ għall-istima ta' xenarju probabbli mingħajr ksur fuq il-bażi tal-ispejjeż tal-produzzjoni u marġni tal-profitt raġonevoli (B).

### *A. Mudelli ta' simulazzjoni*

97. Il-mudelli ta' simulazzjoni joqogħdu fuq mudelli ekonomiċi tal-imġiba fis-suq. L-istudji ekonomiċi dwar kif jiffunzjonaw is-swieq u kif id-ditti jikkompetu ma' xulxin urew li s-swieq b'ċerti karatteristiċi jistgħu jippermettu t-tbassir tar-riżultati probabbli tal-interazzjoni fis-suq, pereżempju l-livelli tal-prezz jew produzzjoni probabbli jew il-marġni tal-profitt. Il-fergħa tal-istudju tal-ekonomija magħrufa bħala l-organizzazzjoni industrijali żviluppat mudelli ta' kompetizzjoni għad-diversi tipi ta' swieq li jistgħu jipprovdu simulazzjoni ta' dawn ir-riżultati. Dawn il-mudelli jvarjaw minn mudelli ta' monopolju għal, fit-tarf l-ieħor tal-ispettru, mudelli ta' kompetizzjoni perfetta.

98. Il-mudelli intermedji ddisinjati biex jirriflettu l-imġiba tad-ditti fi swieq oligopolistiċi huma, b'mod partikolari dawn iddisinjati oriġinarjament fis-Seklu 19 mill-ekonomisti Augustin Cournot u Joseph Bertrand. Dan il-mudell ta' oligopolju tal-kompetizzjoni Bertrand jiddeskrivi suq b'numru relattivament żgħir ta' ditti (u ostakli ikbar għad-dħul) li jikkompetu fuq il-prezzijiet, mhux il-kwantità tal-produzzjoni. Id-ditti jistabbilixxu l-prezz tagħhom simultanjament skont it-twemmin tagħhom dwar il-prezzijiet li l-kompetituri tagħhom se jżommu. F'dan il-mudell, il-prezzijiet jiżdiedu skont il-livell ta' divrenzjar tal-prodotti. Il-mudell ta' oligopolju tal-kompetizzjoni Cournot jidddeskrivi suq b'numru relattivament żgħir ta' ditti (u ostakli għolja għad-dħul) li jikkompetu fuq l-ammont ta' produzzjoni li jipproduċu. Qabel ma jagħżlu l-prezzijiet, jistabbilixxu l-kwantità (jew il-kapaċità) simultanjament fuq il-bażi ta' kemm huma jemmnu li d-ditti l-oħra se jipproduċu. Jeżistu bosta estensjonijiet u varjazzjonjiet tal-mudelli Cournot u Bertrand. Dawn jinkludu, b'mod partikolari, anki mudelli ta' oligopolju dinamiku bbażati fuq il-game theory[88] li jikkunsidraw l-interazzjoni ripetuta bejn ditti f'suq.[89]

99. Il-prezzijiet aktarx li jkunu l-ogħla (u l-volumi tal-bejgħ l-iżjed baxxi) f'monopolju u l-prezzijiet aktarx li jkunu l-iżjed baxxi (u l-volumi tal-bejgħ l-ogħla) f'sitwazzjoni

---

86 Pereżempju, sabiex jiġu esklużi l-effetti fuq il-fattur varjabbli ta' interess minn fatturi oħra possibbli. Ara pereż *Kammergericht Berlin* (Qorti Reġjonali Superjuri, Berlin), deċiżjoni tal-1 ta' Ottubru 2009, il-Kawża Nru 2 U 10/03 Kart.; *Oberlandesgericht Karlsruhe* (Qorti Reġjonali Superjuri, Karlsruhe) tal-11 ta' Ġunju 2010 fil-Kawża Nru 6 U 118/05.

87 Minbarra li tipprovdi stimi tad-danni li diġà jikkontrollaw għall-influwenza ta' fatturi oħra, l-analiżi tar-rigress tkejjel ukoll il-preċiżjoni ta' dawn l-istimi (fil-forma ta' żbalji standard), li minnhom jistgħu jinkisbu lower (u upper) bounds fuq id-danni stmati.

88 Il-game theory hi l-istudju ta' kif in-nies u d-ditti jaġixxu f'sitwazzjonijiet strateġiċi li fihom iridu jikkunsidraw kif l-oħrajn se jirrispondu għall-azzjoni tagħhom.

89 Li tiġi kkunsidrata l-interazzjoni ripetuta bejn id-ditti fis-suq tista' tkun utli biex tispjega, pereżempju, l-imġiba koordinata bejn ditti jew id-dħul fis-suq ta' kompetitur ġdid.

ta' kompetizzjoni perfetta. Oligopolji Bertrand fi swieq bi prodotti divrenzjati[90] u oligopolji Cournot normalment iwasslu għal prezzijiet u volumi xi mkien bejn kompetizzjoni perfetta u livelli tal-monopolju; ir-riżultat eżatt jiddependi fost oħrajn fuq in-numru ta' ditti fis-suq u l-ostakli għad-dħul, fuq il-livell ta' divrenzjar bejniethom u l-prodotti tagħhom u fuq karatteristiċi oħra tas-suq inkwistjoni, bħal karatteristiċi tad-domanda (b'mod speċjali, kemm huma sensittivi l-klijenti għall-bidliet fil-prezz), u l-kapaċitajiet u l-istruttura tal-ispejjeż tal-produtturi.

100. Abbażi ta' dan it-tagħrif teoretiku li joħloq konnessjoni mar-riżultat tas-suq pereż. f'termini ta' prezzijiet għal sett partikolari ta' karatteristiċi tas-suq, il-mudelli ta' simulazzjoni jistgħu jinbnew biex jistmaw il-prezzijiet (jew varjabbli oħra) li aktarx kienu jipprevalu fis-suq kieku ma seħħx ksur tal-Artikolu 101 jew 102 TFUE. Il-mudell ta' simulazzjoni għandu jkun kostruwit b'tali mod li jirreplika (a) l-iżjed fatturi sinifikanti li jinfluwenzaw il-provvista (b'mod partikolari, il-mod ta' kif issir il-kompetizzjonijiet bejn id-ditti ("interazzjonijiet kompetittivi")[91] u l-istruttura tal-ispejjeż tad-ditti) u (b) kundizzjonijiet tad-domanda (b'mod partikolari, il-limiti safejn il-klijenti jirrispondu għall-bidliet fil-prezzijiet). Dawn il-fatturi jiġu espressi bħala sett ta' ekwazzjonijiet li fihom ikun hemm bżonn li jiġu inklużi numru ta' valuri ta' parametru. Dawn il-valuri jistgħu jkunu magħrufa, stmati ekonometrikament jew jiġu preżunti sabiex il-produzzjoni tal-mudell tkun taqbel ma' xi varjabbli osservati. Meta jintużaw mudelli ta' simulazzjoni għall-ġenerazzjoni xenarju mingħajr ksur, l-istruttura tas-suq rilevanti u karatteristiċi oħra għandhom ikunu dawk li kienu eżistew mingħajr il-ksur; dawn jistgħu jikkorrispondu għall-istruttura u karatteristiċi oħra tas-suq osservati fix-xenarju tal-ksur, iżda dawn jistgħu jvarjaw ukoll sa ċertu punt.[92]

*101.* Eżempju jista' juri l-użu ta' mmudellar tas-simulazzjoni għall-istima tad-danni. Fl-eżempju ta' kartell f'suq tal-prodott divrenzjat (pereż. ċikkulata manifatturata), il-prezzijiet mingħajr ksur jistgħu jiġu stmati kif ġej, bl-użu ta' dejta mill-perjodu mingħajr ksur. L-ewwel nett, issir stima ta' kif id-domanda għal kull prodott taċ-ċikkulata tvarja mal-prezz tiegħu (elastiċità tal-prezz proprju) u mal-prezz ta' prodotti tal-kompetizzjoni (elastiċità cross-price).[93] It-tieni nett, wieħed jiddeċiedi liema mudell jirrifletti b'mod xieraq l-interazzjoni kompetittiva xierqa bejn id-ditti fil-perjodu mingħajr ksur (pereż. il-mudell Bertrand tal-kompetizzjoni fl-eżempju taċ-ċikkulata). Fuq din il-bażi, jista' jiġi kkalkulat b'liema prezzijiet il-profitti tad-

---

90 F'suq bi prodotti omoġenji mingħajr ebda limitazzjonijiet tal-kapaċità, il-kompetizzjoni tal-prezz Bertrand għandha, b'kuntrast, twassal għal riżultati kompetittivi ħafna. Prodotti omoġenji huma prodotti li għandhom ftit differenzi f'termini ta' kwalità jew karatteristiċi.

91 It-terminu "interazzjonijiet kompetittivi" hu użat biex jindika kif isseħħ il-kompetizzjoni bejn id-ditti, pereż. (iżda mhux limitati għal) kompetizzjoni Bertrand jew Cournot, jew kif id-ditti joqogħdu lura milli jikkompetu ma' xulxin (fil-każ ta' mġiba kolluživa li tikser ir-regoli tal-kompetizzjoni). Is-swieq li fihom isseħħ il-formazzjoni tal-prezz permezz ta' rkantijiet jew proċessi oħra ta' tfigħ ta' offerti jistgħu jwasslu wkoll għal immudellar għax l-interazzjoni bejn il-kompetituri spiss issegwi regoli fissi (prezzijiet jew kwantitajiet tal-produzzjoni li aktarx jirriżultaw minn irkant jew proċessi oħra tat-tfigħ tal-offerti mhux affettwati mill-ksur jistgħu, b'mod partikolari, jiġu stmati b'mudelli tal-oligopolju li jinkorporaw il-game theory sabiex issir simulazzjoni tal-imġiba probabbli tat-tfigħ tal-offerti ta' kompetituri f'xenarju mingħajr ksur).

92 Peress li l-ksur seta' wassal għal bidla fl-istruttura tas-suq jew seta' pprekluda bidliet fis-suq li kieku kienu jseħħu (pereż. il-ħruġ ta' kompetitur ineffiċjenti), il-karatteristiċi tas-suq (ipotetiċi) fix-xenarju mingħajr ksur mhumiex neċessarjament l-istess bħal dawk li jistgħu jiġu osservati fix-xenarju tal-ksur. Barra minn hekk, l-ishma tas-suq osservati matul ksur jistgħu b'mod sinifikanti jvarjaw minn dawk li kienu jipprevalixxu fin-nuqqas tal-ksur għax il-membri tal-kartell jistgħu jallokaw is-swieq bejniethom.

93 Teknikament, dan ikun jinvolvi stima ta' sistema ta' domanda, li hi eżempju tal-analiżi ekonometrika strutturali msemmija fil-paragrafu 90.

ditti huma massimizzati fid-dawl tal-parametri tal-ispejjeż (pereż. spejjeż marġinali) u parametri tad-domanda (pereż. il-livell tad-domanda).[94] Il-valur ta' wħud minn dawn il-parametri jistgħu mbagħad jiġu adattati biex jirriflettu l-kundizzjonijiet waqt il-perjodu tal-ksur (pereż. nassumu li l-ispiża tal-fażola tal-kawkaw tiżdied b'10 %). Bl-informazzjoni kollha espressa f'ekwazzjonijiet, jista' jiġi simulat (bis-suppożizzjoni li d-ditti jimmiraw għal profitti massimizzati) liema prezzijiet dawn id-ditti aktarx li jkollhom matul il-perjodu tal-ksur. L-overcharge tal-kartell jista' mbagħad jiġi determinat mid-differenza bejn il-prezzijiet osservati u l-prezzijiet simulati mingħajr ksur.

102. Dan l-eżempju hu partikolarment diffiċli f'termini ta' rekwiżiti u suppożizzjonijiet tad-dejta. Mudelli ta' simulazzjoni iżjed sempliċi jistgħu jiġu prevvisti biex jistmaw id-danni iżda joqogħdu ħafna iżjed fuq suppożizzjonijiet kruċjali li diffiċli jiġu verifikati. Pereżempju, id-danni wara ksur permezz ta ' kartell jistgħu jiġu kkalkulati billi jitqabblu prezzijiet ta' monopolju (immirati biex jirriflettu l-prezzijiet matul il-kartell) bi prezzijiet mistennija taħt il-mudell Cournot (immirati biex jirriflettu l-prezzijiet fix-xenarju ta' mingħajr il-ksur), bl-użu ta' dejta bħal ishma tas-suq, spejjeż, u elastiċità tal-prezz tas-suq. Madankollu, tali metodu kruċjalment jiddependi fuq l-interazzjonijiet kompetittivi preżunti fix-xenarji tal-ksur u mingħajr ksur u jinvolvi r-riskju li dawn ma jirriflettux mill-viċin biżżejjed il-mod ta' kif jopera l-kartell matul il-perjodu tal-ksur u l-mod ta' kif il-kompetizzjoni fis-suq kienet topera mingħajr il-ksur .

103. Il-mudelli ta' simulazzjoni jistgħu jintużaw biex jipprovdu stima tar-riżultati tas-suq mhux biss f'każijiet ta' kartell (jew ksur ieħor li jwassal għal żieda fil-prezzijiet), iżda wkoll f'każijiet ta' mġiba ta' esklużjoni. Pereżempju, mudell ta' oligopolju jista' jintuża biex jissimula l-volum tal-bejgħ u s-sehem tas-suq li kompetitur li ġie eskluż kien jikseb kieku ma seħħx il-ksur.

104. Kull mudell li jissimula r-riżultati tas-suq hu approssimazzjoni tar-realtajiet u joqgħod fuq suppożizzjonijiet teoretiċi u spiss anki fattwali dwar karatteristiċi tas-suq u l-imġiba probabbli ta' produtturi u klijenti. Għalkemm, min-natura proprja tagħhom, il-mudelli joqogħdu fuq is-simplifikazzjoni tar-realtà, anki mudelli sempliċi jistgħu f'ċerti każijiet jipprovdu tagħrif utli dwar id-danni probabbli. Għaldaqstant, li jiġi indikat li mudell joqgħod fuq suppożizzjonijiet sempliċi żżejjed ma għandux ikun biżżejjed waħedhom biex dawn jitwarrbu; minflok, wieħed għandu jqis kif uħud mis-suppożizzjonijiet tas-simplifikazzjoni x'aktarx jaffettwaw ir-riżultati tiegħu. Il-formazzjoni ta' mudell komprensiv li jirreplika firxa ta' karatteristiċi speċifiċi tas-suq inkwistjoni, jekk ikun jista' jiġi riżolt u valutat b'mod xieraq, tista' żżid il-probabbiltà li r-riżultat tas-simulazzjoni hu stima raġonevoli għax-xenarju ipotetiku ta' mingħajr ksur. Anki mudelli komprensivi ħafna, madankollu, għadhom jiddependu ħafna fuq li jsiru suppożizzjonijiet korretti, b'mod partikolari dwar id-domandi ċentrali ta' x'inhi l-modalità ta' kompetizzjoni mistennija u d-domanda mistennija mill-klijenti fix-xenarju ta' mingħajr ksur. Barra minn hekk, l-iżvilupp ta' mudelli kumplessi ta' simulazzjoni jista' teknikament ikun diffiċli u jista' jitlob ammonti sinifikanti ta' dejta li mhux dejjem ikunu aċċessibbli għall-parti kkonċernata jew possibbli li jiġu stmati bi kredidibbiltà suffiċjenti.

105. Minkejja dan, kemm mudelli ta' simulazzjoni sempliċi u dawk iżjed kumplessi jistgħu jipprovdu tagħrif utli meta ssir stima tar-riżultati li suq ikun produċa kieku ma

[94] Il-valur ta' dawn il-parametri (pereż. il-valur għal spejjeż marġinali użati fil-kalkolu) fil-perjodu mingħajr ksur jista' jiġi determinat b'mod li l-prezzijiet u l-volumi derivati jaqblu mad-dejta osservata.

kienx hemm il-ksur tal-Artikolu 101 jew 102 TFUE. Jekk is-sistemi legali jikkunsidrawx li l-użu ta' simulazzjoni ekonomika huwa xieraq u li r-riżultati tagħha huma kredibbli biżżejjed, u f'liema sitwazzjoni proċedurali jagħmlu dan, jiddependi fuq iċ-ċirkostanzi speċifiċi tal-każ inkwistjoni u r-rekwiżiti taħt ir-regoli legali applikabbli.

***B. Metodi bbażati fuq l-ispejjeż u l-finanzi***

106. Approċċi oħra biex jiġu stmati l-prezzijiet probabbli kieku ma kienx hemm il-ksur hu provdut mill-metodu bbażat fuq l-ispejjeż[95] jew bil-metodi ibbażati fuq ir-rendiment finanzjarju ta' applikant jew impriżi konvenuti (metodi bbażati fuq il-finanzi).

107. Dan il-metodu bbażat fuq l-ispejjeż jikkonsisti fl-użu ta' xi kejl ta' spejjeż tal-produzzjoni għal kull unità, u ż-żieda ta' mark-up għal profitt li kien ikun "raġonevoli" fix-xenarju mingħajr ksur. L-istima riżultanti għal prezz ta' mingħajr ksur għal kull unità tista' tiġi mqabbla mal-prezz ta' kull unità li hu impost mill-impriżi tal-ksur għall-kisba ta' stima tal-overcharge.[96]

108. Tipi differenti ta' spejjeż tal-produzzjoni jistgħu jkunu adattati għall-implimentazzjoni tal-metodu bbażat fuq l-ispejjeż, skont il-karatteristiċi tal-industrija kkonċernata. Madankollu, hu essenzjali li jiġi żgurat li t-trattament tal-ispejjeż u l-marġni jkun konsistenti. Pereżempju, jekk l-ispejjeż varjabbli (jiġifieri spejjeż li jvarjaw skont il-livell tal-produzzjoni) jiġu kkunsidrati bħala l-bażi ta' dan l-eżerċizzju, marġni gross (jiġifieri l-marġni ta' profitt ladarba l-ispejjeż varjabbli jkunu tnaqqsu) għandu jiġi miżjud biex jiġi kkalkulat il-prezz. Għandu jiġi osservat ukoll li l-ispiża rilevanti għad-determinazzjoni tal-prezzijiet ma tistax tkun l-uniku spiża ta' min wettaq il-ksur, iżda wkoll l-ispiża ta' wieħed mill-kompetituri tiegħu (pereż. jekk il-prezz fis-suq jiġi determinat mill-produttur li hu l-inqas effiċjenti).

*109.* L-ewwel pass tal-metodu bbażat fuq l-ispejjeż huwa li tiġi determinata l-ispiża għal kull unità. L-ispejjeż għal kull unità jistgħu jiġu stmati billi jiġu diviżi l-ispejjeż tal-produzzjoni rilevanti attwali li ġarrab minn wettaq il-ksur għall-attività tan-negozju rilevanti bin-numru totali tal-prodotti li jiġu prodotti. Dan l-approċċ jista' jkun pjuttost sempliċi fejn il-kumpaniji jew id-diviżjonijiet tan-negozju separati tal-kumpaniji jipproduċu prodott ewlieni wieħed biss. Dawn il-kumpaniji jew diviżjonijiet tan-negozju jippubblikaw id-dejta tal-ispejjeż ewlenin tagħhom jew jissottomettu din l-informazzjoni bħala parti mill-kontijiet awditjati tagħhom mar-reġistri pubbliċi. F'sitwazzjonijiet oħra, l-aċċess għad-dejta u l-allokazzjoni tal-ispejjeż għall-prodott affettwata mill-ksur huma iżjed diffiċli. Meta d-dejta tal-kontabilità tkun disponibbli, l-aġġustamenti jistgħu jkunu neċessarji meta wieħed iqis li l-kunċetti tal-ispejjeż f'termini ta' kontabilità jistgħu jvarjaw mill-kunċetti tal-ispejjeż f'termini ekonomiċi.

---

95 Dan il-metodu hu msemmi wkoll bħala l-"metodu biż-żieda tal-ispejjeż" jew "metodu ta' spejjeż bottom-up". Jissemma, bħala approċċ sussidjarju f'każijiet fejn il-metodi bbażati fuq komparatur ma jkunux xierqa, mill-*Bundesgerichtshof* (Qorti Federali tal-Ġustizzja, il-Ġermanja), sentenza tad-19 ta' Ġunju 2007, il-Kawża Nru KBR 12/07 (*Paper Wholesale Cartel*).

96 Normalment, il-metodu bbażat fuq l-ispejjeż hu meqjus għall-kwantifikazzjoni tal-overcharges tal-prezz. Il-metodu, jew l-elementi tiegħu, jistgħu, madankollu, jintużaw ukoll għall-kwantifikazzjoni ta' forom oħra ta' dannu bħall-profitti mitlufa mill-kompetituri esklużi. Pereżempju, l-*Oberlandesgericht Düsseldorf* (Qorti Reġjonali Superjuri, Düsseldorf), sentenza tas-16 ta' April 2008, il-Kawża Nru VI-2 U (kart) 8/06, 2 U 8/06 (*Stadtwerke Düsseldorf*), stmat il-profitti mitlufa ta' kompetitur eskluż billi kkunsidrat l-ispejjeż tal-kompetitur u l-marġni tal-profitt probabbli espress bħala proporzjon ta' dawn l-ispejjeż.

*110.* Jista' jiġri li l-ispejjeż tal-produzzjoni osservati matul il-ksur ma jkunux rappreżentattivi tal-ispejjeż tal-produzzjoni li kienu jkunu probabbli mingħajr il-ksur. Dan jista' jkun primarjament għal żewġ raġunijiet: l-ewwel nett, fil-każ ta' ksur tal-Artikolu 101, il-kumpaniji li minħabba l-imġiba kolluživa tagħhom mhumiex soġġetti għall-pressjoni kompetittiva li kienet teżisti fix-xenarju mingħajr il-ksur jistgħu joperaw b'mod inqas effiċjenti u għaldaqstant jiġġeneraw spejjeż ogħla tal-produzzjoni milli taħt pressjoni kompetittiva. It-tieni nett, dawk li wettqu l-ksur jistgħu jirrestrinġu l-produzzjoni u għaldaqstant jistgħu, matul il-ksur, jeskludu ekonomiji tal-kobor li kienu jwasslu għal spejjeż tal-produzzjoni iżjed baxxi. Fejn ikunu jeżistu indikazzjonijiet għal dawn is-sitwazzjonijiet, l-aġġustamenti għad-dejta tal-ispejjeż osservati ta' min iwettaq il-ksur jistgħu jkunu xierqa. Fejn ma jsirux dawn l-aġġustamenti, l-ispejjeż osservati xorta jistgħu jikkontribwixxu, bil-metodu bbażat fuq l-ispejjeż, għal stima lower-bound tal-overcharge tal-prezz possibbli.

111. It-tieni pass tal-metodu bbażat fuq l-ispejjeż jirrikjedi li marġni tal-profitt "raġonevoli" jiġi stmat u miżjud mal-ispejjeż tal-produzzjoni għal kull unità. Jeżistu diversi approċċi biex jipprovdu stima ta' marġni ta' profitt "raġonevoli". Dawn huma bbażati jew fuq tqabbil matul iż-żmien jew fi swieq differenti, jew fuq mudelli ekonomiċi, u għaldaqstant għandhom affarijiet komuni mal-metodi deskritti fit-Taqsimiet preċedenti. Pereżempju, stima għall-marġni tal-profitt li tista' raġonevolment tkun mistennija f'xenarju mingħajr ksur tista' tinkiseb mill-marġni tal-profitt magħmul minn impriżi simili f'suq ġeografiku komparabbli mhux affettwat mill-ksur jew fi swieq ta' prodott komparabbli.[97] Similarment, il-marġni tal-profitt tal-impriża li wettqet il-ksur (jew waħda simili) matul il-perjodi ta' qabel jew wara l-ksur jista' jintuża bħala bażi għall-istima. Dawn iż-żewġ metodi bbażati fuq komparatur joqogħdu fuq il-preżunzjoni li l-perjodu ta' referenza, suq jew ditta huma simili biżżejjed,[98] b'mod partikolari fir-rigward tal-karatteristiċi tas-suq li huma rilevanti għal marġni tal-profitt bħal-livell ta' kompetizzjoni fis-suq,[99] l-istruttura tal-ispiża tal-produttur (inklużi spejjeż tal-innovazzjoni), l-użu tal-kapaċità u l-limitazzjonijiet tal-kapaċità. Dawn is-suppożizzjonijiet mhux dejjem jiġu faċilment verifikati, għax numru kbir ta' fatturi u deċiżjonijiet strateġiċi aktarx li jiddeterminaw il-prezz u l-ambjent tal-marġni tad-ditta.

112. Approċċ ieħor għall-istima ta' marġni tal-profitt "raġonevoli" huwa li tiġi kkunsidrata n-natura tal-kompetizzjoni u l-karatteristiċi tas-suq mingħajr il-ksur u biex jinkiseb marġni tal-profitt probabbli mit-tagħrif minn mudelli tal-organizzazzjoni industrijali.[100] Pereżempju, kieku ma kienx hemm il-ksur, il-prezzijiet aktarx li joqorbu lejn l-ispejjeż minħabba l-omoġenjità relattiva tal-prodotti u l-kapaċitajiet żejda fis-suq; f'dawn il-każijiet, il-marġni tal-profitt probabbli tal-produtturi jkun relattivament baxx.[101]

---

97 *Bundesgerichtshof* (Qorti Federali tal-Ġustizzja, il-Ġermanja), sentenza tad-19 ta' Ġunju 2007, il-Kawża Nru KBR 12/07 (*Paper Wholesale Cartel*), li tirreferi għall-marġni tal-profitt ġenerat f'"industrji komparabbli".

98 Għal kunsiderazzjonijiet rilevanti dwar biżżejjed similarità, ara l-paragrafi 38-58 fil-Parti 2, it-Taqsima II hawn fuq.

99 Pereż. jekk il-kompetizzjoni kienet tkun tant b'saħħitha li twassal għal tnaqqis fil-prezzijiet lejn l-ispejjeż marġinali (kif preżunt fil-mudell tal-kompetizzjoni perfetta) jew jekk il-marġni tal-profitt, minħabba struttura oligopolistika, kienu jkunu ogħla anki mingħajr il-ksur.

100 Ara l-paragrafi 97 *ff.* hawn fuq fil-Parti 2, Taqsima III.

101 L-ispiża tal-kapital (jiġifieri l-ispiża li biha ditta tista' tikseb il-kapital fuq is-suq) hi xi kultant ikkunsidrata bħala approssimazzjoni ta' marġni tal-profitt "raġonevoli" f'dawn il-każijiet. Madankollu, marġni mingħajr ksur jistgħu b'mod sinifikanti jvarjaw mill-ispiża tal-kapital, pereżempju meta ma

113. Huwa ċar minn dan ta' hawn fuq li kemm l-istima tal-ispejjeż probabbli mingħajr il-ksur kif ukoll l-istima ta' marġni tal-profitt "raġonevoli" jistgħu, fil-prattika, jirrikjedu firxa ta' kwistjonijiet diffiċli li għandhom jiġu kkunsidrati. Barra minn hekk, il-metodu bbażat fuq l-ispejjeż jippresupponi aċċess għal dejta li jistgħu jkunu fil-pussess tal-parti opposta jew parti terza. Minkejja dan, skont iċ-ċirkostanzi tal-każ partikolari u tar-rekwiżiti taħt ir-regoli legali applikabbli, dan jista' jipprovdi tagħrif utli biex jappoġġja stima tad-dannu sofrut permezz ta' ksur tal-antitrust.

114. Metodi bbażati fuq analiżi finanzjarja jieħdu l-prestazzjoni finanzjarja tal-applikant jew l-impriża konvenuta bħala l-punt ta' tluq għall-istima Jekk il-pretendent ġarrbet ħsara u l-ammont ta' dik il-ħsara.

115. Fejn ir-rikorrent f'azzjoni għad-danni jkun impriża u l-ksur ikun ikkawża ħsara lil dak in-negozju, huwa possibbli li analiżi tas-sitwazzjoni finanzjarja ta' dik l-impriża (u partikolarment il-profittabbiltà tagħha) jista' jagħti ħjiel utli dwar dak li jagħmel il-ħsara. Dan jista' jkun ta' siwi partikolari f'każijiet fejn it-telf ta' profitti qed jintalab, pereżempju fil-każ ta' kompetitur illegalment eskluż minn suq.

116. Fuq din il-bażi, metodi standard għall-evalwazzjoni tal-profitabbiltà ta' impriża (bħal pereżempju il-metodu "valur nett attwali", li jikkalkola l-valur preżenti ta' flussi ta' flus futuri ta' impriża) jista' jintuża biex jagħti tagħrif dwar l-ammont ta' ħsara. Bl-istess mod, il-metodi ta' evalwazzjonijiet kummerċjali, inkluż metodi ta' kontabilità, jistgħu iwasslu għal tagħrif utli.

117. Għal dawn il-metodi kollha, ix-xenarju kontrofattwali xieraq għandu jkun determinat. Iadarba li r-redditu attwali tal-impriża konvenuta ġie kkalkulat, għandu jiġi vvalutat kif dik il-profitabbilità kienet tkun li kieku ma kienx hemm ksur. Huwa possibbli li jinbnew kontrofattwali dan billi jużaw dejta fuq il-qligħ minn suq komparatur — dan l-approċċ huwa mbagħad simili għal metodi bbażati fuq komparatur diskussi hawn fuq.[102] Pereżempju, il-profittabbiltà tar-rikorrent qabel u wara l-ksur jistgħu jintużaw biex jinbena xenarju ta' mingħajr ksur. Huwa wkoll possibbli li jintuża standard alternattiv biex jinbena l-kontrofattwali. Waħda mill-possibbiltajiet f'dan ir-rigward huwa li tuża l-kost tal-kapital bħala punt ta' referenza: Din il-miżura tiddeskrivi l-marġni ta' profitt minimu meħtieġ f'industrija partikolari biex tattira l-kapital u għalhekk jista' jkun xieraq li wieħed jissoponi li l-impriża inkwistjoni tkun mill-inqas kisbet il-profitt minimu f'xenarju ta' mingħajr ksur.

118. Vantaġġ ta' metodi finanzjarji hu li f'xi każ, l-informazzjoni meħtieġa biex japplikawhom jistgħu jinżammu minn impriżi minħabba rekwiżiti tal-kontabbiltà, jew tista' saħansitra tkun disponibbli pubblikament, kif jista' jkun il-każ ta' kumpaniji nnegozjati pubblikament.

## *C. Metodi oħra*

119. Il-metodi deskritti f'din il-Gwida Prattika huma dawk li rċivew l-iżjed kunsiderazzjoni sa issa fil-prattika legali u l-istudju akkademiku. Madankollu, m'għandhomx jitqiesu bħala lista eżawrjenti, l-ewwel nett, għax il-metodi deskritti jistgħu jkomplu jevolvu jew jista' jkun hemm oħrajn li jistgħu jiġu żviluppati fil-prattika.

*120.* It-tieni nett, jeżistu metodi li ma ġewx diskussi f'din il-Gwida Prattika li minkejja kollox jistgħu jkunu utli, b'mod partikolari, sabiex tiġi stabbilita stima upper- jew

---

jkunx hemm kompetizzjoni perfetta jew fil-preżenza ta' vantaġġi tal-ispejjeż speċifiċi għad-ditta għal ċerti ditti, jew taqlib fid-domanda u l-provvista.

102 Ara f'iżjed dettall fil-paragrafu 32 *ff.*

lower-bound[103] jew stima approssimattiva[104] għad-dannu sofrut. B'mod speċjali meta s-sistemi legali jipprovdu għall-possibbiltà ta' stima approssimattiva, il-qrati nazzjonali għażlu tekniki prammatiċi iżjed milli applikazzjoni sofistikata tal-metodi stabbiliti fit-Taqsimiet A u B hawn fuq sabiex jiġi stabbilit l-ammont ta' danni li għandu jingħata lill-partijiet li ġarrbu d-dannu. Pereżempju, f'każijiet fejn parteċipant ġdid ġie eskluż bi ksur tal-Artikolu 101 jew 102 TFUE, ġieli ntużaw pjanijiet tan-negozju[105] bħala sors ta' informazzjoni dwar il-profitti probabbli ta' negozju, għalkemm f'xi każijiet aġġustati skont iċ-ċirkostanzi tas-suq jew permezz tal-użu tad-dejta minn suq jew impriża komparatur.

121. Hija kompetenza tal-qrati nazzjonali li jistabbilixxu jekk, taħt ir-regoli applikabbli, jistax jiġi aċċettat metodu għall-kwantifikazzjoni tad-dannu f'każ partikolari, sakemm jiġu osservati l-prinċipji tal-effikaċja u l-ekwivalenza tal-liġi tal-UE.

## IV. GĦAŻLA TA' METODI

122. Kull wieħed mill-metodi deskritti fit-Taqsimiet II u III hawn fuq jistgħu, bħala prinċipju, jipprovdu tagħrif utli b'rabta mal-ksur kollu tal-Artikolu 101 jew 102 TFUE u t-tipi differenti ta' dannu li dan il-ksur jista' jipproduċi. B'mod partikolari, jagħmluha possibbli li jiġi stmat mhux biss l-ammont ta' overcharge ta' prezz illegali f'kartell tal-iffissar tal-prezzijiet iżda wkoll, pereżempju, il-volum tal-bejgħ jew il-profitt mitluf minn kumpanija li ssofri dannu minħabba abbuż ta' esklużjoni minn kompetitur dominanti.

123. Għandu jiġi enfasizzat li hu possibbli li jiġi biss stmat, u mhux imkejjel b'ċertezza u preċiżjoni, kif kien ikun ix-xenarju ipotetiku mingħajr ksur. Ma hemm l-ebda metodu li jista' jiġi identifikat bħala wieħed li fil-każijiet kollha jkun iżjed xieraq minn oħrajn. Kull wieħed mill-metodi deskritti hawn fuq għandu karatteristiċi, vantaġġi u nuqqasijiet partikolari li jistgħu jagħmluh iżjed jew inqas adattat biex jipprovdi stima tad-dannu sofrut f'sett partikolari ta' ċirkostanzi. B'mod partikolari, il-metodi jvarjaw fil-livell safejn huma sempliċi li jiġu applikati, fil-livell safejn joqogħdu fuq dejta li huma r-riżultat ta' interazzjonijiet reali fis-suq jew fuq preżunzjonijiet ibbażati fuq teorija ekonomika u safejn jikkunsidraw fatturi oħra minbarra l-ksur li seta' affettwa s-sitwazzjoni tal-partijiet.

124. Fiċ-ċirkostanzi speċifiċi ta' kwalunkwe każ indikat, l-approċċ xieraq għall-kwantifikazzjoni għandu jiġi determinat taħt ir-regoli applikabbli tal-liġi. Kunsiderazzjonijiet rilevanti jistgħu jinkludu, flimkien mal-istandard u l-oneru tal-prova taħt ir-regoli legali applikabbli, id-disponibbiltà tad-dejta, l-ispejjeż u ż-żmien involuti u l-proporzjonalità tagħhom b'rabta mal-valur tat-talba għad-danni inkwistjoni. L-ispejjeż li għandhom jiġu kkunsidrati f'dan il-kuntest jistgħu mhux ikunu dawk dovuti meta l-parti li jkollha fuqha l-oneru tal-prova tapplika l-metodu, iżda jinkludu wkoll l-ispejjeż għall-parti l-oħra biex tirribatti s-suppożizzjonijiet tagħha u l-ispejjeż għas-sistema ġudizzjarja meta l-qorti tevalwa r-riżultati prodotti b'dan il-metodu, possibilment bl-għajnuna ta' espert maħtur mill-qorti. L-ispejjeż u

---

103 Pereżempju, stima upper-bound tista' tinkiseb permezz ta' analiżi tat-telf. Din it-teknika tevalwa liema telf fil-kwantitajiet jagħmel żieda fi prezz mhux bi qligħ.

104 Pereżempju, profitti kontrafattwali jistgħu jkunu identifikati *prima facie* billi titqies bħala kejl l-ispiża tal-kapital, fuq is-suppożizzjoni li, fin-nuqqas ta' ksur, l-impriża tkun qalgħet l-ispiża tal-kapital, li tirrappreżenta r-ritorn minimu meħtieġ mill-fornituri tal-kapital lil impriża. Dwar il-limitazzjonijiet ta' dan l-approċċ, ara n-nota ta' qiegħ il-paġna 101.

105 Ara pereżempju *Højesteret* (Qorti Suprema Daniża), sentenza tal-20 ta' April 2005, kawża UFR 2005.217H (*GT Linien A/S v De Danske Statsbaner DSB and Scandlines A/S*).

l-piż għal parti li ġarrbet id-dannu u l-proporzjonalità tagħhom jistgħu jsiru partikolarment rilevanti wkoll bil-għan tal-prinċipju tal-effikaċja.[106] Barra minn hekk, id-deċiżjoni taħt il-liġi applikabbli dwar jekk il-metodi u t-tekniki deskritti f'din il-Gwida Prattika għandhom jintużaw tista' tiddependi wkoll fuq id-disponibbiltà ta' provi oħra, pereżempju prova dokumentarja prodotta mill-impriżi fuq l-iżvilupp tan-negozju li turi li żieda fil-prezz illegalment maqbula ġiet fil-fatt implimentata b'ċertu ammont.

*125.* Jista' jagħti l-każ li f'każ partikolari, l-applikazzjoni ta' diversi metodi (pereż. tqabbil matul iż-żmien u tqabbil fuq swieq ġeografiċi) tiġi prevista, jew alternattivament jew b'mod kumulattiv. Meta żewġ metodi differenti jagħtu riżultati li huma simili, dawn is-sejbiet jistgħu jwasslu biex sistema legali tattribwixxi valur iżjed b'saħħtu ta' provi lill-istima tad-danni, possibilment lower bound, ibbażat fuq dawn il-metodi. Meta, madankollu, l-applikazzjoni ta' żewġ metodi tipproduċi riżultati li jidhru kontradittorji (speċjalment meta żewġ partijiet opposti joqogħdu fuq metodu differenti), ma jkunx normalment xieraq li sempliċiment tittieħed il-medja taż-żewġ riżultati u lanqas ma jkun xieraq li jitqies li r-riżultati kontradittorji jikkanċellaw lil xulxin fis-sens li ż-żewġ metodi m'għandhomx jiġu kkunsidrati. F'dan ix-xenarju, ikun pjuttost xieraq li jiġu eżaminati r-raġunijiet għar-riżultati differenti u li jiġu kkunsidrati b'attenzjoni l-vantaġġi u n-nuqqasijiet ta' kull metodu u l-implimentazzjoni tiegħu fil-każ inkwistjoni.

106 Ara l-paragrafu 2 fil-Parti 1, it-Taqsima 1 hawn fuq.

## Parti 3 – Kwantifikazzjoni tad-dannu kkawżat minn żieda fil-prezzijiet

### I. EFFETTI TA' KSUR GĦAL ŻIEDA FIL-PREZZIJIET

126. Prattiki antikompetittivi jista' jkollhom l-effett li jgħollu l-prezzijiet li klijenti diretti u spiss klijenti[107] indiretti tal-impriżi tal-ksur iħallsu għall-prodott ikkonċernat. Il-klijenti diretti tal-impriżi tal-ksur huma dawk li jixtru prodott direttament mingħand waħda mill-impriżi tal-ksur; klijenti indiretti huma dawk li jixtru prodott affettwat mill-ksur mingħand dawn il-klijenti diretti jew mingħand klijenti indiretti oħra.

127. Eżempji tipiċi ta' ksur li jwassal għal tali żidiet huma kartelli tal-prezz, jew ipprezzar eċċessiv minn impriża dominanti. Il-klijenti jistgħu jiġu affettwati wkoll minn prattiki li jillimitaw il-produzzjoni jew jallokaw lill-klijenti jew lis-swieq — distorsjonijiet ta' kompetizzjoni li mbagħad normalment iwasslu għal żieda fil-prezzijiet. Tip differenti ta' dannu hu kkawżat meta l-ksur jolqot negattivament il-pożizzjoni fis-suq tal-kompetituri; il-kwantifikazzjoni ta' dan id-dannu u l-konsegwenzi tiegħu għall-klijenti hu diskuss fil-Parti 4 hawn taħt.

128. Safejn il-ksur iwassal għal żieda fil-prezzijiet għall-prodotti kkonċernati, jistgħu jiġu distinti żewġ tipi ewlenin[108] ta' dannu kkawżat minn dan il-ksur:

(a) id-dannu riżultanti mill-fatt li l-klijenti diretti u indiretti tal-impriżi tal-ksur ikollhom iħallsu iżjed għal kull prodott li jixtru milli kien ikun il-każ kieku ma kienx hemm il-ksur (l-"overcharge"). Dan it-tip ta' dannu hu diskuss f'iżjed dettall fit-Taqsima II; u

(b) id-dannu riżultanti mill-hekk imsejjaħ "effett ta' volum", li hu kkawżat mill-fatt li jinxtraw inqas mill-prodotti inkwistjoni minħabba ż-żieda fil-prezzijiet. Dan it-tip ta' dannu hu diskuss f'iżjed dettall fit-Taqsima III.

Il-figura li ġejja tirrappreżenta b'mod stilizzat dawn iż-żewġ effetti ewlenin:




129. $P_1$ hu l-prezz impost jekk l-ebda ksur tal-Artikolu 101 jew 102 TFUE ma jaffettwa s-suq. F'suq perfettament kompetittiv, dan il-prezz għandu jkun daqs l-ispiża tal-fornitur li jipproduċi unità waħda oħra ("l-ispiża marġinali"). Ħafna swieq mhumiex

---

[107] F'xi każijiet, l-impriżi li ma jiksrux ir-regoli tal-kompetizzjoni huma stess jistgħu jgħollu l-prezzijiet tagħhom, għax il-prezzijiet tas-suq huma ogħla minħabba l-ksur. Klijenti li jixtru mingħand dawn l-impriżi huma xi kultant imsejħa "klijenti umbrella". Safejn dawn il-klijenti jistgħu jitolbu kumpens għad-dannu mingħand l-impriżi tal-ksur jiddependi fuq ir-regoli legali applikabbli.

[108] Għal tipi oħra ta' dannu, ara l-paragrafu 22 fil-Parti 1, it-Taqsima III.

perfettament kompetittivi u l-prezzijiet mingħajr il-ksur f'dawn is-swieq ikunu 'l fuq mil-livell tal-ispejjeż marġinali. Fil-prezz $P_1$, $Q_1$ hi l-kwantità tal-prodott mixtrija mill-klijenti.

130. $P_2$ hu l-prezz ogħla li jirriżulta minn ksur li jkollu effett fuq il-prezz. Dan min-naħa tiegħu jwassal għal inqas domanda ($Q_2$) għax xi klijenti jqisu li l-prezz ogħla li jkollhom iħallsu jeċċedi l-valur ta' li wieħed ikun is-sid tal-prodott jew li jibbenefika mis-servizz. Dan l-effett hu msejjaħ l-"effett tal-volum" jew l-"effett tal-kwantità". Il-livell safejn żieda fil-prezzijiet taffettwa d-domanda jiddependi fuq l-elastiċità tad-domanda. L-elastiċità tad-domanda tkejjel b'liema perċentwal il-kwantità mibjugħa ta' prodott f'suq partikolari tvarja b'reazzjoni għal bidla ta' wieħed fil-mija għal livell ta' domanda partikolari, u tipprovdi indikazzjoni utli tal-kobor tal-effett tal-volum għal bidliet żgħar fil-prezz.

131. Ir-Rettangolu A jirrappreżenta l-valur trasferit mill-klijenti lil min iwettaq il-ksur minħabba l-ksur: il-klijenti li jixtru bil-prezz ogħla $P_2$ ikollhom jittrasferixxu iżjed flus lill-impriża li twettaq il-ksur sabiex jiksbu l-prodott. Jistgħu jitolbu kumpens talli kellhom iħallsu iżjed u t-Taqsima II hawn taħt tispjega kif għandu jiġi kwantifikat dan id-dannu.

132. It-Trijangolu B jirrappreżenta l-effett tal-volum u għaldaqstant il-valur eskluż miċħud minn dawk li kienu xtraw il-prodott għall-prezz $P_1$, iżda joqogħdu lura milli jagħmlu dan meta l-prezz jitla' għal $P_2$.[109]

133. Xi klijenti jużaw il-prodott inkwistjoni għall-attivitajiet kummerċjali tagħhom stess — pereżempju biex ibigħuh lil ħaddieħor jew għall-manifattura ta' oġġetti oħra. Meta ma jixtrux bil-prezz $P_2$ (jew jixtru inqas), huma jiċċaħħdu mill-profitt li kienu jagħmlu kieku kienu kapaċi jixtru bil-prezz $P_1$. Jistgħu jitolbu riparazzjoni għal dan it-telf tal-profitt u t-Taqsima III hawn taħt għandha turi kif għandu jiġi kwantifikat dan id-dannu. Klijenti oħra huma klijenti finali. Jekk dawn ma jixtrux bil-prezz $P_2$ dan ikun ifisser li huma jonqsu milli jgawdu l-utilità ta' dawn il-prodotti jew servizzi, li għalihom kienu lesti li jħallsu l-prezz $P_1$.[110] Regoli legali applikabbli jistgħu jipprovdu li parti minn tali dannu, jew kollu kemm hu, għandu jiġi kkumpensat minħabba dan in-nuqqas li titgawda l-utilità tal-prodott. Bħala minimu, il-klijenti finali li jkollhom isofru prezzijiet ogħla (pereżempju għax-xiri ta' prodott sostitut) u li għaldaqstant sofrew telf reali[111] għandhom ikunu jistgħu jiksbu kumpens.

134. Dan ta' hawn fuq jipprovdi sommarji tal-effetti bażiċi fuq is-suq tal-ksur li jwasslu għal prezz tal-bejgħ ogħla. Il-ksur tal-Artikolu 101 jew 102 TFUE jista' anki jaffettwa l-aspett tad-domanda u jwassal għal inqas prezzijiet tax-xiri mħallsa minn min jagħmel il-ksur fil-provvista tiegħu tal-prodotti, pereżempju fil-każ ta' kartell tax-xerrejja jew fl-abbuż tas-setgħa tas-suq eżerċitata minn xerrej dominanti fir-rigward tal-fornituri tiegħu. F'dan il-każ, l-effetti tal-prezz ikunu jikkonsistu f'"undercharge" għall-fornitur tal-parti li twettaq il-ksur, u spiss anki għal overcharge fuq is-swieq downstream, jiġifieri għall-klijenti diretti u indiretti ta' min iwettaq il-

[109] Għall-ekonomija inġenerali, dan it-trijangolu għaldaqstant jirrappreżenta t-telf fil-valur għal klijenti minħabba tnaqqis fil-produzzjoni: filwaqt li l-overcharge jaffettwa d-distribuzzjoni tal-assi fi ħdan l-ekonomija, it-trijangolu B ifisser benessri mhux maħluq minħabba l-ksur. Fl-istudju tal-ekonomija, dan hu msejjaħ 'telf tal-valur intrinsiku'

[110] Hu possibbli wkoll li l-klijenti kienu jkunu preparati li jħallsu prezz ogħla minn $P_1$, iżda inqas minn $P_2$.

[111] Ara, għal dan it-terminu legali, il-Kawżi Konġunti minn C-295/04 sa C-298/04 *Manfredi* [2006] Ġabra I-6619, 95.

ksur.[112] L-istess metodi użati biex jikkwantifikaw overcharge jistgħu, bħala prinċipju, jintużaw ukoll biex jikkwantifikaw l-undercharge, pereż. il-prezzijiet iżjed baxxi mħallsa mill-membri ta' kartell tax-xerrejja fir-rigward tal-fornituri tagħhom.

135. L-istess metodi jistgħu, bħala prinċipju, jintużaw[113] meta mal-ewwel daqqa t'għajn ma jkun jidher l-ebda overcharge, għax il-ksur ikun serva biex b'mod artifiċjali jistabbilizza l-prezzijiet fuq ċertu perjodu taż-żmien li fih il-prezzijiet ikunu taħt ċirkostanzi tas-suq normali (jiġifieri mingħajr ksur) naqsu. F'dan li ġej, it-terminu "overcharge" jinkludi wkoll dawn is-sitwazzjonijiet.

## II. KWANTIFIKAZZJONI TAL-OVERCHARGE

136. Tipi differenti ta' ksur iwasslu direttament jew indirettament għal overcharges. Kawżi għad-danni tal-antitrust spiss jittrattaw overcharges ikkawżati minn kartelli, li se jiġu indirizzati fit-Taqsima A hawn taħt. Il-kwantifikazzjoni tal-overcharges ikkawżati minn tipi oħra ta' ksur se tiġi indirizzata fit-Taqsima B hawn taħt.

### *A. Kwantifikazzjoni tal-overcharges ikkawżati mill-kartelli*

137. F'kawża għall-kumpens, ikun meħtieġ — fil-kwadru tar-regoli legali applikabbli — li jiġi kwantifikat l-overcharge imħallas mir-rikorrent(i). L-istudji ekonomiċi u legali analizzaw l-effetti tal-kartelli; xi tagħrif minn dawn l-istudji huwa stabbilit hawn taħt fit-Taqsima 1.

138. F'kawżi għad-danni, huwa utli li ssir distinzjoni bejn l-overcharge imħallas fil-bidu mill-klijent dirett tal-impriża li twettaq il-ksur (ara t-Taqsima 2 hawn taħt) u d-dannu possibbli li dan l-overcharge jikkawża lill-klijenti indiretti f'livelli differenti tal-katina tal-provvista (it-Taqsima 3).

### (1) Effetti tal-kartelli

139. Kartelli huma ftehimiet u prattiki miftiehma bejn żewġ impriżi jew iżjed immirati biex jinfluwenzaw il-parametri tal-kompetizzjoni permezz ta' prattiki bħall-iffissar tal-prezz tax-xiri jew tal-bejgħ jew ta' kundizzjonijiet oħra tal-kummerċ, li jallokaw kwoti tal-produzzjoni jew tal-bejgħ jew il-qsim ta' swieq (inkluż l-immanuvrar fl-offerti). Għall-finijiet li jiġi skopert jekk dawn il-prattiki jiksrux l-Artikolu 101 TFUE, ma hemmx bżonn li l-ftehim tal-kartell ikun il-prevenzjoni, ir-restrizzjoni jew id-distorsjoni tal-kompetizzjoni.[114]

140. Il-ksur tar-regoli tal-kompetizzjoni jesponi lill-membri tal-kartell għar-riskju li jiġu skoperti u għaldaqstant suġġett għal deċiżjoni li ssib il-ksur u li timponi multi. Is-sempliċi fatt li minkejja dan l-impriżi jinvolvu ruħhom f'attività illegali ta' din ix-xorta jissuġġerixxi li jistennew li jgawdu benefiċċji sostanzjali mill-azzjonijiet

---

112 Sabiex iniżżlu l-prezzijiet tal-input, il-membri tal-kartell/xerrejja dominanti b'setgħa fis-suq downstream aktarx li jirrestrinġu x-xiri tal-input tagħhom, u b'hekk inaqqsu wkoll il-bejgħ tal-produzzjoni biex b'hekk iżidu l-prezzijiet downstream.

113 Il-metodu bbażat fuq tqabbil bejn il-perjodi taż-żmien biss fil-varjanti tat-tqabbil ta' "qabel u wara" (jiġifieri t-tqabbil tal-prezzijiet tal-ksur mal-prezzijiet ta' qabel il-ksur) probabbilment ma jkunx xieraq, sakemm ma jiġux applikati analiżi ta' rigress jew aġġustamenti sempliċi biex ikopru l-fatturi li jwasslu għal tnaqqis fil-prezz fiċ-ċirkostanzi tas-suq normali (pereż. tnaqqis fl-ispejjeż tal-materja prima).

114 Ara s-sentenzi tal-Qorti Ġenerali fil-Kawżi Konġunti T-25/95 eċċ. *Cimenteries CBR SA v il-Kummissjoni* [2000] Ġabra II-491, 837, 1531, 2589; il-Kawża T-202/98 *Tate & Lyle v il-Kummissjoni* [2001] Ġabra II-2035, 72–74; Komunikazzjoni mill-Kummissjoni: Linji gwida dwar l-applikazzjoni tal-Artikolu 81(3) tat-Trattat, ĠU C 101, 27.4.2004, p. 97, 20–23.

tagħhom, jiġifieri jistennew li l-kartell ikollu effetti fuq is-suq u, għaldaqstant, fuq il-klijenti tagħhom.[115]

141. Studju mwettaq mill-Kummissjoni eżamina l-provi empiriċi dwar l-eżistenza tal-effetti tal-overcharge u l-kobor tagħhom.[116] Dan l-istudju jorbot fuq firxa ta’ studji empiriċi eżistenti dwar l-effetti tal-kartelli. B’mod partikolari, jirfina l-kampjun tal-kartelli eżaminati fl-iżjed studju komprensiv eżistenti billi jqis biss kartelli (a) li bdew wara l-1960 (biex b’hekk jiġu kkunsidrati biss kartelli iżjed riċenti), (b) li għalihom kien hemm disponibbli stima tal-medja tal-overcharge (iżjed milli stima biss tal-ogħla jew l-iżjed overcharge baxx), (c) li għalihom l-istudju rilevanti fl-isfond b’mod espliċitu jispjega l-metodu għall-kalkolu tal-istima medja tal-overcharge, u (d) li ġew diskussi f’artikli akkademiċi jew kapitoli f’kotba riveduti minn persuni bl-istess kwalifiki.[117] Filwaqt li hemm bżonn ta’ xi attenzjoni fl-interpretazzjoni tar-riżultati ta’ dan l-eżerċizzju,[118] l-istudju mwettaq għall-Kummissjoni fih xi informazzjoni utli dwar l-effetti tal-kartelli.

142. Fuq il-bażi tad-dejta osservata, dan l-istudju sab li fi 93 % tal-każijiet kollha ta’ kartell ikkunsidrati, il-kartelli jwasslu għal overcharge. Fir-rigward tal-ammont tal-overcharge tal-kartell, dan l-istudju għamel is-sejbiet li ġejjin:[119]




---

[115] Ara wkoll id-deċiżjoni tal-*Kammergericht Berlin* (Qorti Reġjonali Ogħla, Berlin) tal-1 ta’ Ottubru 2009 fil-Kawża Nru 2 U 10/03, fejn il-qorti rreferiet għal argument simili.

[116] Ara l-istudju estern ippreparat għall-Kummissjoni "Kwantifikazzjoni tad-danni tal-antitrust" (2009), paġni 88 *ff.*, aċċessibbli f'http://ec.europa.eu/competition/antitrust/actionsdamages/index.html.

[117] B’kollox, l-istudju jikkunsidra 114-il kartell ibbażat fuq tipi differenti ta’ kollużjoni, inkluż l-immanuvrar tal-offerti. Il-kampjun jinkludi kartelli internazzjonali u nazzjonali li affettwaw firxa wiesgħa ta’ industriji differenti. Il-firxa ġeografika tal-kampjun testendi għall-Istati Uniti u l-Kanada kif ukoll kartelli mill-Ewropa u reġjuni oħra.

[118] B’mod partikolari, jidher possibbli li kartelli li għandhom effett fuq is-suq jirċievu iżjed attenzjoni fi studji empiriċi minn dawk li m’għandhom l-ebda effetti, li jista’ jwassal għal ċertu preġudizzju fis-sejbiet; ara l-istudju "Kwantifikazzjoni tad-danni tal-antitrust", paġna 89 (ref. fin-nota 116ta’ qiegħ il-paġna), għal iżjed dettalji dwar l-interpretazzjoni tad-dejta użati fl-istudju.

[119] L-istudju "Kwantifikazzjoni tad-danni tal-antitrust", paġna 91 (ref. fin-nota ta' qiegħ il-paġna 116). Dan il-kobor hu espress bħala perċentwal tal-prezz reali. Dan ifisser li jekk il-prezz reali (jiġifieri l-prezz imħallas kif influwenzat mill-ksur) hu EUR 100 u l-overcharge titqies li hi 10 %, il-prezz mingħajr il-ksur jitqies li hu EUR 90.

143. Skont dan l-istudju, hemm għaldaqstant firxa konsiderevoli tal-overcharges osservati (b'xi kartelli b'overcharges saħansitra ta' iżjed minn 50%). Madwar 70% tal-kartelli kollha kkunsidrati f'dan l-istudju għandhom overcharge ta' bejn 10% u 40%. Il-medja tal-overcharge osservata f'dawn il-kartelli hi ta' madwar 20%.

144. It-tagħrif ta' dan l-istudju jaqbel ma' dak ta' studji empiriċi oħra disponibbli, jiġifieri li (a) il-maġġoranza vasta tal-kartelli jwasslu għal overcharge, u (b) li hemm varjanza konsiderevoli fl-overcharges osservati. Barra minn hekk, dawn l-istudji empiriċi kollha jqarrbu lejn stima simili tal-kobor tal-overcharges medji kif deskritti hawn fuq.[120]

145. Dan it-tagħrif dwar l-effetti tal-kartelli ma jiħux post il-kwantifikazzjoni tad-dannu speċifiku kkawżat mir-rikorrenti f'każ partikolari. Madankollu, il-qrati nazzjonali, fuq il-bażi ta' dan l-għarfien empiriku, affermaw li hu probabbli li l-kartelli normalment iwasslu għal overcharge u li iżjed ma jkun dam u iżjed ma kien sostenibbli kartell, iżjed isir diffiċli għal konvenut li jargumenta li l-ebda impatt negattiv fuq il-prezz ma seħħ f'każ konkret.[121] Dawn l-inferenzi, madankollu, huma kwistjoni għas-sistemi legali nazzjonali.

**(2) L-overcharge tal-bidu mħallas mill-klijent dirett**

146. Il-metodi u t-tekniki kollha deskritti hawn fuq fil-Parti 2 jistgħu, bħala prinċipju, jintużaw biex jikkwantifikaw l-overcharge tal-bidu mħallas mill-klijenti diretti tal-impriżi tal-ksur. Tipi oħra ta' provi (bħal, pereżempju, ftehim speċifiku dwar iż-żieda fil-prezzijiet kif muri fid-dokumenti interni) jistgħu jipprovdu wkoll tagħrif utli dwar l-ambitu tal-overcharge. Peress li l-overcharge tal-bidu huwa trasferiment ta' flus mill-klijent dirett lill-impriża/i tal-ksur, kwalunkwe informazzjoni li tista' teżisti dwar il-profitti illegali magħmula minn min iwettaq il-ksur tista' sservi wkoll għall-kwantifikazzjoni ta' dan l-overcharge, għalkemm dan x'aktarx ikun sottostima tal-ammont tal-overcharge imħallas.[122]

147. Sabiex jintwerew kif il-metodi u t-tekniki jistgħu jintużaw biex jipprovdu stima tal-prezzijiet f'xenarju mingħajr ksur u, abbażi ta' din l-istima, sabiex jiġi determinat l-overcharge imħallas mill-klijenti ta' impriżi tal-ksur, hu utli li jiġi kkunsidrat l-eżempju stilizzat ta' kartell tad-dqiq li diġà ssemma fil-Parti 2.[123]

| **Il-kartell tad-dqiq** |
|---|
| F'dan l-eżempju, id-dqiq kollu f'ċertu Stat Membru hu prodott minn erba' kumpaniji tat-tħin (Mitħna A, Mitħna B, Mitħna Ċ u Mitħna D). Dawn l-imtieħen jixtru ċ-ċereali mingħand diversi bdiewa, jitħnu ċ-ċereali u japplikaw it-trattamenti xierqa, jippakkjaw id-dqiq u jbigħuh lill-furnara. Dawn il-furnara jużaw id-dqiq biex jaħmu l-ħobż, li jbigħu lill-konsumaturi kif ukoll lil supermarkits. |

120 Għal dettalji u iżjed referenzi ara l-istudju "Kwantifikazzjoni tad-danni tal-antitrust", paġni 89 *ff.* (ref. fin-nota ta' qiegħ il-paġna 116).

121 Ara pereżempju *Bundesgerichtshof* (Qorti Federali tal-Ġustizzja, il-Ġermanja), sentenza tat-28 ta' Ġunju 2005, il-Kawża Nru KRB 2/05 (*Konkrit trasportabbli*) (fil-kuntest tal-valutazzjoni tal-qligħ illiċitu minn kartellisti għall-finijiet tal-kalkolu ta' multa).

122 Ara wkoll it-Taqsima 33(3)(3) tal-Att Ġermaniż dwar il-limitazzjonijiet għall-kompetizzjoni (*Gesetz gegen Wettbewerbsbeschränkungen*), li jgħid li l-proporzjon tal-profitt li l-impriża li wettqet il-ksur għamlet mill-ksur jista' jiġi kkunsidrat ukoll meta ssir stima tad-danni.

123 Kwalunkwe xebh ta' dan l-eżempju fittizju għal avvenimenti reali huwa purament koinċidentali; l-eżempju ma jistax jitqies bħala li jirrifletti l-fehmiet tal-Kummissjoni dwar xi impriża jew settur speċifiċi jew id-definizzjoni fis-suq f'tali settur.

L-awtorità nazzjonali tal-kompetizzjoni tinvestiga s-suq fuq suspetti ta' ffissar tal-prezzijiet u f'Jannar 2008 twettaq spezzjonijiet għall-għarrieda fil-postijiet tal-kumpaniji tat-tħin. F'Lulju 2010, l-awtorità tal-kompetizzjoni tadotta deċiżjoni li ġejja li fiha tistabbilixxi li l-erba' kumpaniji tat-tħin kisru l-Artikolu 101 TFUE billi pparteċipaw, matul il-perjodu mill-1 ta' Jannar 2005 sal-31 ta' Diċembru 2007, fi ksur wieħed u kontinwu dwar il-produzzjoni tad-dqiq, li jkopri l-Istat Membru kollu, li kkonsista fl-iffissar tal-prezzijiet.

Kumpanija tal-ħami li tkun xtrat id-dqiq minn waħda mill-kumpanija tat-tħin (Mitħna A) tfittex lil din il-kumpanija għad-danni kkawżati mill-ksur tal-Artikolu 101 TFUE.[124] Il-forn jallega li l-ksur wassal għal żieda fil-prezzijiet għad-dqiq u jitlob kumpens għall-ħlas ta' dan l-overcharge għax-xirjiet kollha magħmula fl-2005, l-2006 u l-2007.

148. Il-forn hu klijent dirett ta' waħda mill-impriżi tal-ksur. Jekk il-ksur ikun ikkawża prezzijiet ogħla, il-forn ikun ħallas overcharge għal kull waħda mill-unitajiet tad-dqiq mixtrija meta l-prezz kien affettwat. L-applikazzjoni tal-metodi u t-tekniki tagħti stima tal-prezz mingħajr ksur, jiġifieri l-prezz li l-forn ikun ħallas għad-dqiq kieku ma kienx hemm ksur. Billi jitnaqqas dak il-prezz mingħajr il-ksur mill-prezz li jkun tħallas mill-forn, l-overcharge tal-kartell għal kull unità mixtrija jista' jiġi determinat. Dik il-figura għandha tiġi multiplikata bin-numru ta' unitajiet mixtrija mill-forn sabiex jiġi determinat it-telf reali tal-overcharge dirett (jekk wieħed jassumi li ma kienx hemm bidliet sinifikanti fl-overcharge matul il-perjodu tal-ksur). Għal stima tal-overcharge mħallas mill-forn, f'dan l-eżempju, se jintwera l-użu ta' metodi bbażati fuq komparatur għax dawn huma l-aktar li jintużaw fil-prattika u spiss iwasslu għal riżultati utli fil-kwantifikazzjoni tal-overcharge tal-bidu.

*a.* *Tqabbil matul iż-żmien*

149. F'dan l-eżempju, il-forn rikorrenti xtara d-dqiq mingħand Mitħna A qabel, matul u wara ż-żmien li fih l-awtorità nazzjonali tal-kompetizzjoni sabet ksur. Kif deskritt hawn fuq, l-użu tal-prezzijiet imħallsa qabel jew wara l-ksur għar-rikostruzzjoni tal-prezzijiet kif kienu jkunu mingħajr il-ksur jagħmel neċessarju, l-ewwel, li jiġu determinati liema prezzijiet kienu affettwati mill-ksur u liema le. Dan ifisser li jiġi skopert f'liema punt il-ksur tal-kartell beda jkollu effett fuq is-suq tad-dqiq u f'liema punt intemm dak l-effett.

150. F'dan il-każ, l-awtorità nazzjonali tal-kompetizzjoni ddeterminat it-tul taż-żmien tal-ksur. Id-deċiżjoni tipprovdi dettall dwar il-provi li kellha l-awtorità, li jindika li l-kumpaniji tat-tħin iltaqgħu f'Jannar 2005 biex jiddiskutu l-prezzijiet u, wara dan, baqgħu jiltaqgħu fuq bażi ta' darba fix-xahar, biex b'hekk jiġu aġġustati l-arranġamenti tal-ipprezzar tagħhom. L-aħħar laqgħa saret f'Diċembru 2007. L-awtorità ma sabet l-ebda prova tal-laqgħat wara li spezzjonat il-kumpaniji f'Jannar 2008. Fl-ewwel pass, għaldaqstant, il-prezzijiet qabel Jannar 2005 u wara Diċembru 2007 jidhru li huma materjal xieraq għal tqabbil ibbażat fuq iż-żmien. Madankollu, kif deskritt fil-Parti 2, għandha tingħata iżjed kunsiderazzjoni għal sa liema punt dawn il-figuri huma utli biex iservu bħala komparaturi.

151. Kif imsemmi hawn fuq, id-deċiżjoni minn awtorità tal-kompetizzjoni tista' tillimita s-sejbien ta' ksur għal ċertu perjodu li matulu hemm provi sodi disponibbli lill-awtorità, filwaqt li tindika li l-ksur seta' kellu tul ta' żmien itwal.[125] Jista' mbagħad ikun xieraq li ma tintużax id-dejta tal-prezz rilevanti għall-perjodu li seta' kien

---

[124] Id-dritt nazzjonali jista' jipprovdi li l-membri kollha tal-kartell huma responsabbli in solidum għad-dannu kollu kkawżat mill-kartell. Dan l-eżempju m'għandu l-ebda implikazzjonijiet għal dawn ir-regoli.

[125] Ara l-paragrafu 43 fil-Parti 2, it-Taqsima II.

affettwat mill-ksur (u għaldaqstant jinkludi overcharge), għalkemm din id-dejta tista' minkejja dan tintuża biex tiddetermina stima lower bound għad-danni, jiġifieri stima sigura ta' x'kien ikun mill-inqas id-dannu soffert.

152. Barra minn hekk, il-perjodu taż-żmien tal-ksur tal-kartell jista' jkun differenti mill-perjodu taż-żmien tal-effetti tal-ksur: il-kumpaniji tat-tħin kisru l-Artikolu 101 TFUE billi daħlu fi ftehim antikompetittiv. Għall-finijiet tad-determinazzjoni ta' liema prezzijiet osservati jistgħu jitqiesu bħala mhux affettwati mill-ksur, hu meħtieġ li wieħed iħares lejn iż-żmien tal-effetti ta' dak il-ftehim, mhux il-konklużjoni tiegħu. Jekk jista' jintwera li l-kumpaniji ltaqgħu f'Jannar 2005 għall-ewwel darba, iżda li l-ftehim tagħhom ġie implimentat minn Marzu 2005 'l quddiem, il-prezzijiet ta' qabel Marzu 2005 ma jkunux affettwati mill-ksur.

153. Fir-rigward tal-konvenjenza tal-użu ta' osservazzjonijiet tal-prezzijiet wara l-ksur, huwa possibbli li l-kartell ikun produċa effetti fuq is-suq anki wara li l-membri tal-kartell kienu waqfu jinvolvu ruħhom fix-xorta ta' kooperazzjoni projbita mill-Artikolu 101 TFUE.[126] Dan jista', b'mod partikolari, ikun il-każ fi swieq tal-oligopolju, fejn l-informazzjoni miġbura minħabba l-kartell tkun tista' tippermetti lill-membri tal-kartell li jadottaw fuq bażi sostenibbli — wara li jkun intemm il-ksur tal-kartell — azzjoni mmirata lejn il-bejgħ bi prezz ogħla mill-prezz li aktarx hu assoċjat man-nuqqas ta' ksur mill-kartell, mingħajr l-involviment f'tip ta' prattiki projbiti mill-Artikolu 101 TFUE.[127] Hu possibbli wkoll li, wara li jintemm il-kartell, dawk li kienu membri fil-kartell, iwettqu tip ieħor ta' ksur tar-regoli tal-kompetizzjoni li jgħollu l-prezzijiet għall-klijenti tagħhom. F'dawn il-każijiet, kwalunkwe tqabbil fuq iż-żmien ibbażat fuq il-prezzijiet osservati wara t-tmiem tal-ksur jistgħu jwasslu għal sottovalutazzjoni tal-overcharge mħallas mill-klijenti ta' min iwettaq il-ksur, għax il-prezzijiet ta' wara l-ksur xorta jistgħu jiġu influwenzati minn ksur. Fejn f'dan l-eżempju, il-forn rikorrenti għandu raġunijiet għalxiex jemmen li dan jista' jkun il-każ għall-prezzijiet imħallsa fl-2008 u wara; għaldaqstant seta' juża biss dawn il-prezzijiet fis-sottomissjoni tiegħu quddiem il-qorti biex jiġi stmat lower bound tad-dannu tal-overcharge kkawżat.

154. F'dan l-eżempju, il-forn rikorrenti għaldaqstant isib li l-prezzijiet imħallsa qabel il-ksur huma xierqa biżżejjed biex jistmaw il-prezz ipotetiku probabbli. Jekk il-forn iqabbel il-prezzijiet tal-ksur mal-prezzijiet ta' mingħajr ksur kif inhuma osservati, b'mod impliċitu jassumi li d-differenza kollha bejn il-prezzijiet imħallsa fis-snin ta' mingħajr ksur 2003 u 2004 u l-prezzijiet imħallsa fis-snin tal-ksur 2005, 2006 u 2007 hi kkawżata mill-ksur. Hu possibbli, madankollu, li kawżi oħra minbarra l-ksur kellhom influwenza sinifikanti fuq l-iżvilupp tal-prezzijiet matul il-perjodu tal-ksur. Il-bidliet fil-prezzijiet tal-qamħ, pereżempju, jistgħu jkunu kawża alternattiva li influwenzat l-iżviluppi fil-prezzijiet, u jistgħu jiġu kkunsidrati bl-użu ta' tekniki stabbiliti fil-Parti 2, it-Taqsima IIB hawn fuq. Safejn influwenzi sinifikanti oħra jistgħu jiġu identifikati u d-dejta tal-prezz jiġu aġġustati għall-effetti tagħhom, is-sottomissjoni li d-differenza li jifdal bejn il-prezzijiet fil-perjodu ta' mingħajr il-ksur u l-perjodu tal-ksur hi kkawżata mill-ksur tikseb saħħa addizzjonali.[128] Iċ-ċirkostanzi

[126] Ara wkoll il-paragrafu 44 fil-Parti 2, it-Taqsima II.

[127] Għal iżjed tagħrif dwar il-ħidma ta' dawn l-"effetti koordinati", ara l-Linji Gwida tal-Kummissjoni dwar il-valutazzjoni ta' amalgamazzjonijiet orizzontali taħt ir-Regolament tal-Kunsill dwar il-kontroll ta' konċentrazzjonijiet bejn l-impriżi, ĠU C 31, 5.2.2004, p. 5, il-paragrafu 39.

[128] Dan m'għandux implikazzjonijiet għall-applikazzjoni ta' regoli nazzjonali li jippermettu lir-rikorrent juża tqabbil bażiku mhux aġġustat bejn il-prezzijiet imposti f'perjodi tal-ksur u ta' mingħajr ksur li jagħmel determinazzjoni tal-bidu, jew li jwettaq id-doveri li jaqgħu fuqu taħt ir-regoli legali nazzjonali fir-rigward tad-determinazzjoni tal-fatti (b'mod partikolari meta l-liġi tippermetti lill-Qorti li

li fihom dawn l-aġġustamenti jkunu meħtieġa mir-rikorrenti jew il-konvenuti se jiddependu fuq ir-regoli tal-liġi applikabbli.

*b. Metodi oħra bbażati fuq komparatur*

155. Minbarra t-tqabbil matul iż-żmien, metodi oħra bbażati fuq komparatur kif deskritti hawn fuq fil-Parti 2 jistgħu jkunu utli wkoll fil-kwantifikazzjoni tal-ammont tal-overcharge tal-bidu mħallas mill-klijent dirett. Fl-eżempju tal-kartell tad-dqiq, il-forn rikorrenti jista' alternattivament juża tqabbil ma' prezzijiet minn suq ġeografiku ieħor jew suq ta' prodott ieħor li juri x'kienu jkunu l-prezzijiet fis-suq proprju mingħajr il-ksur.

156. Possibbiltà waħda tkun it-tqabbil mad-dejta tal-prezz osservat fuq suq ġeografiku differenti għad-dqiq. Dwar il-preżunzjoni li l-kartell tad-dqiq kif deskritt hawn fuq kien ikopri suq nazzjonali, id-dejta dwar il-prezzijiet minn Stat Membru ieħor jistgħu jintużaw biex jiġi kkalkulat il-prezz kontrafattwali. Fil-każ ta' swieq b'ambitu ġeografiku reġjonali subnazzjonali, il-prezzijiet tal-bejgħ għad-dqiq minn suq reġjonali differenti jistgħu jkunu punt ta' referenza xieraq.

157. Sabiex ikunu indikatur xieraq għall-prezzijiet kif kienu jkunu mingħajr il-ksur, il-prezzijiet komparaturi m'għandhomx ikunu influwenzati mill-istess ksur jew ksur simili tar-regoli tal-kompetizzjoni. Jekk, fl-eżempju tal-kartell tad-dqiq, jintużaw id-dejta tal-prezzijiet minn suq ġeografiku fil-viċin u kien hemm provi li l-ftehim antikompetittiv kien ikopri wkoll dak is-suq fil-viċin, il-prezzijiet minn dak is-suq iwasslu wkoll għal sottovalutazzjoni tal-overcharge. Barra minn hekk, fil-każ tas-swieq tal-viċin, il-ksur f'suq wieħed seta' kellu influwenza fuq dak is-suq tal-viċin (pereżempju permezz ta' żieda fid-domanda fis-suq mingħajr ksur), li għaldaqstant jista' ma jirriflettix prezzijiet ta' mingħajr ksur lanqas.

158. Meta s-suq komparatur ikollu karatteristiċi tas-suq differenti, id-dejta tal-prezzijiet minn dak is-suq jistgħu bl-istess mod ma jkunux indikattivi biżżejjed ta' kif kienu jkunu l-prezzijiet kieku ma kienx hemm ksur. F'dan l-eżempju, is-suq ikkonċernat mill-ksur hu fornut minn erba' kumpaniji tat-tħin. Pereżempju, jekk jista' jintwera li, qabel ma bdew il-prattiki tal-ksur, kien hemm kompetizzjoni ħarxa, id-dejta tal-prezzijiet minn suq tal-viċin karatterizzat mill-preżenza ta' kumpanija tat-tħin dominanti jistgħu ma jirriflettux b'mod xieraq il-prezzijiet kif kienu jkunu kieku ma kienx hemm kartell u jistgħu jservu biss bħala bażi għal stima lower-bound.

159. Jekk il-forn rikorrenti juża dejta tal-prezzijiet minn suq ġeografiku differenti fil-forma li fiha jiġu osservati, jagħmel is-suppożizzjoni impliċita li d-differenzi li fadal bejn il-prezzijiet li tħallsu lil min wettaq il-ksur u l-prezzijiet prevalenti fuq dak is-suq komparatur huma kkawżati mill-ksur. Skont iċ-ċirkostanzi tal-każ u r-rekwiżiti taħt il-liġi applikabbli, it-tekniki deskritti fil-Parti 2 Taqsima II B hawn fuq jistgħu jintużaw biex jidentifikaw u jkopru għal influwenzi alternattivi possibbli fuq il-prezzijiet.

160. Possibbiltà oħra biex jiġi stmat il-prezz mingħajr ksur hija t-tqabbil mad-dejta tal-prezz osservati dwar swieq ta' prodotti oħra. Fil-każ tad-dqiq jista', madankollu, ikun diffiċli li jinstab suq ta' prodott simili biżżejjed li mhuwiex affettwat mill-istess ksur jew ksur simili.

---

tiddetermina l-għoti tad-danni permezz ta' stima approssimattiva jew determinazzjoni fuq bażi ta' *ex-aequo-et-bono*). Barra minn hekk, ir-regoli dwar l-istandard u l-oneru tal-prova jibqgħu mhux affettwati.

### (3) It-trasferiment tal-overcharges

161. Klijenti diretti tal-impriżi tal-ksur li jħallsu overcharge ikkawżat mill-kartell jistgħu huma stess ibigħu l-prodotti affettwati lil ħaddieħor (jew jużawhom bħala input għall-produzzjoni tagħhom ta' oġġetti jew servizzi oħra). Fl-eżempju tal-kartell tad-dqiq diskuss hawn fuq, il-fran huma l-klijenti diretti tal-impriżi li jwettqu l-ksur u jużaw id-dqiq mixtri għall-ħami tal-ħobż, li mbagħad ibigħu direttament lill-klijenti finali jew lil supermarkits. Dawn il-klijenti diretti (fran), b'reazzjoni għaż-żieda fil-prezz li jiffaċċjaw, jistgħu jgħollu l-prezzijiet tagħhom għall-oġġetti u s-servizzi tagħhom (il-ħobż li jbigħu), u b'hekk jittrasferixxu parti mill-overcharge tal-bidu jew l-overcharge tal-bidu jew kollu lill-klijenti tagħhom (il-konsumaturi jew is-supermarkits). L-istess effett jeżisti meta jkunu l-klijenti *indiretti* (bħal, pereżempju, is-supermarkits f'dan l-eżempju) li huma stess jgħollu l-prezzijiet tal-bejgħ tagħhom fit-tranżazzjonijiet kummerċjali mal-klijenti tagħhom, biex b'hekk jittrasferixxu overcharge li fil-bidu kien ġie trasferit lilhom.

162. Dan it-trasferiment tal-overcharges normalment jirrikjedi effett tal-volum: kif deskritt hawn fuq fil-paragrafi 128 *ff.*, żieda fil-prezzijiet normalment twassal għal tnaqqis fid-domanda. Fl-eżempju tal-kartell tad-dqiq, sakemm il-forn jittrasferixxi l-overcharge billi jgħolli l-prezzijiet tal-ħobż lis-supermarkits u l-klijenti finali, ikun jista' jnaqqas l-impatt finanzjarju negattiv tal-overcharge fuqu stess, iżda se jsofri tnaqqis fid-domanda.[129] Dan it-tnaqqis fid-domanda jfisser, għall-forn, inqas bejgħ u telf ta' profitt — dannu li hu kkawżat ukoll mill-ksur u li għandu jiġi kumpensat (ara t-Taqsima III hawn taħt).

163. Din iż-żieda fil-prezz minħabba t-trasferiment u t-tnaqqis fil-bejgħ huma intrinsikament konnessi. Kemm it-trasferiment kif ukoll l-effetti tal-volumi huma determinati mill-istess fatturi, b'mod partikolari, l-elastiċità tad-domanda minn klijenti downstream. Dan minħabba li l-kundizzjonijiet tas-suq fir-rigward tad-domanda downstream jaffettwaw kemm il-prezzijiet tal-bejgħ kif ukoll il-volumi tal-bejgħ korrispondenti li bihom il-forn jimmassimizza l-profitti tiegħu.

164. Fil-kuntest ta' talba għal kumpens tal-overcharges f'kawża għad-danni tal-antitrust, it-trasferiment tal-overcharges jista' jsir rilevanti f'żewġ tipi differenti ta' sitwazzjonijiet:

(a) F'kawża miftuħa mill-klijent dirett li jitlob riparazzjoni għall-overcharge tal-bidu mħallsa minnu (f'dan l-eżempju: it-talba mill-forn kontra Mitħna A), il-kartell konvenut li wettaq il-ksur jista' jargumenta li l-klijent dirett ma għandux jiġi kumpensat għad-dannu tal-overcharge safejn dan ikun għolla l-prezzijiet tiegħu u b'hekk trasferixxa l-overcharge. Dan hu spiss imsejjaħ bħala "id-difiża tat-trasferiment" It-trasferiment mix-xerrej jista', kif imsemmi hawn fuq, iwassal għal telf ta' bejgħ u għaldaqstant għal telf ta' profitti għalih.

(b) Kawża miftuħa minn klijent indirett kontra min ikun wettaq il-ksur (pereżempju, supermarket jew konsumatur li jkun xtara l-ħobż minn forn u li jiftaħ kawża kontra l-kumpaniji tat-tħin) tiddependi wkoll fuq argument ta' trasferiment. Ix-xerrej indirett jista' jitlob kumpens għal overcharge biss meta l-overcharge tal-bidu mħallas mill-klijent dirett ikun għaddieh parzjalment jew

[129] Din il-konnessjoni bejn kumpanija li tgħaddi overcharge u l-volum tal-bejgħ tagħha ġiet, f'kuntest differenti, enfasizzata wkoll mill-Qorti tal-Ġustizzja fil-Kawża C-147/01 *Weber's Wine World* [2003] Ġabra I-11365, 98-99: "anki meta jiġi stabbilit li t-(…) tariffa (…) ġiet trasferita kompletament jew parzjalment lil partijiet terzi … il-persuna tista' ssofri b'konsegwenza ta' waqgħa fil-volum tal-bejgħ tagħha".

kompletament lilu. Dan jista' jkun rilevanti għal rikorrenti li jinsabu f'livelli differenti tal-katina tal-provvista, inklużi l-klijenti finali.

165. Jeżistu regoli legali differenti dwar id-disponibbiltà tad-difiża tat-trasferiment u l-oneru tal-prova f'dan il-kuntest.[130] It-tagħrif ekonomiku dwar il-kwantifikazzjoni tat-trasferiment stabbilit fil-paragrafi 168 *ff.* hawn taħt jista' jkun ta' użu irrispettivament minn kif ikunu tfasslu dawn ir-regoli.

166. Fiż-żewġ sitwazzjonijiet ikkunsidrati hawn fuq, ir-rikorrenti u l-konvenuti jistgħu joqogħdu fuq żewġ approċċi differenti biex jissostanzjaw l-allegazzjoni tagħhom li l-overcharge ġie trasferit lill-klijent indirett: jistgħu jew

(a) jikkwantifikaw l-overcharge tal-bidu u jiddeterminaw ir-rata tat-trasferiment lill-klijent indirett, possibilment f'diversi livelli tal-katina tal-provvista u bl-użu ta' tekniki ekonometriċi deskritti hawn fuq, jew

(b) jużaw metodi u tekniki deskritti hawn fuq biex jiddeterminaw jekk il-klijent indirett ikkonċernat ħallasx overcharge. It-tieni approċċ ta' spiss ikun aktar faċli biex jiġi implimentat.

167. Pereżempju, meta klijent indirett jagħmel talba għal kumpens ta' overcharge ikkawżat minn kartell, dak il-klijent indirett jista' jew juri li kien hemm overcharge fil-bidu u li dan l-overcharge ġie trasferit lilu[131] jew jista' jikkwantifika l-overcharge trasferit fil-livell tiegħu bl-istess mod bħalma klijent dirett jikkwantifika overcharge tal-bidu, jiġifieri billi jqabbel il-prezz veru li ħallas mal-prezz mingħajr ksur probabbli f'xenarju mingħajr ksur: metodi bbażati fuq komparatur jistgħu jipprovdu tagħrif utli dwar l-ammont ta' overcharge mħallas mill-klijenti indiretti, mingħajr ma jkun meħtieġ li jiġi identifikat il-grad ta' trasferiment. Billi jintuża tqabbil ta' żmien, pereżempju, għall-prezzijiet imħallsa mill-klijent indirett qabel u matul il-ksur, jista' jkun possibbli li jiġi aċċertat kemm żdiedu dawk il-prezzijiet minħabba l-ksur, mingħajr ma ssir riċerka dwar ir-rata tat-trasferiment.

168. Mhuwiex possibbli li tiġi stabbilita rata tat-trasferiment tipika li tkun tapplika f'ħafna sitwazzjonijiet. Minflok, eżaminazzjonijiet bir-reqqa tal-karatteristiċi kollha tas-suq inkwistjoni tkun meħtieġa għall-istima tar-rati tat-trasferiment. F'każ speċifiku, l-eżistenza u l-livell tat-trasferiment jiġu determinati b'firxa ta' kriterji differenti u għaldaqstant jistgħu jiġu stmati biss wara li jiġu kkunsidrati l-kundizzjonijiet tas-suq inkwistjoni.

169. Meta l-klijent dirett tal-impriżi li wettqu l-ksur juża l-oġġetti kartellizzati biex jikkompeti f'suq downstream, hu probabbli li l-klijent dirett normalment ma jkunx kapaċi jittrasferixxi din iż-żieda fl-ispiża (jew sa livell limitat ħafna) jekk il-kompetituri tiegħu stess ma jkunux soġġetti għall-istess overcharge jew overcharge simili (pereżempju, meta jirċievu l-input tagħhom minn suq li mhuwiex soġġett għall-kartell). Fl-eżempju tal-kartell tad-dqiq, il-forn rikorrent jikkompeti ma' fran oħra għall-produzzjoni u l-provvista tal-ħobż. Safejn dawn il-fran oħra ma jiksbux id-dqiq tagħhom mill-membri tal-kartell, iżda jkunu kapaċi jixtruh bi prezz iżjed baxx minn band'oħra, il-forn li jkollu jixtri mill-kartell ikun jinsab fi żvantaġġ

130 Ara l-White Paper tal-Kummissjoni dwar azzjonijiet għad-danni għal ksur tar-regoli tal-KE dwar l-antitrust (COM(2008) 165 finali, 2.4.2008) għal proposti ta' politika li jikkonċernaw it-trattament ta' trasferiment f'każijiet ta' danni antitrust.

131 Fejn il-klijent indirett jissostanzja l-allegazzjoni tiegħu b'referenza għal rata ta' trasferiment u l-ksur ikun jikkonċerna fattur ta' spiża li hi żgħira meta mqabbla mal-ispiża sħiħa tal-prodott, ir-rati tat-trasferiment ta' fatturi tal-ispejjeż oħra li huma iżjed importanti u li jistgħu jiġu stmati iżjed faċilment, jistgħu jservu bħala indikatur utli.

kompetittiv fir-rigward tal-kompetituri tiegħu li jipprekludih milli jittrasferixxi l-ispiża żejda tal-overcharge.

170. Meta l-impriżi kollha f'dak is-suq downstream jintlaqtu mill-kartell u għaldaqstant jiġu esposti b'mod simili għall-ħlas tal-overcharge dirett, huwa probabbli li l-klijent dirett ikun kapaċi jittrasferixxi mill-inqas parti minn dak l-overcharge. Il-livell ta' dan it-trasferiment hu influwenzat mill-intensità tal-kompetizzjoni fis-suq downstream: jekk is-suq downstream hu perfettament kompetittiv, ir-rata tat-trasferiment f'dan il-każ tkun virtwalment 100 %. Dan jirrifletti l-fatt li fi swieq perfettament kompetittivi, il-prezz hu daqs l-ispejjeż marġinali u żieda fil-prezzijiet għall-input għaldaqstant twassal għal żieda ugwali fil-prezz tal-ispiża/output. Għal swieq li huma inqas minn perfettament kompetittivi, hu probabbli li d-ditti affettwati se jittrasferixxu mill-inqas parti mill-overcharge, għalkemm mhux neċessarjament 100 %. Pereżempju, jekk il-klijent dirett hu monopolist fis-suq downstream, jagħżel rata ta' trasferiment li tirrifletti — għalih — prezz ta' massimizzazzjoni tal-profitti fid-dawl tat-tnaqqis fid-domanda li t-trasferiment tal-overcharge aktarx li jiġġenera.[132]

171. Il-karatteristiċi oħra li jistgħu wkoll ikollhom influwenza fuq il-livell ta' trasferiment f'dawn is-sitwazzjonijiet (jekk kollox jibqa' l-istess) jinkludu:

- L-elastiċità tal-prezz tad-domanda u l-kwistjoni ta' jekk il-klijenti sarux iżjed jew inqas sensittivi għall-prezz hekk kif il-prezzijiet jogħlew. B'mod partikolari, it-trasferiment hu ġeneralment iżjed probabbli jekk il-klijenti ma jaqilbux faċilment għal prodotti oħra wara żieda fil-prezz (domanda mhux elastika) u jekk il-klijenti jsiru inqas sensittivi għal żidiet fil-prezz meta l-prezzijiet jogħlew.
- Il-varjazzjoni tal-ispiża marġinali mal-output tinbidel. Pereżempju, trasferiment sostanzjali hu inqas probabbli jekk l-ispiża marġinali ma tonqosx b'mod sinifikanti wara tnaqqis fl-output, peress li l-output iżjed baxx ikun jinvolvi inqas spejjeż biex jiġi prodott (pereż. fil-preżenza tar-restrizzjonijiet tal-kapaċità). B'mod oppost, trasferiment sostanzjali hu inqas probabbli jekk l-ispiża marġinali tonqos b'mod sinifikanti wara tnaqqis fl-output (pereż. minħabba n-nuqqas ta' restrizzjonijiet tal-kapaċità).
- L-impatt tal-ksur fuq tipi differenti ta' spejjeż. Meta l-ksur ikollu impatt fuq l-ispejjeż varjabbli, dan jagħmel it-trasferiment iżjed probabbli milli kieku l-impatt kien fuq spejjeż fissi.
- Id-dewmien tal-ksur u l-frekwenza tal-iskambji tan-negozju. Meta l-ksur idum għal żmien twil, hu iżjed probabbli li jseħħ xi forma ta' trasferiment; l-istess jgħodd għal setturi fejn l-iskambji tan-negozju u l-aġġustamenti fil-prezz huma frekwenti.

### *B. Kwantifikazzjoni ta' overcharges ikkawżati minn tipi oħra ta' ksur li jwasslu għal dannu bl-overcharges*

172. Il-kartelli huma sempliċiment wieħed mill-ksur li jwassal għal żieda fil-prezzijiet għall-klijenti tal-impriżi li jwettqu l-ksur u għaldaqstant għal ħsara bl-overcharge

[132] Il-limitu eżatt ta' dan it-trasferiment ikun jiddependi fuq id-domanda li l-klijent dirett jiffaċċja u l-istruttura tal-ispejjeż tiegħu. Pereżempju, fil-każ sempliċi ta' monopolista li jiffaċċja domanda lineari (li tfisser li r-relazzjoni bejn il-kwantità u l-prezz jistgħu jiġu rappreżentati permezz ta' linja dritta) u spejjeż marġinali kostanti, it-trasferiment ikun 50 % tal-overcharge dirett.

(jew, fil-każ tal-ksur li jappartjeni għall-provvista lill-impriżi tal-ksur, għal "undercharge"). Eżempji oħra ta' mġiba li tista' twassal għal dannu bl-overcharge jinkludu ksur tal-Artikolu 101 TFUE permezz ta' ċerti impriżi konġunti anti-kompetittivi u l-impostazzjoni abbużiva ta' prezzijiet eċċessivi minn impriża dominanti skont it-tifsir tal-Artikolu 102 TFUE.

173. Karatteristika komuni ta' dan il-ksur hija l-fatt li dawn jistgħu direttament jew indirettament jippermettu lill-impriżi li jwettqu l-ksur li jgħollu l-prezzijiet għall-klijenti tagħhom.[133] Il-ħlas ta' dan l-overcharge mbagħad iwassal għal tnaqqis fid-domanda u għaldaqstant għal effett tal-volum kif deskritt hawn fuq.

174. Il-metodi u t-tekniki li l-applikazzjoni tagħhom għall-każ ta' overcharge mill-kartell ġiet deskritta hawn fuq[134] jistgħu fil-prinċipju jintużaw biex jikkwantifikaw id-dannu tal-overcharge kkawżat minn ksur ieħor. Il-punt tal-bidu huwa kwistjoni kif kienet tkun il-pożizzjoni tal-applikant kieku l-ksur speċifiku inkwistjoni ma seħħx.

## III. KWANTIFIKAZZJONI TAD-DANNU KKAWŻAT MILL-EFFETT TAL-VOLUM

175. Żieda fil-prezzijiet għal prodott partikolari twassal għal inqas domanda. Il-livelli li fihom jogħlew il-prezzijiet u jonqsu l-kwantitajiet wara ksur jiddependu fuq l-istess spiża u parametri tad-domanda, u jiġu determinati konġuntament. Għaldaqstant, l-overcharge u l-effetti tal-volum huma intrinsikament konnessi.

176. Għal overcharge lil klijent intermedju (kif diskuss hawn fuq fil-paragrafi 161 *ff.*) l-effett tal-volum hu konness ukoll mill-viċin mat-trasferiment tal-overcharges tul il-katina tal-provvista lill-klijent finali: meta klijent tal-impriżi tal-ksur ma jittrasferixxix l-overcharge u għaldaqstant jassorbiha kompletament, il-bejgħ tiegħu ma jonqosx minħabba l-ksur għax il-klijenti tiegħu ma jesperjenzawx żieda fil-prezzijiet minħabba l-ksur. Meta, madankollu, l-overcharge jiġi trasferit parzjalment jew kompletament lill-klijent finali, dak il-klijent ikun soġġett għaż-żieda fil-prezzijiet deskritti fil-paragrafu 128 u jnaqqas id-domanda tiegħu. Dan min-naħa tiegħu jnaqqas id-domanda upstream fil-katina tal-provvista.

177. Kif spjegat hawn fuq, għal dawk il-klijenti diretti jew indiretti tal-impriżi li jwettqu l-ksur li jużaw il-prodott inkwistjoni għall-attivitajiet kummerċjali tagħhom, dan it-tnaqqis fid-domanda ('l-effett tal-volum') ifisser li huma jbigħu inqas minħabba l-ksur u għaldaqstant jeskludu l-profitt li kienu jagħmlu fuq l-unitajiet li naqsu milli jbigħu minħabba dan l-effett. Dan it-telf ta' profitti hu dannu li għalih jista' jingħata kumpens[135] u, bħala prinċipju, il-metodi u tekniki deskritti fil-Parti 2 jistgħu jintużaw biex jikkwantifikawh.[136]

178. B'mod partikolari, il-metodi u t-tekniki bbażati fuq komparatur, li l-applikazzjoni tagħhom għall-kwantifikazzjoni tal-overcharge tal-bidu mħallas mill-klijent dirett hu diskuss hawn fuq, jistgħu jipprovdu lir-rikorrent b'tagħrif utli fid-determinazzjoni tat-tnaqqis fid-dħul u l-profitti tiegħu. Pereżempju, tqabbil matul iż-żmien jew bejn swieq differenti jista' jintuża biex jikkostruwixxi mill-ġdid il-volum tal-bejgħ fix-xenarju mingħajr ksur, jiġifieri kemm unitajiet ir-rikorrent kien ikun kapaċi jbigħ kieku ma kienx hemm ksur. Bl-istess mod, l-applikazzjoni ta' dawn il-metodi u

133 Jew, jekk il-ksur ikun relatat mal-provvista tal-impriżi li jwettqu l-ksur, sabiex jitnaqqas il-prezz li dawn il-fornituri jiksbu mingħand il-klijenti tagħhom.

134 Ara l-paragrafi 149 u ta' warajh, u 155 u ta' warajh.

135 Il-Kawżi Konġunti minn C-295/04 sa C-298/04 *Manfredi* [2006] Ġabra I-6619, 95.

136 Minbarra l-metodu bbażat fuq l-ispejjeż.

tekniki jistgħu jintużaw biex wieħed jasal għall-marġni tal-profitt ipotetiku f'xenarju ta' mingħajr ksur. F'xi każijiet, qorti tista' taqbel ukoll li dawn il-metodi jistgħu jintużaw f'mod simplifikat, pereżempju billi jiġi determinat marġni tal-profitt medju għal kull tranżazzjoni li mbagħad jiġi multiplikat bin-numru ta' unitajiet li ma nbiegħux minħabba l-ksur.[137]

179. It-telf tal-profitt huwa forma ta' dannu li hu spiss assoċjat mal-ksur li għandu l-effett li jeskludi l-kompetituri mis-suq. Il-Parti 4 tal-Gwida Prattika tiddiskuti l-kwantifikazzjoni ta' dan id-dannu f'iżjed dettall. It-tagħrif preżentat f'din il-parti jista' jkun rilevanti wkoll meta wieħed jasal għall-kwantifikazzjoni tat-telf tal-profitti kkawżati minn żieda fil-prezzijiet.

137 Ara wkoll hawn taħt, il-paragrafu 191.

# PARTI 4 — Kwantifikazzjoni tad-dannu minn prattiki ta' esklużjoni

## I. EFFETTI TA' PRATTIKI TA' ESKLUŻJONI

180. Il-ksur tal-Artikolu 101 jew 102 TFUE jista' jkollu l-effett li jeskludi kompletament lill-kompetituri minn suq jew għat-tnaqqis tal-ishma tas-suq tagħhom. Dawn l-effetti tal-ksur fuq il-kompetituri huma spiss imsejħa "esklużjoni". Eżempji ta' dawn il-prattiki huma abbużi ta' pożizzjoni dominanti projbiti mill-Artikolu 102 TFUE permezz, pereżempju, ta' attività predatorja, tranżazzjonijiet esklużivi, rifjut ta' forniment, sistemi abbinati, sistemi f'pakkett, jew pressjoni fis-suq.[138] Dawn l-abbużi huma msejħa "abbużi ta' esklużjoni". L-esklużjoni ta' kompetitur tista' wkoll tkun l-oġġett jew l-effett ta' prattika projbita mill-Artikolu 101 TFUE. Huwa għaldaqstant possibbli li wieħed jirreferi għal "prattiki ta' esklużjoni", li jkopru kemm il-ksur tal-Artikolu 101 u tal-Artikolu 102 TFUE.

181. Permezz ta' prattiki ta' esklużjoni projbiti mir-regoli tal-kompetizzjoni tat-Trattat, dawk li jwettqu l-ksur ifixklu l-kompetizzjoni sabiex itejbu jew artifiċjalment iżommu l-pożizzjoni tagħhom fis-suq. Dan minnufih jaffettwa lill-kompetituri tagħhom billi jiddeterjora l-pożizzjoni tagħhom f'suq, iġiegħlhom joħorġu 'l barra minn suq jew jipprekludihom milli jidħlu f'suq. Il-prattiki ta' esklużjoni jistgħu jaffettwaw l-ispejjeż imħallsa minn kompetitur, il-prezz li jkun kapaċi jżomm għall-prodotti tiegħu, jew il-kwantitajiet li kapaċi jipproduċi u jbigħ. Tipikament iwasslu għal telf tal-profitti għall-kompetituri kkonċernati.

182. Barra minn hekk, billi illegalment jaffettwaw il-pożizzjoni fis-suq tal-kompetituri u b'hekk il-livell tal-kompetizzjoni fis-suq, dawn il-prattiki jwasslu għal dannu lill-klijenti fil-forma ta' prezzijiet ogħla jew għażla, kwalità jew innovazzjoni mnaqqsa. Madankollu, l-effetti detrimentali tal-prattiki ta' esklużjoni fuq il-klijenti mhux dejjem jistgħu juru ruħhom immedjatament, għax dawn il-prattiki jindirizzaw il-kompetituri, biex b'hekk inaqqsu r-restrizzjonijiet kompetittivi eżerċitati minnhom fuq min iwettaq il-ksur. Filwaqt li l-ksur deskritt fil-Parti 3 normalment jipproduċi profitt illegali immedjat għal min iwettaq il-ksur u dannu immedjat għall-klijenti tagħhom, il-prattiki ta' esklużjoni jistgħu jirriżultaw fi żvantaġġ fil-bidu għal min iwettaq il-ksur u fi prezzijiet aħjar għall-klijenti f'perjodu ta' żmien qasir, kif normalment jiġri f'attività predatorja. It-taqsimiet li ġejjin se jittrattaw separatament il-kwistjonijiet tal-kwantifikazzjoni tad-dannu sofrut mill-kompetituri (it-Taqsima II) u tad-dannu sofrut mill-klijenti (it-Taqsima III).

183. It-Trattat jiggarantixxi lill-klijenti u l-impriżi li jkunu sofrew dannu kkawżat minn prattika ta' esklużjoni dritt ta' kumpens irrispettivament minn jekk humiex klijenti jew kompetituri ta' min ikun wettaq il-ksur. Kif ingħad diġà, il-Qorti tal-Ġustizzja speċifikat li dan il-kumpens ikun ikopri t-telf reali kkawżat (*damnum emergens*), kumpens għall-profitt li jkunu tilfu minħabba l-ksur (*lucrum cessans*), u l-ħlas tal-interessi.[139] Għall-finijiet tal-kwantifikazzjoni tad-dannu minn prattiki ta' esklużjoni, it-Taqsimiet li ġejjin primarjament jirreferu għall-kunċett ta' "telf ta' profitt", b'konformità mal-każistika tal-Qorti tal-Ġustizzja. Il-kunċett ta' "telf ta' profitt" jintuża f'sens wiesa', bħala li jfisser kwalunkwe differenza bejn il-profitti reali ġġenerati minn impriża u l-profitti li kienet tiġġenera mingħajr il-ksur. L-approċċi

138 Għal deskrizzjoni ta' dawn il-prattiki, ara wkoll Komunikazzjoni mill-Kummissjoni — Linji Gwida dwar il-prijoritajiet ta' infurzar tal-Kummissjoni fl-applikazzjoni tal-Artikolu 82 tat-Trattat tal-KE għal imġiba esklużjonarja abbużiva minn impriżi dominanti, ĠU C 45, 24.2.2009, p. 7.

139 Il-Kawżi Konġunti minn C-295/04 sa C-298/04 *Manfredi* [2006] Ġabra I-6619, 95.

għall-kwantifikazzjoni ta' dan it-telf ta' profitti deskritti f'dan li ġej huma bla ħsara għall-possibbiltà li l-partijiet li ġarrbu d-dannu jitolbu kumpens taħt kapijiet oħra tad-dannu taħt il-liġi nazzjonali. Xi elementi ta' profitti mitlufa f'sens wiesa' jistgħu jiġu klassifikati skont kunċetti legali differenti skont il-liġi tal-Istati Membri (bħal telf ta' opportunità[140] jew telf ta' reputazzjoni) u jista' jkun hemm ukoll kapijiet ta' dannu kkawżati minn imġiba ta' esklużjoni li jmorru lil hinn mill-kunċett ta' profitti mitlufa.

## II. KWANTIFIKAZZJONI TAD-DANNU GĦALL-KOMPETITURI

184. It-telf tal-profitt għall-kompetituri jista' jiġi kkawżat permezz ta' dħul imnaqqas (pereż. permezz tat-tnaqqis fil-kwantità li dawn il-kompetituri jistgħu jbigħu) jew spejjeż miżjuda (pereż. meta l-ksur jaffettwa l-prezz ta' input). Is-sitwazzjoni globali tista' tiġi riflessa fi tnaqqis fis-sehem tas-suq tal-kompetitur. Fit-Taqsimiet li ġejjin, wara deskrizzjoni qasira ta' kif il-prattiki ta' esklużjoni jaffettwaw il-kompetituri matul iż-żmien (A), u ħarsa ġenerali lejn l-approċċ ġenerali għall-kwantifikazzjoni tal-profitti mitlufa (B), se jiġu indirizzati xi sitwazzjonijiet tipiċi fil-kwantifikazzjoni tal-prattiki ta' esklużjoni, jiġifieri f'każijiet fejn dawn jaffettwaw kompetituri eżistenti (C) u parteċipanti ġodda (D) u meta d-dannu li jipproduċu jestendi wkoll għall-futur (E).

### *A. Id-dimensjoni taż-żmien tal-prattiki ta' esklużjoni*

185. Skont il-perjodu kkunsidrat, il-prattiki ta' esklużjoni jistgħu jaffettwaw il-kompetituri b'modi differenti. Meta tibda prattika ta' esklużjoni, il-kompetituri tipikament jiffaċċjaw diffikultajiet biex ibigħu l-prodotti tagħhom jew (meta l-prattika tkun tikkonċerna s-suq upstream) biex jiksbu provvisti. Dan isarraf f'deterjorazzjoni tal-profitt tagħhom minħabba spejjeż ogħla jew dħul imnaqqas. Il-kompetituri jistgħu tipikament isofru tnaqqis fl-ishma tas-suq tagħhom, jew sehem iżjed baxx fis-suq milli setgħu jistennew mingħajr il-ksur (pereżempju meta tiġi evitata l-espansjoni tagħhom). Din il-fażi tista' tikkoinċidi ma' żieda fil-profitti għal dawk li qed jiksru l-liġi. Madankollu, mhux bilfors li dan ikun hekk, għax min iwettaq il-ksur jista' jkollu jagħmel spejjeż minħabba l-implimentazzjoni tal-prattika ta' esklużjoni (pereż. permezz ta' tnaqqis tal-prezz tagħhom, li ma jfornux kompetitur u b'hekk inaqqsu l-bejgħ tagħhom stess, jew permezz ta' offerti ta' ribassi jew vantaġġi oħra lill-klijenti li jistgħu jnaqqsu l-profitti tagħhom fuq perjodu ta' żmien qasir). Il-kompetituri jistgħu eventwalment jiġu sfurzati barra mis-suq.

186. Ladarba l-kompetituri jkunu ġew preklużi b'suċċess milli jidħlu f'suq, jew ladarba l-preżenza tagħhom fis-suq tkun ġiet ridotta jew eliminata, dawk li jwettqu l-ksur normalment jirkupraw u jibbenefikaw minn profitti miżjuda għad-detriment tal-klijenti tagħhom u tal-kompetituri li ġew esklużi. Meta jiġri dan (jew verament malajr wara li jkun beda l-ksur jew wara ċertu perjodu taż-żmien), il-klijenti jista' jkollhom iħallsu prezz u jsofru nuqqas ta' kwalità jew għażla. L-esklużjoni sħiħa ta' kompetitur minn suq mhijiex prerekwiżit għal dawn l-effetti fuq il-klijenti. Dawn l-effetti jistgħu jseħħu anki mill-bidu nett tal-prattika ta' esklużjoni, u anki jekk il-kompetituri jkunu għadhom fis-suq, sakemm il-pressjoni kompetittiva li jeżerċitaw tkun imdgħajfa.

[140] It-telf ta' opportunità jidentifika l-opportunitajiet tan-negozju esklużi minn impriża minħabba l-prattika illegali ta' esklużjoni.

187. Meta l-prattika ta' esklużjoni tiġi skoperta mill-uffiċjali pubbliċi inkarigati mill-infurzar tal-liġi jew tinġieb fi tmiemha b'konsegwenza ta' azzjonijiet privati, il-kundizzjonijiet kompetittivi jistgħu jiġu progressivament restawrati. Huwa importanti li jiġi indikat li r-restawr tal-kundizzjonijiet tas-suq daqslikieku l-ksur qatt ma seħħ huwa fattwalment impossibbli f'ħafna każijiet. Dan jiddependi l-iżjed fuq effetti strutturali tal-ksur li jistgħu jkunu diffiċli u li jirrikjedu ż-żmien biex jitneħħew (obbligi kuntrattwali eżistenti, effetti ta' netwerk, jew ostakli oħra għad-dħul mill-ġdid ta' kompetitur li kien ġie eskluż). Għaldaqstant, f'xi każijiet ma tkunx tista' sseħħ konverġenza sħiħa bejn ix-xenarju ta' mingħajr il-ksur u l-iżvilupp reali fis-suq.

***B. Approċċ ġenerali għall-kwantifikazzjoni tal-profitti mitlufa***

188. Sabiex jiġi determinat jekk il-kompetituri jkunux sofrew telf ta' profitti, u sa liema punt, hu meħtieġ li jitqabblu l-profitti miksuba mill-kompetituri matul il-ksur fis-suq affettwat minnu mal-profitt li kienu jagħmlu minn dawk il-prodotti f'xenarju ta' mingħajr ksur (jiġifieri x-xenarju kontrafattwali).[141] Kull meta jintwera li l-kompetitur eskluż kien jaqla' profitti ogħla f'xenarju ta' mingħajr ksur, u li d-differenza hi kkawżata mill-ksur, il-kompetitur ikun sofra dannu, anki jekk is-sehem tiegħu fis-suq ma jkunx inbidel jew il-profitti jkunu żdiedu minħabba fatturi oħra.[142]

189. Il-profitti reali li taqla' l-impriża inkwistjoni huma normalment determinati billi jitnaqqsu l-ispejjeż reali sofruti mid-dħul reali li jkun sar. Similarment, il-profitti li kienu jinkisbu f'xenarju mhux ta' ksur (profitti kontrafattwali) jistgħu jiġu determinati billi jitnaqqsu l-ispejjeż stmati f'xenarju mingħajr ksur (spejjeż kontrafattwali)[143] mid-dħul mistenni fin-nuqqas tal-ksur (dħul kontrafattwali).[144] L-ammont ta' profitti mitlufa hu d-differenza bejn il-profitti kontrafattwali u reali. Fil-każ ta' dħul prekluż, il-profitti reali huma normalment żero, jew jistgħu jkunu numru negattiv jekk il-kompetitur eskluż ikun sofra spejjeż (pereż. l-investiment għad-dħul fis-suq) li ma wasslu għall-ebda dħul.

190. Dan l-approċċ bażiku għall-kalkolu tal-profitti mitlufa jista' jiddaħħal fil-prattika f'modi differenti. Pereżempju, hu possibbli li jitqabbel id-dħul kontrafattwali tal-kompetitur eskluż fix-xenarju ta' mingħajr ksur bi dħul reali mis-suq kif affettwat mill-ksur. Ladarba d-dħul mitluf ikun ġie stabbilit, ikun possibbli li jitnaqqsu l-ispejjeż li l-impriża tkun evitat minħabba inqas volumi prodotti, sabiex jinkiseb valur tal-profitti mitlufa. Dan l-approċċ għall-istima ta' profitti mitlufa ma jagħmilhiex meħtieġa li jiġu kwantifikati l-ispejjeż kollha li kienu jkunu sofruti mill-kumpanija, iżda biss stima ta' dawk l-ispejjeż li ma ġewx sofruti minħabba l-ksur.

---

141 Dan ma jikkonċernax talbiet intenzjonati biex tiġi rkuprata biss parti minn dak it-telf, pereż. l-ispejjeż addizzjonali sofruti biss. Tali talbiet fil-prattika jqumu minħabba d-disponibbiltà ta' approċċi iżjed ċari biex jiġi kwantifikat id-dannu sofrut. Ara hawn taħt, il-paragrafu 192.

142 Pereżempju, parteċipant ġdid b'potenzjal għoli għat-tkabbir jista' jżomm il-livelli tal-profitti iżda kien iżidhom mingħajr il-ksur.

143 Meta jiġi stmat it-telf tal-profitt finali mill-impriża inkwistjoni, hu meħtieġ li jiġu kkunsidrati l-ispejjeż addizzjonali li kienet tiffaċċja b'mod naturali jew li jiġu provduti prodotti jew servizzi għal firxa wiesgħa ta' klijenti. F'dan ir-rigward, l-ispiża għal kull unità mill-impriża ma tikkorrispondix neċessarjament mal-ispiża għal kull unità tagħha fix-xenarju kontrafattwali. Pereżempju, fil-każ ta' żieda fir-ritorn fil-kobor, l-ispiża għal kull unità fix-xenarju kontrafattwali tkun inqas mill-ispiża osservata għax il-produzzjoni tal-impriża tkun ogħla fix-xenarju kontrafattwali (jiġifieri kieku ma kinitx ġiet affettwata mill-ksur).

144 Pereż. *Stockholms tingsrätt* (Qorti Distrettwali ta' Stokkolma), sentenza tal-20 ta' Novembru 2008, il-Kawżi Konġunti T 32799-05 u T 34227-05 (*Europe Investor Direct AB u oħrajn v VPC Aktiebolag*), appell pendenti.

191. Hemm ukoll xi approċċi prammatiċi oħra għall-istima tal-profitti mitlufa li jistgħu jkunu xierqa f'ċerti każijiet speċifiċi. Pereżempju, marġni ta' profitt medju għal kull unità tal-prodott negozjat fix-xenarju mingħajr ksur jista' jiġi stmat u mbagħad immultiplikat bin-numru ta' unitajiet li ma nbigħux minħabba l-ksur.[145] Tali stima tal-medja tal-profitt għal kull unità tista' tkun ibbażata fuq tranżazzjoni waħda jew iżjed li jistgħu jiġu kkunsidrati bħala rappreżentattivi biżżejjed tan-negozju tar-rikorrent għall-prodott ikkonċernat. Huwa xieraq li jiġi osservat li f'dan il-kalkolu, l-ispejjeż evitati jiġu inklużi b'mod impliċitu.[146]

192. Il-prattika ta' danni tal-antitrust turi li l-kompetituri esklużi xi kultant jagħżlu li jitolbu d-danni biss għal parti mid-dannu, pereżempju l-ispejjeż dovuti sabiex jirrispondu għal prattika ta' esklużjoni,[147] l-ispejjeż irrekuperabbli ("sunk costs") li saru bl-għan li jidħlu f'suq li minnu kienu ġew esklużi[148] jew l-ammont li ġie meqjus eċċessiv f'każijiet ta' pressjoni fuq il-marġni jew ta' pprezzar diskriminatorju[149] li jiksru l-liġi tal-kompetizzjoni tal-UE. Din l-għażla xi kultant tirriżulta mill-kunsiderazzjoni li l-kwantifikazzjoni ta' dawn il-kapijiet tad-danni hi iżjed ċara jew tirrikjedi inqas dejta, u li l-provi huma iżjed faċilment disponibbli. Barra minn hekk, meta r-rikorrenti jitolbu kumpens għal telf ta' profitti, il-kwantifikazzjoni tad-danni fuq il-bażi tal-ispejjeż addizzjonali dovuti (irrekuperabbli u rekuperabbli) ġeneralment tikkostitwixxi lower bound meta jiġi stmat it-telf sħiħ tal-profitt.

193. Ikunu xi jkunu l-metodu jew teknika magħżula, il-kwantifikazzjoni tal-profitti mitlufa tista' tinvolvi l-istima ta' dejta kumplessa li tirreferi għal sitwazzjoni ipotetika ta' mingħajr ksur, li magħha l-pożizzjoni attwali tal-kompetitur eskluż għandha tiġi evalwata, spiss b'mira lejn żviluppi probabbli fil-futur. L-istima tal-profitti li kienet tagħmel kumpanija, inklużi profitti futuri, tista' tiddependi fuq numru tant kbir ta' fatturi li jista' jkun xieraq li jiġu provduti rekwiżiti inqas onerużi meta wieħed jiġi għall-kwantifikazzjoni. Għaldaqstant, is-sistemi legali jistgħu jippermettu lill-qrati li jeżerċitaw ċerta diskrezzjoni dwar il-figuri u l-metodu statistiku li għandu jintgħażel, u l-mod ta' kif dawn għandhom jintużaw biex jistmaw id-dannu.[150]

## *C. Kompetituri eżistenti*

194. Sabiex jikkwantifikaw id-dannu li sofrew minħabba prattika ta' esklużjoni, il-kompetituri jistgħu jagħżlu li joqogħdu fuq il-metodi jew it-tekniki deskritti fil-Parti 2. Ix-xenarju mingħajr ksur jista' jiġi kostruwit mill-ġdid bi tqabbil mal-prestazzjoni tal-istess impriża f'perjodu taż-żmien li ma kienx affettwat mill-ksur,

145 Għal eżempju ta' approċċ prattiku bbażat fuq dejta reali fuq l-ispejjeż u l-infiq implimentat permezz ta' tekniki tar-rigress, ara *Juzgado Mercantil numero 2 de Barcelona* (Qorti Kummerċjali, Barċellona), deċiżjoni tal-20 ta' Jannar 2011, il-Kawża Nru 45/2010 (Céntrica Enerciga S.L.U. v Endesa Distibucion Electrica S.A.)

146 Sabiex issir stima tal-marġni medja tal-profitti, xorta jista' jkun xieraq li jiġu kkunsidrati kif l-ispejjeż u d-dħul fix-xenarju kontrafattwali kienu jevolvu mingħajr il-ksur. Pereżempju, il-marġni tal-profitt osservati fil-perjodu ta' qabel il-ksur setgħu tnaqqsu matul il-perjodu tal-ksur għal raġunijiet mhux relatati mal-ksur, minħabba tnaqqis fid-domanda jew żieda fl-ispejjeż tal-input li huma kkawżati minn fatturi oħra. Barra minn hekk, it-tnaqqis fl-output tal-kompetitur eskluż jista' jaffettwa l-ispiża għal kull unità tagħha, u b'hekk jaffettwa wkoll il-marġni fuq l-unitajiet li tkompli tbigħ.

147 Pereż. l-ispejjeż tal-kummerċjalizzazzjoni addizzjonali meħtieġa biex tinżamm il-pożizzjoni fis-suq.

148 Pereż. l-ispejjeż tal-bini ta' fabbrika ġdida f'dak is-suq.

149 Ara pereż. *Lietuvos apeliacinis teismas (*Qorti tal-Appell tal-Litwanja), sentenza tas-26 ta' Mejju 2006, il-Kawża Nru 2A-41/2006 (*Stumbras*); *Højesteret* (Qorti Suprema, id-Danimarka), sentenza tal-20 ta' April 2005, il-Kawża Nru 387/2002 (*GT Linien A/S v DSB*).

150 Ara pereżempju l-Kawżi Konġunti C-104/89 u C-37/90 *Mulder u oħrajn v il-Kunsill u l-Kummissjoni* [2000] Ġabra I-203, 79.

impriża simili fl-istess suq, profitti tal-industrija aggregati[151] jew il-prestazzjoni tal-istess impriża jew impriża simili f'suq ieħor minbarra dak li fih tkun seħħet il-prattika ta' esklużjoni. Alternattivament, il-metodi bbażati fuq simulazzjonijiet jistgħu jipprovdu stima tax-xenarju ta' mingħajr ksur, jiġifieri simulazzjoni fuq il-bażi ta' numru ta' suppożizzjonijiet (dwar pereż. it-tip ta' interazzjonijiet kompetittivi bejn id-ditti), x'kienet tkun is-sitwazzjoni probabbli kieku l-kompetitur eskluż kien attiv fis-suq u ma ġiex affettwat mill-prattika ta' esklużjoni. L-użu ta' metodi oħra hu possibbli wkoll, pereż. dejta finanzjarji mill-impriżi involuti jistgħu jipprovdu tagħrif utli dwar ir-ritorn probabbli ta' kumpanniji kieku ma kinux affettwati mill-ksur.

**Rifjut ta' forniment ta' input essenzjali għal solventi kummerċjali**

Worldco hu produttur internazzjonali ewlieni ta' materja prima li hi input essenzjali fil-manifattura ta' solventi kummerċjali. Eusolv hi kumpannija li ilha attiva fis-suq għal solventi kummerċjali mill-1995, u ħafna mid-dħul tagħha hu magħmul mill-bejgħ tal-Betanol. Sabiex tipproduċi l-Betanol, Eusolv tixtri r-Rawbeta mingħand Worldco. Worldco hu dominanti fil-produzzjoni tar-Rawbeta, li hi l-unika materja prima adattata għall-produzzjoni tal-Betanol fuq skala industrijali u bi prezzijiet li jippermettu l-kummerċjalizzazzjoni tal-Betanol. Worldco jipprovdi wkoll ir-Rawbeta lill-kumpannija sussidjarja tiegħu Subco, li ilha mill-2004 tipproduċi Betanol u tikkompeti ma' Eusolv.

Fl-2006, Worldco ddeċieda li jieqaf iforni r-Rawbeta lill-kumpaniji li jbigħu l-Betanol fl-Unjoni Ewropea, bl-eċċezzjoni tal-kumpanija sussidjarja tiegħu Subco. Fil-bidu Eusolv pruvat tikseb biżżejjed Rawbeta minn fornitur alternattiv jew tibdel l-input tar-Rawbeta tagħha b'materja prima oħra prodotta permezz ta' proċessi sperimentali, li huma b'mod sinifikanti iżjed għaljin u jipproduċu żidiet għolja fil-prezz tal-bejgħ tal-Betanol, flimkien ma' tnaqqis fil-kwalità u l-konvenjenza tagħha għal skopijiet kummerċjali. B'konsegwenza ta' dan, Eusolv issofri tnaqqis progressiv fil-bejgħ tagħha u finalment twaqqaf il-produzzjoni tal-Betanol fl-2010. Fl-istess sena, Eusolv tiftaħ kawża għad-danni kontra Worldco u l-kumpanija sussidjarja tagħha Subco sabiex tirkupra l-profitti mitlufa minħabba rifjut ta' forniment. Il-qorti ssib li l-prattika ta' Worldco's kienet tammonta għal abbuż ta' pożizzjoni dominanti projbit mill-Artikolu 102 TFUE.

**(1) Tqabbil matul iż-żmien**

195. Meta prattika ta' esklużjoni taffettwa lill-kompetituri eżistenti, hu probabbli li jkun hemm disponibbli dejta mill-istess impriża f'perjodu mhux affettwat. F'dawn il-każijiet, il-profitti mitlufa mill-kompetitur li ġarrab id-dannu jistgħu jiġu stmati permezz ta' tqabbil matul iż-żmien. Ix-xenarju ta' mingħajr ksur jista', pereżempju, jiġi kostruwit b'referenza għad-dejta dwar id-dħul u l-ispejjeż tal-impriża li ġarrbet id-dannu qabel ma l-ksur ta' esklużjoni produċa effetti.[152] F'ħafna każijiet ta' prattiki ta' esklużjoni, id-dejta minn ksur ieħor ma tkunx disponibbli jew ma tkunx xierqa bl-istess mod, b'mod partikolari jekk il-ksur produċa effetti li jistgħu jibdlu l-istruttura ta' suq u li aktarx mhux se jgħibu f'perjodu taż-żmien qasir, pereżempju meta l-kompetitur ikun ġie eskluż mis-suq u jkun hemm ostakli għad-dħul mill-ġdid fil-

---

151 Ara l-paragrafi 35, 48 u 66.

152 Għal eżempju tal-applikazzjoni ta' qabel u waqt it-tqabbil għall-istima tad-dannu minn prattika ta' esklużjoni projbita mill-Artikolu 101 tat-Trattat, ara *Corte d'Appello di Milano* (Qorti tal-Appell, Milan), sentenza tat-3 ta' Frar 2000, il-Kawża Nru I, 308 (*Inaz Paghe v Associazione Nazionale Consulenti del Lavoro*).

perjodu ta' żmien qasir, jew meta l-kompetitur ikun tilef ishma tas-suq li jistgħu jkunu diffiċli li jiġu rkuprati minħabba effetti ta' netwerk.[153]

Fl-eżempju tal-Betanol, dejta kredibbli minn wara l-ksur mhumiex disponibbli, peress li Eusolv, l-impriża li ġarrbet id-dannu, ma għadhiex iżjed attiva fis-suq, u d-dħul mill-ġdid effettiv tagħha fis-suq jista' ma jseħħx mill-ewwel wara t-teminazzjoni tal-ksur. Eusolv għaldaqstant tiddeċiedi li tikkostruwixxi xenarju ta' mingħajr ksur bl-użu ta' dejta minn qabel l-2006, meta tkun bdiet il-prattika ta' esklużjoni.

196. TF'xi ċirkostanzi, id-dħul ta' qabel il-ksur u d-dejta tal-ispejjeż għat-tqabbil jistgħu jiġu rfinati. Pereżempju, u skont regoli nazzjonali applikabbli dwar il-provi u l-oneru tal-prova, konvenut jista' jikkontesta l-ammont stmat mir-rikorrent billi jiġu indikati elementi oħra li setgħu influwenzaw negattivament il-prestazzjoni ta' impriża u li mhumiex relatati mal-ksur, bħal tnaqqis fl-investiment tal-kummerċjalizzazzjoni, nuqqas ta' kompetittività tal-prodott, jew żieda fl-ispiża tal-inputs li hi speċifika għall-kompetitur li jitlob id-danni. Inkella, jista' jintwera li s-sitwazzjoni tal-kompetitur li ġarrab id-dannu fix-xenarju ta' mingħajr ksur setgħet kienet aħjar milli kienet qabel il-ksur, pereżempju għax kellha potenzjal għat-tkabbir. Ġeneralment, ir-referenza għal perjodu taż-żmien preċedenti mhux affettwat fuq l-istess suq aktarx li tkun iżjed kredibbli iżjed ma l-kompetitur ikun ilu fis-suq u iżjed ma tkun stabbli l-pożizzjoni tiegħu fis-suq. Fi kliem ieħor, ir-referenza għal xenarju ta' qabel il-ksur tista' tibbenefika iżjed mill-aġġustamenti[154] jekk il-kompetitur li ġarrab id-dannu kien parteċipant ġdid fis-suq, peress li kien iżjed probabbli li s-sehem tiegħu fis-suq seta' kien soġġett għal ċaqliq.

Fl-eżempju, Eusolv tipprovdi dejta dwar id-dħul u l-ispejjeż reali globali mill-produzzjoni u l-bejgħ ta' Betanol, kif stabbilit fiċ-ċart li ġejja:




---

[153] Prodott hu soġġett għal effetti ta' netwerk jekk il-valur tiegħu għal kull utent jiżdied hekk kif in-numru tal-utenti jiżdied.

[154] Tali aġġustamenti jistgħu jitwettqu permezz tat-tekniki deskritti hawn fuq fil-paragrafi 59 *ff.*

Sabiex jiġi stabbilit xenarju ta' mingħajr ksur affidabbli, id-dejta minn qabel l-2004 ma jiġux ikkunsidrati għax Subco, l-iżjed kompetitur sinifikanti ta' Eusolv, kienet għadha mhix attiva fis-suq, filwaqt li wara l-2004 u sal-2006 l-Eusolv kellha sehem stabbli fis-suq.

Eusolv, skont ir-regoli nazzjonali dwar l-oneru u l-istandard tal-prova, tipprovdi figuri dwar il-kwantitajiet, dħul u spejjeż li kienu jseħħu fix-xenarju ta' mingħajr il-ksur.

Minħabba applikazzjonijiet dejjem iżjed industrijali tal-Betanol, huwa osservat li d-domanda totali għal dan il-prodott (għaldaqstant, id-daqs tas-suq) kibret b'pass sod. L-istabilità tas-sehem tas-suq ta' Eusolv wara d-dħul ta' Subco fis-suq tal-Betanol hi użata minn Eusolv biex toqgħod fuq is-supożizzjoni li, mingħajr il-ksur, kienet iżżomm sehem tas-suq simili. B'din il-preżunzjoni, Eusolv tipprovdi figuri dwar id-dħul "kontrafattwali" tagħha għas-snin 2006–2010, ikkalkulat fuq il-bażi tal-valur totali tas-suq u s-sehem ta' Eusolv fih. Mill-kontijiet interni tagħha, Eusolv tipprovdi figuri fuq l-ispejjeż tal-unità tagħha għas-snin 2004 sal-2006.[155] Jintwera li l-ispejjeż isegwu mill-viċin il-prezzijiet tal-inputs għall-produzzjoni tal-Betanol, jiġifieri li, pereżempju, żieda fil-prezzijiet tal-input twassal direttament għal żieda korrispondenti fl-ispejjeż. Permezz tal-użu ta' dejta tal-industrija dwar il-prezzijiet tal-input, l-esperti ta' Eusolv jipprovdu stima tal-ispejjeż tal-unità "kontrafattwali" u, pereż. permezz tal-analiżi tar-rigress, ikopru għall-evoluzzjoni fil-prezzijiet tal-input u l-effiċjenzi relatati mal-produzzjoni ta' volumi ogħla. Il-figura għall-ispejjeż "kontrafattwali" globali fis-snin 2006-2010 imbagħad tinkiseb permezz tal-multiplikazzjoni tal-ispiża tal-unità "kontrafattwali" stmata bin-numru tal-unitajiet li kienet tbigħ mingħajr il-ksur.




Il-figuri miksuba huma mqabbla mad-dħul u l-ispejjeż reali iffaċċati minn Eusolv kif ġej: il-profitti reali (dħul reali bi tnaqqis tal-ispejjeż reali) huma mnaqqsa minn profitti kontrafattwali (dħul kontrafattwali bi tnaqqis tal-ispejjeż kontrafattwali). Dan jikkostitwixxi stima tad-danni mitluba minn Eusolv.

Madankollu, Worldco u Subco jargumentaw li sabiex tkun tista' tforni n-numru ta' unitajiet li mistenni jiżdied fl-2006-2010, Eusolv kien ikollha tespandi l-kapaċità tagħha, u b'hekk kienet tiffaċċa spejjeż irrekuperabbli żejda li ma ġewx inklużi fil-kalkolu. Id-difiża hi aċċettata mill-

[155] Dawn jinkludu spejjeż irrekuperabbli, imqassma matul iż-żmien.

qorti, u l-kumpens għal profitti mitluba jitnaqqas b'dan il-mod (billi jitnaqqsu l-ispejjeż irrekuperabbli żejda mistennija għas-snin inkwistjoni, fuq bażi *pro rata*, mill-figura sottomessa minn Eusolv).

197. F'każijiet ta' prattiki ta' esklużjoni, l-ishma fis-suq jistgħu jilagħbu rwol importanti bħala indikatur fil-kalkolu tal-profitti mitluba permezz ta' metodi bbażati fuq komparatur bħal tqabbil matul iż-żmien. Pereżempju, metodu bbażat fuq komparatur jista' jintuża biex jinkiseb is-sehem probabbli fis-suq tal-kompetitur eskluż mingħajr il-ksur. Il-profitti mitlufa jistgħu mbagħad jiġu kwantifikati permezz tal-multiplikazzjoni tad-dejta osservati fuq spejjeż u dħul reali għal kull unità (jew il-marġni tal-profitt medja reali) bil-kwantitajiet żejda korrispondenti mas-sehem fis-suq "kontrafattwali" ogħla mistenni mingħajr il-ksur. Dan joqgħod fuq is-suppożizzjoni li l-ispejjeż u d-dħul għal kull unità ma kinux jinbidlu b'mod sinifikanti fix-xenarju ta' mingħajr ksur, u jistgħu jiġu aċċettati minn sistema legali bħala stima tad-dannu sofrut, possibilment bħala prova *prima facie* jew bħala biżżejjed biex jinqaleb l-oneru tal-prova.[156] Stima iżjed irfinata tevalwa l-evoluzzjoni tal-ispejjeż u d-dħul fix-xenarju ta' mingħajr ksur, sakemm ikunu disponibbli biżżejjed dejta.

198. Meta s-sehem fis-suq jittieħed bħala indikatur fl-istima tal-profitti mitlufa, għandu jiġi kkunsidrat il-fatt li dan jista' jkun soġġett għal ċaqliq ieħor minbarra l-ksur, bħal tnaqqis fl-2004 fis-sehem tas-suq tal-Eusolv fl-eżempju tal-Betanol minħabba d-dħul ta' Subco bħala kompetitur.[157] Jista' jkun ukoll il-każ li jekk il-ksur ikun naqqas id-daqs totali tas-suq, id-dħul għall-kompetitur eskluż abbażi tal-ishma reali fis-suq ikun jirriżulta f'sottovalutazzjoni.

### (2) Metodi oħra bbażati fuq komparatur

199. Swieq ġeografiċi jew ta' prodotti oħra wkoll jistgħu jintużaw bħala komparatur sabiex jinħoloq xenarju ta' mingħajr ksur.[158] Għaldaqstant, l-ispejjeż u d-dħul tal-istess impriża jew impriża simili f'suq differenti jistgħu jittieħdu bħala referenza għall-istima tal-ispejjeż u d-dħul li kien jaqla' l-kompetitur li ġarrab id-dannu kieku ma seħħx il-ksur. Dawn il-metodi jistgħu jintużaw ukoll bħala mezz biex tiġi evalwata l-affidabbiltà ta' stima miksuba minn tqabbil matul iż-żmien jew metodi oħra. Pereżempju, jekk il-prestazzjoni ta' qabel il-ksur tal-kompetitur uniku ta' impriża storikament monopolistika tkun tindika li kien ikollha ċertu sehem fis-suq mingħajr il-ksur, l-istima tista' tittaffa bis-sejba li l-istess impriża jew impriża simili li tikkompeti mas-suq li qabel kien monopolistiku fuq suq ġeografiku komparabbli fil-fatt għandu sehem simili fis-suq, filwaqt li jiġu kkunsidrati d-differenzi possibbli bejn l-impriżi jew is-swieq ikkonċernati.

---

156 Għal eżempju ta' stima tal-qorti bbażata fuq il-multiplikazzjoni tan-numru totali ta' kuntratti konklużi minn min iwettaq il-ksur bis-sehem fis-suq miżmum mir-rikorrenti qabel tkun bdiet il-prattika ta' esklużjoni, ara *Corte d'Appello di Roma* (Qorti tal-Appell, Ruma), sentenza tal-20 ta' Jannar 2003, il-Kawża Nru I, 2474 (*Albacom S.p.A. v Telecom Italia S.p.A.*).

157 Għal din ir-raġuni, fl-eżempju, is-sehem tad-dejta kkunsidrat għall-kwantifikazzjoni hu s-sehem tas-suq stabbli miżmum minn Eusolv wara l-2004.

158 *Juzgado Mercantil numero 5 de Madrid* (Qorti Kummerċjali, Madrid), sentenza tal-11 ta' Novembru 2005, il-Kawża Nru 85/2005 (*Conduit-Europe, S.A. v Telefónica de España S.A.*), ikkonfermata minn *Audiencia Provincial de Madrid* (Qorti tal-Appell, Madrid), sentenza tal-25 ta' Mejju 2006, il-Kawża Nru 73/2006.

### *D. Dħul prekluż tal-kompetituri*

200. Prattiki ta' esklużjoni mhux biss jistgħu jwasslu għal deterjorazzjoni tal-pożizzjoni fis-suq ta' kompetitur eżistenti, iżda wkoll jipprekludu d-dħul ta' kompetitur potenzjali li ma kienx diġà attiv fis-suq. L-esklużjoni ta' parteċipanti ġodda tista' tikkawżalhom dannu verament sinifikanti li minħabba fih jistgħu jkunu intitolati għall-kumpens. Is-sistemi legali għandhom jikkunsidraw id-diffikultajiet inerenti tal-kwantifikazzjoni ta' dan id-dannu u għandhom jiżguraw li l-kawżi għad-danni minn parteċipanti fis-suq preklużi ma jsirux prattikament impossibbli jew eċċessivament diffiċli.[159]

201. Is-sitwazzjoni ta' dħul prekluż tippreżenta ċirkostanzi partikolari li jistgħu jiġu kkunsidrati fil-kwantifikazzjoni tad-dannu. B'mod partikolari, jekk l-impriża li ġarrbet id-dannu kienet lesta li tidħol f'suq li ma kinitx attiva fih qabel, ikun hemm nuqqas inerenti ta' dejta osservabbli dwar il-prestazzjoni tagħha fis-suq.

202. L-approċċ ġenerali għall-kwantifikazzjoni tal-profitti mitlufa mill-kompetituri f'dawn is-sitwazzjonijiet mhuwiex essenzjalment differenti mis-sitwazzjoni tal-esklużjoni tal-kompetituri li jaraw tiddeterjora l-pożizzjoni eżistenti tagħhom fis-suq, għax tinvolvi wkoll il-valutazzjoni tal-profitti kontrafattwali li setgħu ġew iġġenerati mill-kompetitur eskluż mingħajr il-ksur. Dawn jistgħu jitqabblu mas-sitwazzjoni reali. F'każijiet ta' dħul prekluż, hu probabbli li l-kompetitur eskluż m'għamel l-ebda profitti jew anki sofra telf (pereżempju meta l-kompetitur kellu jħallas spejjeż li ma rkuprax billi ma kienx kapaċi jidħol fis-suq).

203. Kif imsemmi hawn fuq, il-kompetituri esklużi jistgħu jiddeċiedu li jitolbu d-danni b'rabta biss mal-ispejjeż li għamlu sabiex jidħlu fis-suq minflok il-profitti kollha mitlufa. Dan l-approċċ jista' jkun iżjed sempliċi milli jitolbu kumpens għal telf ta' profitti għax jinvolvi biss il-kwantifikazzjoni ta' danni irrekuperabbli sofruti mir-rikorrent.

**Il-każ tat-tagħmir mediku**

Newco hi impriża li kienet impenjata biex tidħol fis-suq għal tip partikolari ta' strument mediku fi Stat Membru fejn Medco għandha pożizzjoni dominanti. Sabiex tagħmel profitt, Newco kien se jkollha bżonn li tikseb daqs minimu fis-suq sabiex tieħu vantaġġ mill-ekonomiji tal-kobor.

Peress li beżgħet li se titlef bejgħ sostanzjali minħabba Newco, Medco kkonkludiet ftehim ta' xiri esklużiv ma' numru ta' klijenti sabiex jipprekludu lil Newco milli tikseb din l-iskala minima. B'konsegwenza ta' dan, Newco ma setgħatx tikkompeti ma' Medco għal dawn il-klijenti u ma kinitx kapaċi tidħol fis-suq u tagħmel il-qligħ, u dan wassal għal prezzijiet medji ogħla għall-konsumaturi milli kieku Newco kienet daħlet fis-suq. Peress li l-aġir ta' Medco ġie meqjus bħala li jikser l-Artikolu 102 TFUE, Newco kienet tkun intitolata li titlob kumpens għall-profitti li tilfet b'konsegwenza tal-ksur. Madankollu, sabiex tevita li titwettaq analiżi sħiħa tat-telf tal-profitti, Newco talbet biss kumpens għall-ispejjeż irrekuperabbli li kienet diġà sofriet sabiex tistabbilixxi impjant ġdid u tidħol fis-suq (inklużi pereż. spejjeż finanzjarji u spejjeż mhux rekuperabbli fuq materjal tal-input mixtri).

[159] F'xi każijiet, ikun possibbli taħt ir-regoli legali applikabbli li jiġi kwantifikat dan id-dannu permezz ta' approċċi prammatiċi, bħal kalkolu tal-valur totali tas-suq mitluf f'termini ta' profitti, multiplikat b'perċentwal li jesprimi s-sehem tas-suq li l-impriża eskluża aktarx li kienet tikseb. Pereżempju jekk il-profitti totali ġenerati minn impriżi attivi fis-suq rilevanti wara l-ksur kienu jammontaw għal 200 miljun ewro, u jekk huwa stmat li, fin-nuqqas tal-ksur, il-kompetitur eskluż kien ikollu 30 fil-mija tas-sehem tas-suq, il-profitt mitluf jista' jiġi stmat, taħt dan l-approċċ, b'60 miljun ewro.

204. F'każijiet fejn id-dħul tal-kompetituri hu prekluż, m'hemmx dejta dwar id-dħul u l-ispejjeż ta' qabel il-ksur għas-suq ikkonċernat, filwaqt li d-dejta ta' qabel il-ksur ma setgħux jintużaw b'mod ugwali sabiex ikunu referenza għal tqabbil fiż-żmien minħabba l-effetti tal-ksur. F'dawn il-każijiet, referenza għal suq ġeografiku jew ta' prodott komparabbli fejn l-istess impriża jew impriża komparabbli hi attiva tista' tirriżulta f'mezz aħjar għall-ħolqien ta' xenarju ta' mingħajr ksur. Is-swieq tal-prodott jew ġeografiċi kkonċernati għandhom joffru livell suffiċjenti ta' similarità, għalkemm jista' jkun possibbli li jsir aġġustament għal xi differenzi bejn is-swieq.[160]

205. F'xi każijiet, l-istima tal-prestazzjoni finanzjarja tal-kompetitur tista' tkun biżżejjed biex jinstabu dejta sabiex jiġu stmati l-profitti ta' mingħajr ksur.[161]

Fis-sitwazzjoni msemmija fl-eżempju ta' hawn fuq, nassumu li Newco tkun lesta tforni lill-ikbar tliet ċentri tas-saħħa privati fi Stat Membru b'tip innovattiv ta' films għal magni tar-raġġi X. Nassumu li normalment is-suq għal dan it-tip ta' tagħmir mediku għal ċentri tas-saħħa privati hu suq tat-tfigħ tal-offerti. Minħabba titjib teknoloġiku, Newco hi kapaċi toffri l-prodotti tagħha bi prezz iżjed baxx minn Medco. Madankollu, Medco, li għandha pożizzjoni dominanti fis-suq għal magni tar-raġġi X, torbot dawn il-prodotti billi tapplika prezz ogħla għal magni tar-raġġi X lil ċentri li ma jixtrux il-films mingħandha. B'konsegwenza, Newco ma tirbaħ l-ebda kuntratt. F'dawn iċ-ċirkostanzi, Newco wriet li kienet kapaċi tforni l-kwantitajiet mitluba miċ-ċentri għall-prezz offrut, u provdiet dejta dettaljati dwar l-ispejjeż tagħha. Abbażi ta' dawn id-dejta, u fuq is-suppożizzjoni li Newco kienet tintgħażel bħala kuntrattatur f'dawk il-każijiet fejn hi offriet l-iżjed prezz baxx, il-marġni tal-profitti mistennija jistgħu jiġu stmati mingħajr ma wieħed ikollu għalfejn jagħmel tqabbil fiż-żmien jew ma' swieq ġeografiċi jew ta' prodott ieħor.

*E. Kumpens għal telf fil-futur*

206. Meta l-kompetituri esklużi jitolbu kumpens, jistgħu jitolbu mhux biss kumpens għall-profitti mitlufa matul il-perjodu tal-ksur, iżda wkoll għal dawk il-profitti li jkunu tilfu wara t-terminazzjoni tagħha.[162] Dan hu rilevanti, b'mod partikolari, fejn ma setgħux jerġgħu jidħlu fis-suq jew jirkupraw b'mod sħiħ is-suq tagħhom minħabba l-effetti fit-tul tal-ksur terminat. Imbagħad jintalab kumpens għal profitti futuri, jiġifieri profitti li aktarx li se jintilfu wara li tinġieb u tiġi aġġudikata t-talba għall-kumpens.

207. L-isfidi għall-kwantifikazzjoni ta' dan it-telf ma jinsabux biss fit-tekniki li għandhom jintużaw, iżda għandhom x'jaqsmu wkoll mal-perjodu taż-żmien li matulu profitt mitluf ikun għadu jista' jiġi identifikat u kkumpensat. Il-liġi nazzjonali tilgħab rwol importanti f'dan il-kuntest, pereżempju billi tiddetermina taħt liema ċirkostanzi telf

---

160 Dan jista' jsir, pereżempju, permezz ta' analiżi tar-rigress, sakemm ikun hemm biżżejjed dejta disponibbli. Ara hawn fuq, paragrafi 69 *ff.*. Bħala eżempju ta' prattika ta' esklużjoni fejn l-użu ta' suq ġeografiku differenti ġie, bħala prinċipju, aċċettat bħala komparatur ara *Juzgado Mercantil numero 5 de Madrid* (Qorti Kummerċjali, Madrid), sentenza tal-11 ta' Novembru 2005, il-Kawża Nru 85/2005 (*Conduit-Europe, S.A. v Telefónica de España S.A.*), ikkonfermata minn *Audiencia Provincial de Madrid* (Qorti tal-Appell, Madrid), sentenza tal-25 ta' Mejju 2006, il-Kawża Nru 73/2006.

161 Għal illustrazzjoni tal-kwantifikazzjoni tad-dannu għal parteċipant ġdid li ġie eskluż milli jipparteċipa fis-suq, ara *Oberlandesgericht Düsseldorf* (Qorti Reġjonali Superjuri, Düsseldorf), deċiżjoni tas-16 ta' April 2008, il-Kawża Nru VI-2 U (kart) 8/06, 2 U 8/06 (*Stadtwerke Düsseldorf*).

162 Għal eżempju ta' każ ta' għoti ta' danni anki għall-perjodu ta' wara t-tmiem tal-ksur, ara ∅stre landsrets (Qorti Għolja tal-Lvant, id-Danimarka), sentenza tal-20 ta' Mejju 2009, il-Kawża Nru B-3355-06 (*Forbruger-Kontakt a-s v Post Danmark A/S*).

futur jista' jiġi rkuprat, jew billi tistabbilixxi regoli prammatiċi sabiex tindirizza din il-kwistjoni fuq bażi ta' kull każ għalih.[163]

208. Fatturi li aktarx jaffettwaw l-għażla tal-limitu ta' żmien rilevanti għat-talba tat-telf ta' profitt fil-futur jistgħu jinkludu, pereżempju, iż-żmien li aktarx hemm bżonn sabiex wieħed jidħol mill-ġdid fis-suq inkwistjoni. F'każijiet oħra, din l-istima tista' tkun iżjed faċli minħabba ċ-ċirkostanzi tal-każ. Pereżempju, fl-eżempju tal-magna tar-raġġi X hawn fuq, it-tul taż-żmien tal-kuntratti li Newco kienet tagħmel offerti għalihom jista' jikkostitwixxi perjodu taż-żmien raġonevoli li matulu t-telf ta' profitti fil-futur għandu jiġi kkumpensat taħt ir-regoli nazzjonali. F'każijiet oħra, iż-żmien li fih l-impriża setgħet raġonevolment tkompli tipproduċi l-oġġetti jew tipprovdi s-servizzi fin-nuqqas ta' investimenti ġodda seta' jiġi kkunsidrat ukoll.

Fl-eżempju tal-Betanol, Eusolv tista' titlob kumpens anki għall-profitti li setgħet tikseb wara l-2010, meta ġiet eskluża mis-suq u fetħet kawża għad-danni. F'dan il-każ, ikun possibbli li jintużaw l-istess tekniki mħaddma biex jiġi kostruwit mill-ġdid ix-xenarju ta' mingħajr ksur fis-snin 2006–2010 u jiġi proġettat iżjed 'il quddiem fil-futur. Naturalment, il-profitti mitlufa għall-futur ma jistgħux jintalbu għal tul ta' żmien indefinit. Eusolv iddeċidiet li tieħu bħala punt ta' riferiment iż-żmien li aktarx ikun meħtieġ għal Eusolv biex terġa' tidħol fis-suq ladarba l-ksur ikun intemm.




### III. KWANTIFIKAZZJONI TAD-DANNU GĦALL-KLIJENTI

209. Impriżi li jwettqu kollużjoni jew jabbużaw mill-pożizzjoni dominanti tagħhom sabiex jeskludu kompetitur jistgħu jiffaċċaw spejjeż jew tnaqqis temporanju fil-profitti tagħhom sabiex jimplimentaw il-ksur. Dan is-sagrifiċċju jsir sabiex tinkiseb distorsjoni tal-proċess kompetittiv li eventwalment ipoġġi lil min wettaq il-ksur f'pożizzjoni fejn jaqilgħu profitti ogħla bis-saħħa tal-kundizzjonijiet tas-suq distorti miksuba, biex b'hekk jippermettulhom li jirkupraw, bi spejjeż għall-klijenti tagħhom, it-telf jew it-tnaqqis fil-profitti temporanji li jkunu sofrew sabiex kisbu dik il-

163 Meta jiġu stmati profitti fil-futur, huwa normalment xieraq li jiġi skontat il-valur tagħhom sabiex jirriflettu t-telf fil-valur tal-flus matul iż-żmien.

pożizzjoni. It-taqsimiet li ġejjin se jindirizzaw żewġ sitwazzjonijiet tipiċi ta' dannu lill-klijenti kkawżati minn prattiki ta' esklużjoni. Għall-finijiet tal-kwantifikazzjoni, id-dannu kkawżat lill-klijenti minn prattiki ta' esklużjoni jista' jkun analogu għal dak ikkawżat mill-ksur li jwassal għal żieda fil-prezzijiet, li hu diskuss f'iżjed dettall fil-Parti 3 tal-Gwida Prattika.

## *A. Irkupru*

210. L-iżjed eżempju ċar tad-dannu kkawżat lill-klijenti fil-fażi tal-irkupru tal-prattiki ta' esklużjoni hu l-ipprezzar predatorju, meta impriża tabbuża mill-pożizzjoni dominanti tagħha billi tistabbilixxi l-prezzijiet tagħha f'livell artifiċjalment baxx li ma jistgħux jikkompetu miegħu l-kompetituri tagħha, li eventwalment iħallu s-suq jew isofru tnaqqis fis-sehem tas-suq tagħhom. Ladarba l-kompetituri jkunu ġew esklużi mis-suq, jew ladarba jkun inkiseb sehem ikbar fis-suq, dawk li jwettqu l-ksur ikunu jistgħu jgawdu profitti ogħla minħabba restrizzjonijiet kompetittivi iżjed dgħajfa.

211. L-irkupru jista' jitqies bħala fażi komplimentari tal-ksur li jista' jirriżulta f'effetti tal-overcharge għall-klijenti ta' min iwettaq il-ksur. Dawn l-effetti tal-overcharge jikkostitwixxu dannu kkawżat mill-prattika ta' esklużjoni, u l-klijenti jistgħu jfittxu kumpens għalihom.

**Rkupru f'każ ta' prezzar predatorju**

Inqisu, pereżempju, is-suq għal titjiriet fuq rotta partikolari bejn żewġt ibliet. Titan Airlines topera f'dan is-suq f'pożizzjoni dominanti, u hija impriża stabbilita li toffri servizz ta' titjiriet ta' kwalità għolja għal tariffa standard ta' EUR 1 000. Parteċipant ieħor f'dan is-suq speċifiku, li però huwa iżgħar, hija Bluesky Airlines, li riċentement bdiet topera fl-istess rotta bi prezzijiet ta' EUR 800.

Titan Airlines tinvolvi ruħha fi pprezzar predatorju billi strateġikament tnaqqas it-tariffa tagħha għal prezz standard ta' EUR 500. Bluesky Airlines tesperjenza diffikultajiet biex tilħaq dawn it-tariffi predatorji, u b'konsegwenza ta' dan ma tibqax tagħmel profitt u eventwalment tiġi eskluża mis-suq. Titan Airlines, li hi dominanti, f'dak il-każ tieħu vantaġġ mit-tnaqqis tal-kompetizzjoni u żżid il-profitti tagħha billi tgħolli t-tariffi għal livell li hu ogħla mit-tariffi ta' qabel il-predazzjoni, jiġifieri li jaqbżu l-prezz standard tal-bidu ta' EUR 1 000. Kieku Titan Airlines, sakemm jerġa' jidħol kompetitur fis-suq, kellha timponi prezz ta' EUR 1 100, il-klijenti tagħha jkollhom, minħabba l-ksur, iħallsu overcharge ta' EUR 100.

212. Meta l-overcharges li jirriżultaw mill-irkupru jkollhom jiġu kwantifikati, il-kwadru kunċettwali li japplika bħala prinċipju ma jkunx differenti minn dak diskuss fil-Parti 3, jiġifieri dwar il-ksur li jwassal iżjed direttament għal żieda fil-prezzijiet. Peress li d-dannu kkawżat minn prattika ta' esklużjoni mhuwiex limitat għal kompetituri ta' min iwettaq il-ksur iżda jestendi għall-klijenti kollha f'suq speċifiku, il-kwistjonijiet diskussi fil-kwadru tad-dannu tal-overcharge huma għaldaqstant rilevanti wkoll f'dan ix-xenarju.

213. Il-pożizzjoni miksuba minn impriża fis-suq minħabba ksur ta' esklużjoni ma twassalx fil-każijiet kollha għal żieda fil-prezz għall-klijenti tal-impriża li twettaq il-ksur. Madankollu, anki f'dawn il-każijiet, il-klijenti xorta waħda tista' ssirilhom ħsara mill-ksur, pereżempju jekk dan iwassal għal kwalità mnaqqsa. Fl-eżempju, jista' jiġri li l-impriża dominanti Titan Airlines terġa' tagħmel l-istess prezz standard ta' EUR 1 000 , u ma taqbiżx it-tariffi li kienet tħallas qabel l-esklużjoni ta' Bluesky Airlines. Il-passiġġieri li jivvjaġġaw f'din ir-rotta partikolari huma madankollu affettwati negattivament, pereżempju jekk Titan Airlines tieħu l-opportunità ta' inqas limitazzjonijiet kompetittivi biex tbaxxi l-istandard tas-servizz tagħha fit-titjira.

214. Klijenti tal-kompetitur eskluż jistgħu jsibu ruħhom f'sitwazzjoni differenti minn klijenti ta' min iwettaq il-ksur, għax jistgħu jkollhom jaqilbu għall-prodotti mibjugħa mill-impriża li twettaq il-ksur peress li l-kompetitur jiġi eskluż mis-suq. Minbarra l-possibbiltà ta' kwalità mnaqqsa, jistgħu jkollhom iħallsu lill-impriżi li wettqu l-ksur prezzijiet li huma ogħla mill-prezzijiet imħallsa għall-prodotti mibjugħa mill-impriża eskluża. Skont ir-regoli legali applikabbli, jistgħu jitħallew juru li, mingħajr il-ksur, kienu jixtru mingħand il-kompetitur eskluż bi prezz iżjed baxx. F'dan il-każ, l-effett li għandu jiġi kkunsidrat hu, bħala prinċipju, simili għal overcharge. L-overcharge jista' jiġi kkalkulat billi jitqabbel il-prezz tal-prodott mibjugħ mill-impriża li twettaq il-ksur fix-xenarju reali ma' dak mill-impriża eskluża fix-xenarju ta' mingħajr ksur.

Pereżempju, passiġġieri li kienu jivvjaġġaw bil-Bluesky Airlines qabel l-esklużjoni tagħha jistgħu jiffaċċjaw overcharge meta, minħabba l-esklużjoni ta' Bluesky Airlines mis-suq, jiġu mġiegħla jtiru b'tariffi ogħla ma' Titan Airlines. L-overcharge tista' tiġi stmata bħala d-differenza bejn il-prezz attwali ta' EUR 1 000 mħallas lil Titan Airlines u l-prezz ta' EUR 800 li Bluesky Airlines kienet titlob, kieku ma ġietx eskluża mis-suq. F'dan il-każ, l-overcharge sofrut mill-passiġġieri li ġew imġiegħla jaqilbu minn Bluesky Airlines għal Titan Airline jista' jiġi stmat bħala EUR 200.

### B. *Dannu għal kompetituri bħala klijenti ta' min iwettaq il-ksur*

215. F'każijiet fejn il-kompetitur ikun ukoll klijent ta' min iwettaq il-ksur, il-prattika ta' esklużjoni tista' tkun ta' ħsara għall-kompetitur safejn dan ikun jixtri mingħand min iwettaq il-ksur. F'dawn is-sitwazzjonijiet, il-kompetitur eskluż mhux biss jista' jitlob kumpens għaż-żieda fl-ispejjeż ikkawżata mill-ksur, iżda jkun jista' jagħżel ukoll li jitlob kumpens għall-profitti mitlufa minħabba li l-volumi riżultanti prodotti jew mibjugħa huma inqas milli kieku l-ksur ma sarx.[164]

216. Jista' jiġi osservat li, għall-finijiet tal-kwantifikazzjoni, il-kompetituri li jsofru overcharge jkunu f'pożizzjoni analoga ma' dik tal-klijenti jew il-membri ta' kartell jew ksur ieħor li jwassal għal overcharge. Sabiex jiġi spjegat dan, hu possibbli li jittieħed l-eżempju tal-Betanol, u li nassumu li iżjed milli tirrifjuta li tforni r-Rawbeta lil Eusolv, id-ditta dominanti Worldco tiddeċiedi li żżid il-prezz li titlob lil Eusolv għar-Rawbeta sabiex tagħmel pressjoni fuq il-marġni tal-profitt tagħha. F'din is-sitwazzjoni, iqumu kunsiderazzjonijiet simili bħal fil-każ ta' żieda fil-prezz iġġenerata minn tipi oħra ta' ksur. Fl-eżempju, Eusolv titlob kumpens għall-overcharge rappreżentat mid-differenza bejn il-prezz li tkun ħallset minħabba l-prattika ta' esklużjoni u l-prezz li kienet tħallas mingħajr il-ksur. Jekk l-overcharge ikun ġie trasferit, jistgħu jinġiebu wkoll talbiet għad-danni mill-klijenti proprji ta' Eusolv, u Eusolv stess tkun tista' titlob kumpens għall-volumi mitlufa minħabba ż-żieda fil-prezz.

164 Għal eżempju tal-istima tad-danni fi pprezzar diskriminatorju li jaffettwa kompetitur bħala klijent ta' min iwettaq il-ksur, ara *Højesteret*(Qorti Suprema, id-Danimarka), sentenza tal-20 ta' April 2005, il-Kawża Nru 387/2002 (*GT Linien A/S v DSB*).

# Tabella ta’ każijiet ikkwotati

## Qorti tal-Ġustizzja tal-UE

Il-Kawża 238/78 *Ireks-Arkady GmbH v il-Kunsill u l-Kummissjoni* [1979] Ġabra 2955.

Il-Kawża C-271/91 *Marshall* [1993] Ġabra I-4367.

Il-Kawża C-308/87 *Grifoni II* [1994] Ġabra I-341.

Il-Kawżi Konġunti C-104/89 u C-37/90 *Mulder et. v il-Kunsill u l-Kummissjoni* [2000] Ġabra I-203.

Il-Kawża C-453/99 *Courage* [2001] ĠabraI- 6297.

Il-Kawża C-147/01 *Weber’s Wine World* [2003] Ġabra I-11365.

Il-Kawżi Konġunti minn C-295/04 sa 298/04 *Manfredi* [2006] Ġabra I-6619.

Il-Kawża C-360/09 *Pfleiderer*, [2011] Ġabra I-5161.

Il-Kawża C-199/11, *il-Komunità Ewropea v. Otis NV u oħrajn*, [2012], li kienu għadhom ma ġewx irrappurtati.

## Qorti Ġenerali

Il-Kawża T-202/98 *Tate & Lyle v il-Kummissjoni* [2001] Ġabra II-2035

Il-Kawżi Konġunti T-25/95 eċċ. *Cimenteries CBR SA v il-Kummissjoni* [2000] Ġabra II-491

## Qrati tal-Istati Membri

*Corte d’Appello di Milano* (Qorti tal-Appell, Milan), sentenza tat-3 ta’ Frar 2000, il-Kawża Nru I, 308 (*Inaz Paghe v Associazione Nazionale Consulenti del Lavoro*).

*Corte d’Appello di Roma* (Qorti tal-Appell, Ruma), sentenza tal-20 ta’ Jannar 2003, il-Kawża Nru I, 2474 (*Albacom S.p.A. v Telecom Italia S.p.A.*).

*Corte d’Appello di Milano* (Qorti tal-Appell, Milan), sentenza tal-11 ta’ Lulju 2003, (*Bluvacanze*)

*Cour d’Appel de Paris* (Qorti tal-Appell, Pariġi), sentenza tat-23 ta’ Ġunju 2003 (*Lescarcelle-De Memoris v OGF*)

*Landgericht Dortmund* (Qorti Reġjonali, Dortmund), sentenza tal-1 ta’ April 2004, il-Kawża Nru 13 O 55/02 Kart (*Vitaminpreise*).

*Højesteret* (Qorti Suprema, id-Danimarka), sentenza tal-20 ta’ April 2005, il-Kawża Nru 387/2002 (*GT Linien A/S v DSB*).

*Bundesgerichtshof* (Qorti Federali tal-Ġustizzja, il-Ġermanja), sentenza tat-28 ta’ Ġunju 2005, każ Nru KRB 2/05 (*Transportable concrete*)

*Juzgado Mercantil numero 5 de Madrid* (Qorti Kummerċjali, Madrid), sentenza tal-11 ta’ Novembru 2005, il-Kawża Nru 85/2005 (*Conduit-Europe, S.A. v Telefónica de España S.A.*),

*Audiencia Provincial de Madrid* (Qorti tal-Appell, Madrid), sentenza tal-25 ta’ Mejju 2006, il-Kawża Nru 73/2006.

*Lietuvos apeliacinis teismas* (Qorti tal-Appell tal-Litwanja), sentenza tas-26 ta’ Mejju 2006, il-Kawża Nru 2A-41/2006 (*Stumbras*)

*Corte Suprema di Cassazione* (Qorti Suprema tal-Kassazzjoni, l-Italja) sentenza tat-2 ta’ Frar 2007, il-Kawża Nru 2305 (*Fondiaria SAI SpA v Nigriello*).

*Bundesgerichtshof* (Qorti Federali tal-Ġustizzja, il-Ġermanja), sentenza tad-19 ta’ Ġunju 2007, il-Kawża Nru KBR 12/07 (*Kartell tal-Bejgħ bl-Ingrossa tal-Karta*)

*Landesgericht für Zivilrechtssachen Graz* (Qorti Ċivili Reġjonali ta' Graz), sentenza tas-17 ta’ Awwissu 2007, il-Kawża Nru 17 R 91/07 p (*Skola tas-sewqan*).

*Oberlandesgericht Düsseldorf* (Qorti Reġjonali Superjuri, Düsseldorf), sentenza tas-16 ta’ April 2008, il-Kawża Nru VI-2 U (kart) 8/06, 2 U 8/06 (*Stadtwerke Düsseldorf*).

*Stockholms tingsrätt* (Qorti Distrettwali ta’ Stokkolma), sentenza tal-20 ta’ Novembru 2008, il-Kawżi Konġunti T 32799-05 u T 34227-05 (*Europe Investor Direct AB u oħrajn v VPC Aktiebolag*), appell pendenti.

*Tribunal Administratif de Paris* (Il-Qorti Amministrattiva ta’ Pariġi), sentenza tas-27 ta’ Marzu 2009, (*SNCF V Bouygues*).

*Østre landsrets* (Qorti Superjuri tal-Lvant, id-Danimarka), sentenza tal-20 ta’ Mejju 2009, każ Nru B-3355-06 (*Forbruger-Kontakt a-s v Post Danmark A/S*).

*Kammergericht Berlin* (Qorti Reġjonali Superjuri, Berlin), sentenza tal-1 ta’ Ottubru 2009, il-Kawża Nru 2 U 10/03 Kart.

*Kammergericht Berlin* (Qorti Reġjonali Superjuri, Berlin), sentenza tal-11 ta' Ġunju 2010, il-Kawża Nru 6 U 118/05; appellat lill-Qorti Federali tal-Ġustizzja (ara hawn taħt).

*Juzgado Mercantil numero 2 de Barcelona* (Qorti Kummerċjali, Barcelona), sentenza tal-20 ta’ Jannar 2011, il-Kawża Nru 45/2010 (*Céntrica Energìa S.L.U./Endesa Distribuciòn Eléctrica S.A.*).

*Bundesgerichtshof* (Qorti Federali tal-Ġustizzja), sentenza tat-28 ta’ Ġunju 2011, il-Kawża Nru KZR 75/10.

*Competition Appeal Tribunal,* sentenza tat-28 ta’ Marzu 2013, il-Kawża Nru 1166/5/7/10 (*Albion Water Limited v Dŵr Cymru Cyfyngedig*).